



Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2022/0047(COD)

2.2.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
regoli armonizzati dwar l-aċċess għad-data u l-użu tagħha (L-Att dwar id-
Data)

(COM(2022)0068 – C9-0051/2022 – 2022/0047(COD))

Rapporteur għal opinjoni (*): Adam Bielan(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57
tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legapp

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-importanza dejjem tikber tad-data għall-industrija u l-ekonomija kollha kemm hi teħtieġ il-ftuħ ta' aktar mezz li permezz tagħhom jista' jkun hemm fluss tad-data u terġa' tintuża biex jitfasslu prodotti u servizzi ġodda. B'mod parallel mad-disinn tal-importanza tad-data għall-ekonomija, qed naraw żieda simetrika fid-diġitalizzazzjoni ta' prodotti individwali. Filwaqt li b'mod ġenerali dan huwa fenomenu pożittiv, jista' jintroduċi sfidi għall-partijiet ikkonċernati li għandhom aċċess limitat għad-data. Dan jinkludi pereżempju l-manifatturi tal-karozzi: l-adattament tal-elementi elettroniċi jista' jipprevjeni lill-ħwienet tat-tiswija indipendenti jew lill-manifatturi tal-parts milli jipprovdu servizzi u prodotti lill-klijenti tagħhom, u b'hekk jillimitaw l-għażla u l-kompetizzjoni. F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li jiġi żgurat li d-data disponibbli għal partijiet terzi jkun fiha informazzjoni li hija possibbli li tintuża u tiġi analizzata.

Is-servizzi tal-cloud saru essenzjali għall-użu tad-data disponibbli. F'konformità mal-"miri diġitali għall-2030" tal-Kummissjoni, nemmen li l-kompetittività tas-settur tas-servizzi u tal-industrija Ewropej tiddependi ħafna fuq l-adozzjoni aċċellerata tas-servizzi tal-cloud. Wieħed mill-ostakli ewlenin li jista' jwassal biex l-UE ma tilħaqx il-miri tagħha huwa relatat maż-żieda fit-tariffi bil-quddiem għall-kumpaniji biex jaqilbu għas-servizzi tal-cloud kif ukoll offerta limitata mill-fornituri tas-servizzi tal-cloud. Filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni tenfasizza l-prinċipji t-tajba, l-implimentazzjoni tagħha tidher pjuttost ta' sfida: il-proposta ma tirrikonoxxi li l-użu tas-servizzi tal-cloud ivarja bejn il-parteċipanti fis-suq. Il-mod kif dawn is-servizzi jiġu implimentati fi ħdan in-netwerk ta' servizzi, applikazzjonijiet u dipendenzi oħra tal-klijenti rarament ikun identiku. Bl-istess mod, il-kunċett ta' ekwivalenza funzjonali jista' jkun problematiku, peress li jimponi obbligi fuq il-fornituri tas-sors li huma impossibbli li jikkonformaw magħhom, sakemm ma jkollhomx aċċess għall-infrastruttura tal-fornitur tas-servizzi tal-cloud tad-destinazzjoni. Anki jekk dan kien possibbli, l-ekwivalenza funzjonali tfixkel il-bilanċ bejn dak li jista' jkun raġonevolment mistenni minn żewġ fornituri ta' servizzi cloud li jipparteċipaw fil-proċess tal-qlib, jew f'dak li jirrigwarda l-kondiviżjoni ta' għarfien sensitiv jew l-isfurzar tar-responsabbiltà għat-twettiq tas-servizz kompetitur.

Il-klijent għandu jkun dak li jieħu d-deċiżjonijiet aħħari li jiddeċiedi meta jaqleb għal furnitur ieħor, jintroduċi ambjent multiplu jew jemigra lura lejn iċ-ċentru tad-data fuq il-post. Sabiex il-klijent jibbenefika bis-sħiħ mill-computing online, il-fornituri tas-servizzi għandhom jikkompetu abbażi tal-funzjonalitajiet u l-ipprezzar tas-servizzi tagħhom. Illum, huwa diffiċli għall-klijenti li jaċċessaw l-informazzjoni essenzjali biex jieħdu deċiżjonijiet kummerċjali

tajbin. Din hija r-raġuni għaliex iddeċidejt li nintroduċi għadd ta' obbligi li jirrikjedu li l-fornituri tas-servizzi tal-cloud jappoġġjaw lill-klijenti qabel u waqt il-konklużjoni ta' kuntratt. Element ewlieni hawnhekk huwa li jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' strateġija ta' ħruġ tal-klijenti mhux invażiva, li tipprevjeni l-effett ta' intrappolament potenzjali. Bl-istess mod, għall-għadd ta' obbligi bħal kuntratti għal żmien qasir jew perjodu ta' żmien speċifikat għall-proċess tal-qlib, il-klijent għandu jżomm id-diskrezzjoni li jużah fejn tkun ta' benefiċċju għall-organizzazzjoni tiegħu/tagħha. Dawn il-miżuri jiffaċilitaw ambjent prevedibbli, obligatorju biex jiġu pjanati deċiżjonijiet kummerċjali fit-tul.

Fl-aħħar nett, sabiex jinżamm l-aċċess għall-aktar servizzi ġodda tal-cloud għall-kumpaniji Ewropej u tinżamm l-innovazzjoni, xi servizzi magħmula apposta jew li għadhom qed jiġu żviluppati għandhom joperaw mingħajr piżijiet bla bżonn. Servizzi aktar maturi, kemm jekk IaaS, PaaS jew SaaS, għandhom isiru interoperabbli permezz tal-ispeċifikazzjonijiet miftuħa. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, approċċ bħal dan immexxi mill-industrija jiffaċilita ċ-ċaqliq tal-klijenti bejn is-servizzi ekwivalenti u t-trasferiment tad-data.

Bis-saħħa tal-proposta tal-Kummissjoni, is-suġġett tas-servizzi tal-cloud jirċievi l-isparzju li jistħoqqlu u li ilu mistenni fid-dibattitu pubbliku u leġiżlattiv dwar il-futur tas-suq uniku. Huwa importanti li dan jiġi ttrattat bl-akbar attenzjoni u li ssir enfasi fuq it-twassil ta' għodod aġli għall-klijenti, li se jtejjbu dawn il-kapaċitajiet biex ikomplu jiżviluppaw l-ekonomija tal-UE.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) "F'dawn l-aħħar snin, it-teknoloġiji xprunati mid-data kellhom effetti trasformattivi fuq is-setturi kollha tal-

Emenda

(1) "F'dawn l-aħħar snin, it-teknoloġiji xprunati mid-data kellhom effetti trasformattivi fuq is-setturi kollha tal-

ekonomija. Il-proliferazzjoni fi prodotti konnessi mal-internet tal-oġġetti b'mod partikolari żiedet il-volum u l-valur potenzjali tad-data għall-konsumaturi, għan-negozji u għas-soċjetà. Data ta' kwalità għolja u interoperabbli minn oqsma differenti żżid il-kompetittività u l-innovazzjoni u tiżgura tkabbir ekonomiku sostenibbli. L-istess sett ta' data jista' potenzjalment jintuża u jintuża mill-ġdid għal varjetà ta' skopijiet u sa grad mhux limitat, mingħajr ebda telf fil-kwalità jew fil-kwantità tiegħu.

ekonomija. Il-proliferazzjoni fi prodotti konnessi mal-internet tal-oġġetti b'mod partikolari żiedet il-volum u l-valur potenzjali tad-data għall-konsumaturi, għan-negozji u għas-soċjetà. Data ta' kwalità għolja u interoperabbli minn oqsma differenti żżid il-kompetittività u l-innovazzjoni u tiżgura tkabbir ekonomiku sostenibbli. L-istess sett ta' data jista' potenzjalment jintuża u jintuża mill-ġdid għal varjetà ta' skopijiet u sa grad mhux limitat, mingħajr ebda telf fil-kwalità jew fil-kwantità tiegħu, ***filwaqt li jiġu rrispettati l-għażliet tal-utenti u l-leġiżlazzjoni applikabbli li tipproteġihom.***

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-ekonomija diġitali u biex jitneħħew l-ostakli għal suq intern tad-data li jiffunzjona tajjeb, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas armonizzat li jispeċifika min, minbarra l-manifattur jew detentur ieħor tad-data huwa intitolat li jaċċessa d-data ġġenerata minn prodotti jew minn servizzi relatati, taħt liema kundizzjonijiet u fuq liema bażi. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jadottawx u lanqas iżommu rekwiżiti nazzjonali addizzjonali dwar dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, sakemm dan ma jkunx previst espliċitament f'dan ir-Regolament, peress li dan jaffettwa l-applikazzjoni diretta u uniformi ta' dan ir-Regolament.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 5

Emenda

(4) Sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-ekonomija diġitali, ***jiġu protetti l-konsumaturi*** u biex jitneħħew l-ostakli ***mhux iġġustifikati*** għal suq intern tad-data li jiffunzjona tajjeb, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas armonizzat li jispeċifika min, minbarra l-manifattur jew detentur ieħor tad-data huwa intitolat li jaċċessa d-data ġġenerata minn prodotti jew minn servizzi relatati, taħt liema kundizzjonijiet u fuq liema bażi. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jadottawx u lanqas iżommu rekwiżiti nazzjonali addizzjonali dwar dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, sakemm dan ma jkunx previst espliċitament f'dan ir-Regolament, peress li dan jaffettwa l-applikazzjoni diretta u uniformi ta' dan ir-Regolament.

(5) Dan ir-Regolament jiżgura li l-utenti ta' prodott jew ta' servizz relatat fl-Unjoni jkunu jistgħu jaċċessaw, fil-ħin, id-data ġġenerata mill-użu ta' dak il-prodott jew ta' dak is-servizz relatat u li dawk l-utenti jkunu jistgħu jużaw id-data, inkluż billi jikkondividu d-data ma' partijiet terzi tal-ġhażla tagħhom. Huwa jimponi l-obbligu fuq id-detentur tad-data li jagħmel id-data disponibbli għall-utenti u għal partijiet terzi nnominati mill-utenti f'ċerti ċirkostanzi. Jiżgura wkoll li d-detenturi tad-data jagħmlu d-data disponibbli għar-riċevituri tad-data fl-Unjoni taħt termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji u b'mod trasparenti. Ir-regoli tal-liġi privata huma kruċjali fil-qafas ġenerali tal-kondiviżjoni tad-data. Għalhekk, dan ir-Regolament jadatta r-regoli tal-liġi kuntrattwali u jipprevjeni l-isfruttament ta' żbilanċi kuntrattwali li jxekklu l-aċċess u l-użu ġust tad-data għall-intrapriżi mikro, żgħar jew ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE. Dan ir-Regolament jiżgura wkoll li d-detenturi tad-data jagħmlu disponibbli lill-korpi tas-settur pubbliku tal-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni, fejn ikun hemm ħtieġa eċċezzjonali, id-data li hija meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti mwettqa fl-interess pubbliku. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ifittex li jiffaċilita l-bidla bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-data u li jsaħħaħ l-interoperabbiltà tal-mekkaniżmi u s-servizzi tal-kondiviżjoni tad-data u tad-data fl-Unjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jiġix interpretat bħala li jirrikonoxxi jew li joħloq xi bażi ġuridika għad-detentur tad-data biex iżomm, ikollu aċċess għal jew jipproċessa d-data, jew bħala li jagħti kwalunkwe dritt ġdid lid-detentur tad-data biex juża d-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat. Minflok, huwa jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-kontroll li d-detentur tad-

(5) Dan ir-Regolament jiżgura li l-utenti ta' prodott jew ta' servizz relatat fl-Unjoni **inklużi s-suġġetti tad-data u l-konsumaturi, ikunu** jistgħu jaċċessaw, fil-ħin, id-data ġġenerata mill-użu ta' dak il-prodott jew ta' dak is-servizz relatat u li dawk l-utenti jkunu jistgħu jużaw id-data, inkluż billi jikkondividu d-data ma' partijiet terzi **u għall-finijiet** tal-ġhażla tagħhom. Huwa jimponi l-obbligu fuq id-detentur tad-data li jagħmel id-data disponibbli għall-utenti u għal partijiet terzi nnominati mill-utenti f'ċerti ċirkostanzi. Jiżgura wkoll li d-detenturi tad-data jagħmlu d-data disponibbli għar-riċevituri tad-data fl-Unjoni taħt termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji u b'mod trasparenti. **It-terminu li "jagħmel id-data disponibbli" skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jinftiehem ukoll bħala li "jesporta d-data b'mod permanenti"**. Ir-regoli tal-liġi privata huma kruċjali fil-qafas ġenerali tal-kondiviżjoni tad-data. Għalhekk, dan ir-Regolament jadatta r-regoli tal-liġi kuntrattwali u jipprevjeni l-isfruttament ta' żbilanċi kuntrattwali li jxekklu l-aċċess u l-użu ġust tad-data **għall-intrapriżi** mikro, żgħar jew ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE **u għat-tipi l-oħrajn kollha ta' intrapriżi, inklużi n-negozji ġodda**. Dan ir-Regolament jiżgura wkoll li d-detenturi tad-data jagħmlu disponibbli lill-korpi tas-settur pubbliku tal-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni, fejn ikun hemm ħtieġa eċċezzjonali, id-data li hija meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti mwettqa fl-interess pubbliku. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ifittex li jiffaċilita l-bidla bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-data u li jsaħħaħ l-interoperabbiltà tal-mekkaniżmi u s-servizzi tal-kondiviżjoni tad-data u tad-data fl-Unjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jiġix interpretat bħala li jirrikonoxxi jew li joħloq xi bażi ġuridika

data effettivament igawdi, de facto jew de jure, fuq data ġġenerata minn prodotti jew servizzi relatati.

għad-detentur tad-data biex iżomm, ikollu aċċess għal jew jipproċessa d-data, jew bħala li jagħti kwalunkwe dritt ġdid lid-detentur tad-data biex juża d-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat. Minflok, huwa jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-kontroll li d-detentur tad-data effettivament igawdi, de facto jew de jure, fuq data ġġenerata minn prodotti jew servizzi relatati.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Dan ir-Regolament jikkomplementa u huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni li timmira li tippromwovi l-interessi tal-konsumaturi u li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, biex tipproteġi s-saħħa, is-sikurezza u l-interessi ekonomiċi tagħhom, ***b'mod partikolari*** d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁹, id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰ u d-Direttiva 93/13/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶¹.

⁵⁹ Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

⁶⁰ Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-

Emenda

(9) Dan ir-Regolament jikkomplementa u huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni li timmira li tippromwovi l-interessi tal-konsumaturi u li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, biex tipproteġi s-saħħa, is-sikurezza u l-interessi ekonomiċi tagħhom, ***inklużi*** d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁹, id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰ u d-Direttiva 93/13/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶¹.

⁵⁹ Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

⁶⁰ Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-

25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁶¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur. Id-Direttiva (UE) 2019/2161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttivi 98/6/KE, 2005/29/KE u 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar aħjar u mmodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁶¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur. Id-Direttiva (UE) 2019/2161 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttivi 98/6/KE, 2005/29/KE u 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar aħjar u mmodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Il-prodotti fiżiċi li jiksbu, li jiġġeneraw jew li jiġbru, permezz tal-komponenti tagħhom, id-data dwar il-prestazzjoni, l-użu jew l-ambjent tagħhom u li jistgħu jikkomunikaw dik id-data permezz ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku (spiss imsejjaħ l-internet tal-oġġetti) jenħtieġ li jkunu koperti minn dan ir-Regolament. Is-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika jinkludu networks tat-telefonija bbażati fuq l-art, networks tat-televiżjoni bil-kejbil, networks bis-satellita u networks ta' komunikazzjoni fil-qrib. Tali prodotti jistgħu jinkludu vetturi, tagħmir tad-dar u oġġetti tal-konsumatur, apparat mediku u tas-saħħa jew makkinarju agrikolu u industrijali. Id-data tirrappreżenta d-diġitalizzazzjoni tal-azzjonijiet u l-avvenimenti tal-utenti u jenħtieġ li tkun

Emenda

(14) Il-prodotti fiżiċi li jiksbu, li jiġġeneraw jew li jiġbru, permezz tal-komponenti tagħhom ***jew is-software inkorporat***, id-data dwar il-prestazzjoni, l-użu jew l-ambjent tagħhom u li jistgħu jikkomunikaw dik id-data permezz ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku (spiss imsejjaħ l-internet tal-oġġetti) jenħtieġ li jkunu koperti minn dan ir-Regolament. Is-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika jinkludu networks tat-telefonija bbażati fuq l-art, networks tat-televiżjoni bil-kejbil, networks bis-satellita u networks ta' komunikazzjoni fil-qrib. Tali prodotti jistgħu jinkludu vetturi, tagħmir tad-dar u oġġetti tal-konsumatur, apparat mediku u tas-saħħa jew makkinarju agrikolu u industrijali. Id-data tirrappreżenta d-diġitalizzazzjoni tal-azzjonijiet u l-

aċċessibbli kif xieraq għall-utent, filwaqt li l-informazzjoni derivata jew inferita minn din id-data, fejn tinżamm legalment, jenħtieġ li ma titqiesx fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Tali data hija potenzjalment siewja għall-utent u tappoġġa l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' servizzi diġitali u oħrajn li jipproteġu l-ambjent, is-saħħa u l-ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari permezz tal-iffaċilitar tal-manutenzjoni u t-tiswija tal-prodotti inkwistjoni.

avvenimenti tal-utenti u jenħtieġ li tkun aċċessibbli kif xieraq għall-utent, filwaqt li l-informazzjoni derivata jew inferita minn din id-data, fejn tinżamm legalment, jenħtieġ li ma titqiesx fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Tali data hija potenzjalment siewja għall-utent u tappoġġa l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' servizzi diġitali u oħrajn li jipproteġu l-ambjent, is-saħħa u l-ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari permezz tal-iffaċilitar tal-manutenzjoni u t-tiswija tal-prodotti inkwistjoni.

Ġustifikazzjoni

Id-data rilevanti mhijiex iġġenerata biss mis-sistemi operattivi iżda wkoll minn applikazzjonijiet li jaħdmu fuq il-prodotti. Għalhekk "software inkorporat" hija aktar komprensiva u inklużiva. Tali ġustifikazzjoni tevita inċertezza tad-dritt rigward il-konfini bejn is-sistema operattiva u kwalunkwe software ieħor li jitħaddem fuq il-prodott.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Id-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat tinkludi data rreġistrata intenzjonalment mill-utent. Tali data tinkludi wkoll data ġġenerata bħala prodott sekondarju tal-azzjoni tal-utent, bħad-data dijanjostika, **u** mingħajr ebda azzjoni mill-utent, bħal meta l-prodott ikun fil-"modalità standby", u data rreġistrata matul il-perjodi meta l-prodott ikun mitfi. Tali data jenħtieġ li tinkludi data fil-forma u fil-format li fihom tiġi ġġenerata mill-prodott, iżda ma tkunx tappartjeni għal data li tirriżulta minn kwalunkwe proċess ta' software li jikkalkula data derivattiva minn tali data peress li tali proċess ta' software jista' jkun soġġett għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

Emenda

(17) Id-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat tinkludi data rreġistrata intenzjonalment mill-utent. Tali data tinkludi wkoll data ġġenerata bħala prodott sekondarju tal-azzjoni tal-utent, bħad-data dijanjostika, **data ġġenerata minn sensur jew data miksuba b'applikazzjonijiet integrati**, u **data rreġistrata minn apparat** mingħajr ebda azzjoni mill-utent, bħal meta l-prodott ikun fil-"modalità standby", u data rreġistrata matul il-perjodi meta l-prodott ikun mitfi. Tali data jenħtieġ li tinkludi data fil-forma u fil-format li fihom tiġi ġġenerata mill-prodott, iżda ma tkunx tappartjeni għal data li tirriżulta minn kwalunkwe proċess ta' software li jikkalkula data derivattiva minn tali data peress li tali proċess ta' software jista' jkun soġġett għal drittijiet ta' proprjetà

intellettwali.

Ġustifikazzjoni

Il-varjanti tad-data ġġenerata minn magna ġew inklużi fil-Premessa 17 biex jiġi kkjarifikat il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) F'każ li diversi persuni jew entitajiet ikollhom prodott jew ikunu parti fi ftehim ta' lokazzjoni jew kiri u jibbenefikaw minn aċċess għal servizz relatat, jenħtieġ li jsiru sforzi raġonevoli fit-tfassil tal-prodott jew tas-servizz relatat jew fl-interfaċċa rilevanti sabiex ***il-persuni kollha jkollhom*** aċċess għad-data li ***jiġġeneraw***. ***L-utenti ta' prodotti*** li jiġġeneraw id-data ***tipikament*** jeħtieġu li jiġi stabbilit kont tal-utent. Dan jippermetti l-identifikazzjoni tal-utent mill-manifattur kif ukoll mezz ta' komunikazzjoni biex jiġu eżerċitati u pproċessati t-talbiet għall-aċċess għad-data. Il-manifatturi jew id-disinjaturi ta' prodott li tipikament jintuża minn diversi persuni jenħtieġ li jistabbilixxu l-mekkaniżmu meħtieġ li jippermetti kontijiet tal-utenti separati għal persuni individwali, fejn rilevanti, ***jew il-possibbiltà*** li diversi persuni jużaw l-istess kont tal-utent. Jenħtieġ li jingħata aċċess lill-utent malli jkun hemm mekkaniżmi sempliċi ta' talba, li jagħtu eżekuzzjoni awtomatika, li ma jeħtiġux eżami jew approvazzjoni mill-manifattur jew mid-detentur tad-data. Dan ifisser li d-data jenħtieġ li ssir disponibbli biss meta l-utent fil-fatt ikun irid dan. Meta l-eżekuzzjoni awtomatizzata tat-talba għal aċċess għad-data ma tkunx possibbli, pereżempju, permezz ta' kont tal-utent jew permezz ta' applikazzjoni mobbli li takkumpanja

Emenda

(20) F'każ li diversi persuni jew entitajiet ikollhom ***jew jużaw*** prodott jew ikunu parti fi ftehim ta' lokazzjoni jew kiri u jibbenefikaw minn aċċess għal servizz relatat, jenħtieġ li jsiru sforzi raġonevoli fit-tfassil tal-prodott jew tas-servizz relatat jew fl-interfaċċa rilevanti sabiex ***kull utent li juża l-prodott ikollu*** aċċess għad-data li ***jiġġenera***. ***Il-prodotti*** li jiġġeneraw id-data ***normalment*** jeħtieġu li jiġi stabbilit kont tal-utent. Dan jippermetti l-identifikazzjoni tal-utent mill-manifattur kif ukoll mezz ta' komunikazzjoni biex jiġu eżerċitati u pproċessati t-talbiet għall-aċċess għad-data. Il-manifatturi jew id-disinjaturi ta' prodott li tipikament jintuża minn diversi persuni jenħtieġ li jistabbilixxu l-mekkaniżmu meħtieġ li jippermetti kontijiet tal-utenti separati għal persuni individwali, fejn rilevanti, ***u l-possibbiltà*** li diversi persuni jużaw l-istess kont tal-utent. Jenħtieġ li jingħata aċċess lill-utent malli jkun hemm mekkaniżmi sempliċi ta' talba, li jagħtu eżekuzzjoni awtomatika ***u kompluta***, li ma jeħtiġux eżami jew approvazzjoni mill-manifattur jew mid-detentur tad-data. Dan ifisser li d-data jenħtieġ li ssir disponibbli biss meta l-utent fil-fatt ikun irid dan. Meta l-eżekuzzjoni awtomatizzata tat-talba għal aċċess għad-data ma tkunx possibbli, pereżempju, permezz ta' kont tal-utent jew permezz ta' applikazzjoni mobbli li takkumpanja pprovduta mal-prodott jew

pprovduta mal-prodott jew mas-servizz, il-manifattur jenħtieġ li jinforma lill-utent dwar kif tista' tiġi aċċessata d-data.

mas-servizz, il-manifattur jenħtieġ li jinforma **b'mod rapidu** lill-utent dwar kif tista' tiġi aċċessata d-data.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Il-prodotti jistgħu jkunu ddisinjati biex jagħmlu ċerta data disponibbli direttament minn ħażna ta' data fuq l-apparat jew minn server remot li lilu tiġi kkomunikata d-data. L-aċċess għall-ħżin tad-data fuq l-apparat jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' networks taż-żona lokali bbażati fuq il-kejbil jew bla fili konnessi ma' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku jew ma' network mobbli. Is-server jista' jkun il-kapaċità ta' server lokali tal-manifattur stess jew dik ta' parti terza jew ta' fornitur ta' servizzi ta' cloud li **jiffunzjona** bħala **detentur** tad-data. Dawn jistgħu jkunu ddisinjati biex jippermettu lill-utent jew lil parti terza jipproċessaw id-data dwar il-prodott jew dwar istanza tal-computing tal-manifattur.

Emenda

(21) Il-prodotti jistgħu jkunu ddisinjati biex jagħmlu ċerta data disponibbli direttament minn ħażna ta' data fuq l-apparat jew minn server remot li lilu tiġi kkomunikata d-data. L-aċċess għall-ħżin tad-data fuq l-apparat jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' networks taż-żona lokali bbażati fuq il-kejbil jew bla fili konnessi ma' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku jew ma' network mobbli. Is-server jista' jkun il-kapaċità ta' server lokali tal-manifattur stess jew dik ta' parti terza jew ta' fornitur ta' servizzi ta' cloud. **Il-proċessuri tad-data kif definiti fir-Regolament (UE) 2016/679 ma jitqisux awtomatikament li jaġixxu** bħala **detenturi tad-data, sakemm ma jkunux inkarigati speċifikament mill-kontrollur** tad-data. Dawn jistgħu jkunu ddisinjati biex jippermettu lill-utent jew lil parti terza jipproċessaw id-data dwar il-prodott jew dwar istanza tal-computing tal-manifattur.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) L-assistenti virtwali għandhom rwol dejjem akbar fid-diġitalizzazzjoni tal-ambjenti tal-konsumatur u jservu bħala interfaċċa faċli għall-użu biex jintwera l-kontenut, jiksbu l-informazzjoni, jew

Emenda

(22) L-assistenti virtwali għandhom rwol dejjem akbar fid-diġitalizzazzjoni tal-ambjenti tal-konsumatur u jservu bħala interfaċċa faċli għall-użu biex jintwera l-kontenut, jiksbu l-informazzjoni, jew

jattivaw oġġetti fiżiċi konnessi mal-internet tal-oġġetti. L-assistenti virtwali jistgħu jaġixxu bħala portal uniku, pereżempju, f'ambjent domestiku intelliġenti u jirreġistraw ammonti sinifikanti ta' data rilevanti dwar kif l-utenti jinteraġixxu ma' prodotti konnessi mal-internet tal-oġġetti, inklużi dawk manifatturati minn partijiet oħra u jistgħu jissostitwixxu l-użu ta' interfaċċi pprovduti mill-manifattur bħal skrin tattili jew apps ta' smart phone. L-utent jista' jkun jixtieq jagħmel disponibbli tali data ma' manifatturi ta' partijiet terzi u jippermetti servizzi ġodda ta' dar intelliġenti. Tali assistenti virtwali jenħtieġ li jkunu koperti mid-dritt ta' aċċess għad-data previst f'dan ir-Regolament anki fir-rigward tad-data rreġistrata qabel l-attivazzjoni tal-assistent virtwali mill-kelma ta' attivazzjoni u d-data ġġenerata meta utent jinteraġixxi ma' prodott permezz ta' assistent virtwali pprovdut minn entità għajr dik tal-manifattur tal-prodott. Madankollu, id-data li tirriżulta mill-interazzjoni bejn l-utent u l-prodott permezz tal-assistent virtwali biss taqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Id-data mhux relatata mal-użu ta' prodott prodotta mill-assistent virtwali ma hijiex l-oġġett ta' dan ir-Regolament.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Qabel ma jiġi konkluż kuntratt għax-xiri, għall-kiri jew għal-lokazzjoni ta' prodott jew għall-forniment ta' servizz relatat, jenħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni ċara u suffiċjenti lill-utent dwar kif tista' tiġi aċċessata d-data ġġenerata. Dan l-obbligu jipprovdi trasparenza fuq id-data ġġenerata u jsaħħaħ l-aċċess faċli għall-utent. Dan l-obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni ma jaffettwax

jattivaw oġġetti fiżiċi konnessi mal-internet tal-oġġetti. L-assistenti virtwali jistgħu jaġixxu bħala portal uniku, pereżempju, f'ambjent domestiku intelliġenti u jirreġistraw ammonti sinifikanti ta' data rilevanti dwar kif l-utenti jinteraġixxu ma' prodotti konnessi mal-internet tal-oġġetti, inklużi dawk manifatturati minn partijiet oħra u jistgħu jissostitwixxu l-użu ta' interfaċċi pprovduti mill-manifattur bħal skrin tattili jew apps ta' smart phone. L-utent jista' jkun jixtieq jagħmel disponibbli tali data ma' manifatturi ta' partijiet terzi u jippermetti servizzi ġodda ta' dar intelliġenti. Tali assistenti virtwali jenħtieġ li jkunu koperti mid-dritt ta' aċċess għad-data previst f'dan ir-Regolament anki fir-rigward tad-data rreġistrata qabel l-attivazzjoni tal-assistent virtwali mill-kelma ta' attivazzjoni u d-data ġġenerata meta utent jinteraġixxi ma' prodott permezz ta' assistent virtwali pprovdut minn entità għajr dik tal-manifattur tal-prodott ***jekk tali data tinġabar***. Madankollu, id-data li tirriżulta mill-interazzjoni bejn l-utent u l-prodott permezz tal-assistent virtwali biss taqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Id-data mhux relatata mal-użu ta' prodott prodotta mill-assistent virtwali ma hijiex l-oġġett ta' dan ir-Regolament.

Emenda

(23) Qabel ma jiġi konkluż kuntratt għax-xiri, għall-kiri jew għal-lokazzjoni ta' prodott jew għall-forniment ta' servizz relatat, jenħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni ċara u suffiċjenti ***mid-detentur tad-data*** lill-utent dwar kif tista' tiġi aċċessata d-data ġġenerata. Dan l-obbligu jipprovdi trasparenza fuq id-data ġġenerata u jsaħħaħ l-aċċess faċli għall-utent. Dan l-obbligu li tiġi pprovduta

l-obbligu għall-kontrollur li jipprovdi informazzjoni lis-suġġett tad-data skont l-Artikoli 12, 13 u 14 tar-Regolament 2016/679.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Dan ir-Regolament jimponi l-obbligu fuq id-detenturi tad-data li jagħmlu d-data disponibbli f'ċerti ċirkostanzi. Sa fejn tiġi pproċessata data personali, id-detentur tad-data jenħtieġ li jkun kontrollur skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Meta l-utenti jkunu suġġetti tad-data, id-detenturi tad-data jenħtieġ li jkunu obbligati jipprovduhom aċċess għad-data tagħhom u li jagħmlu d-data disponibbli għal partijiet terzi tal-għażla tal-utent f'konformità ma' dan ir-Regolament. Madankollu, dan ir-Regolament ma joħloqx bażi ġuridika skont ir-Regolament (UE) 2016/679 biex id-detentur tad-data jipprovdi aċċess għal data personali jew jagħmilha disponibbli għal parti terza meta mitlub minn utent li ma jkunx suġġett tad-data u jenħtieġ li ma jinftihemx li jikkonferixxi xi dritt ġdid fuq id-detentur tad-data li juża data ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat. Dan japplika b'mod partikolari meta l-manifattur ikun id-detentur tad-data. F'dak il-każ, il-bażi għall-manifattur biex juża data mhux personali jenħtieġ li tkun ftehim kuntrattwali bejn il-manifattur u l-utent. Dan il-ftehim jista' jkun parti mill-ftehim ta' bejgħ, kiri jew lokazzjoni relatat mal-prodott. Kwalunkwe terminu kuntrattwali fil-ftehim li jistipula li d-detentur tad-data jista' juża d-data ġġenerata mill-utent ta' prodott jew servizz relatat jenħtieġ li jkun trasparenti għall-utent, inkluż fir-rigward **tal-għan** li **għalih id-detentur** tad-data jkun biħsiebu juża d-data. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jevitax

informazzjoni ma jaffettwax l-obbligu għall-kontrollur li jipprovdi informazzjoni lis-suġġett tad-data skont l-Artikoli 12, 13 u 14 tar-Regolament 2016/679.

Emenda

(24) Dan ir-Regolament jimponi l-obbligu fuq id-detenturi tad-data li jagħmlu d-data disponibbli f'ċerti ċirkostanzi. Sa fejn tiġi pproċessata data personali, id-detentur tad-data jenħtieġ li jkun kontrollur skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Meta l-utenti jkunu suġġetti tad-data, id-detenturi tad-data jenħtieġ li jkunu obbligati jipprovduhom aċċess għad-data tagħhom u li jagħmlu d-data disponibbli għal partijiet terzi tal-għażla tal-utent f'konformità ma' dan ir-Regolament. Madankollu, dan ir-Regolament ma joħloqx bażi ġuridika skont ir-Regolament (UE) 2016/679 biex id-detentur tad-data jipprovdi aċċess għal data personali jew jagħmilha disponibbli għal parti terza meta mitlub minn utent li ma jkunx suġġett tad-data u jenħtieġ li ma jinftihemx li jikkonferixxi xi dritt ġdid fuq id-detentur tad-data li juża data ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat. Dan japplika b'mod partikolari meta l-manifattur ikun id-detentur tad-data. F'dak il-każ, il-bażi għall-manifattur biex juża data mhux personali jenħtieġ li tkun ftehim kuntrattwali bejn il-manifattur u l-utent. Dan il-ftehim jista' jkun parti mill-ftehim ta' bejgħ, kiri jew lokazzjoni relatat mal-prodott. Kwalunkwe terminu kuntrattwali fil-ftehim li jistipula li d-detentur tad-data jista' juża d-data ġġenerata mill-utent ta' prodott jew servizz relatat jenħtieġ li jkun **ġust u** trasparenti għall-utent, inkluż fir-rigward **tal-fini speċifika** li **għaliha id-detentur** tad-data jkun biħsiebu juża d-data. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma

kundizzjonijiet kuntrattwali, li l-effett tagħhom huwa li jeskludu jew li jillimitaw l-użu tad-data, jew ċerti kategoriji tagħha, mid-detentur tad-data. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jevitax ukoll rekwiżiti regolatorji speċifiċi għas-settur skont id-dritt tal-Unjoni, jew il-liġi nazzjonali kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, li jeskludu jew jillimitaw l-użu ta' ċerta data mid-detentur tad-data għal raġunijiet ta' politika pubblika definiti sew.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) F'setturi kkaratterizzati mill-konċentrazzjoni ta' għadd żgħir ta' manifatturi li jfornu lill-utenti finali, hemm biss għażliet limitati disponibbli għall-utenti fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-data ma' dawk il-manifatturi. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-ftehimiet kuntrattwali jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq l-oġettiv tal-għoti tas-setgħa lill-utenti. Id-data għandha t-tendenza li tibqa' taħt il-kontroll tal-manifatturi, u b'hekk tagħmilha diffiċli għall-utenti biex jiksbu valur mid-data ġġenerata mit-tagħmir li jixtru, jikru jew jidħlu f'lोकazzjoni għalih. Konsegwentement, hemm potenzjal limitat għal negozji iżgħar innovattivi biex joffru soluzzjonijiet ibbażati fuq id-data b'mod kompetittiv u għal ekonomija tad-data diversa fl-Ewropa. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibni fuq l-iżviluppi reċenti f'setturi speċifiċi, bħall-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-kondiviżjoni tad-data agrikola permezz ta' ftehim kuntrattwali. Il-leġiżlazzjoni settorjali ***tista'*** titressaq 'il quddiem biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-oġettivi speċifiċi għas-settur. Barra minn hekk, id-detentur tad-data jenħtieġ li ma juża l-ebda data ġġenerata mill-użu tal-prodott jew tas-servizz relatat sabiex jikseb

jevitax kundizzjonijiet kuntrattwali, li l-effett tagħhom huwa li jeskludu jew li jillimitaw l-użu tad-data, jew ċerti kategoriji tagħha, mid-detentur tad-data. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jevitax ukoll rekwiżiti regolatorji speċifiċi għas-settur skont id-dritt tal-Unjoni, jew il-liġi nazzjonali kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, li jeskludu jew jillimitaw l-użu ta' ċerta data mid-detentur tad-data għal raġunijiet ta' politika pubblika definiti sew.

Emenda

(25) F'setturi kkaratterizzati mill-konċentrazzjoni ta' għadd żgħir ta' manifatturi li jfornu lill-utenti finali, hemm biss għażliet limitati disponibbli għall-utenti fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-data ma' dawk il-manifatturi. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-ftehimiet kuntrattwali jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq l-oġettiv tal-għoti tas-setgħa lill-utenti. Id-data għandha t-tendenza li tibqa' taħt il-kontroll tal-manifatturi, u b'hekk tagħmilha diffiċli għall-utenti biex jiksbu valur mid-data ġġenerata mit-tagħmir li jixtru, jikru jew jidħlu f'lोकazzjoni għalih. Konsegwentement, hemm potenzjal limitat għal negozji iżgħar innovattivi biex joffru soluzzjonijiet ibbażati fuq id-data b'mod kompetittiv u għal ekonomija tad-data diversa fl-Ewropa. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibni fuq l-iżviluppi reċenti f'setturi speċifiċi, bħall-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-kondiviżjoni tad-data agrikola permezz ta' ftehim kuntrattwali. Il-leġiżlazzjoni settorjali ***jenħtieġ li*** titressaq 'il quddiem biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-oġettivi speċifiċi għas-settur, ***bħal dawk għal vetturi u l-aċċess għal data ta' ġol-vetturi u l-funzjonijiet u r-riżorsi tagħhom. Tali leġiżlazzjoni settorjali***

għarfien dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-utent jew l-assi jew il-metodi ta' produzzjoni tiegħu jew l-użu bi kwalunkwe mod ieħor li jista' jimmina l-pożizzjoni kummerċjali tal-utent fis-swieq li huwa attiv fihom. Dan, pereżempju, jinvolvi l-użu ta' għarfien dwar il-prestazzjoni ġenerali ta' negozju jew ta' azjenda agrikola f'negozjati kuntrattwali mal-utent fuq l-akkwist potenzjali tal-prodotti tal-utent jew tal-prodotti agrikoli għad-detriment tal-utent, jew, pereżempju, l-użu ta' tali informazzjoni biex titma' f'bażijiet tad-data akbar dwar ċerti swieq fl-aggregat (eż., bażijiet tad-data dwar ir-rendiment tal-għelejjel għall-istaġun tal-ħsad li jmiss) peress li tali użu jista' jaffettwa lill-utent negattivament b'mod indirett. L-utent jenħtieġ li jingħata l-interfaċċa teknika meħtieġa għall-ġestjoni tal-permessi, preferibbilment b'għażliet ta' permess granulari (bħal "permess ta' darba" jew "permess waqt l-użu ta' din l-applikazzjoni jew dan is-servizz"), inkluża l-għażla li jiġi rtirat il-permess.

jenħtieġ li tindirizza l-kumplessitajiet settorjali meta għadd żgħir ta' manifatturi jużaw komponenti minn għadd kbir ta' fornituri li jibbenefikaw mill-aċċess għad-data ġġenerata mill-komponenti tagħhom għall-monitoraġġ tal-kwalità, l-iżvilupp tal-prodott, jew it-titjib tal-aspetti tas-sikurezza jew tas-sostenibbiltà. Id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni settorjali jenħtieġ li jipprevalu fuq dan ir-regolament. Barra minn hekk, id-detentur tad-data jenħtieġ li ma juża l-ebda data ġġenerata mill-użu tal-prodott jew tas-servizz relatat sabiex jikseb għarfien dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-utent jew l-assi jew il-metodi ta' produzzjoni tiegħu jew l-użu bi kwalunkwe mod ieħor li jista' jimmina l-pożizzjoni kummerċjali tal-utent fis-swieq li huwa attiv fihom. Dan, pereżempju, jinvolvi l-użu ta' għarfien dwar il-prestazzjoni ġenerali ta' negozju jew ta' azjenda agrikola f'negozjati kuntrattwali mal-utent fuq l-akkwist potenzjali tal-prodotti tal-utent jew tal-prodotti agrikoli għad-detriment tal-utent, jew, pereżempju, l-użu ta' tali informazzjoni biex titma' f'bażijiet tad-data akbar dwar ċerti swieq fl-aggregat (eż., bażijiet tad-data dwar ir-rendiment tal-għelejjel għall-istaġun tal-ħsad li jmiss) peress li tali użu jista' jaffettwa lill-utent negattivament b'mod indirett. L-utent jenħtieġ li jingħata l-interfaċċa teknika meħtieġa għall-ġestjoni tal-permessi, preferibbilment b'għażliet ta' permess granulari (bħal "permess ta' darba" jew "permess waqt l-użu ta' din l-applikazzjoni jew dan is-servizz"), inkluża l-għażla li jiġi rtirat il-permess.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) F'kuntratti bejn detentur ta' data u

Emenda

(26) F'kuntratti bejn detentur ta' data u

konsumatur bħala utent ta' prodott jew servizz relatat li jiġġenera data, *id-Direttiva* 93/13/KEE tapplika għat-termini tal-kuntratt biex jiġi żgurat li konsumatur ma jkunx soġġett għal termini kuntrattwali inġusti. Għal termini kuntrattwali inġusti imposti unilateralmment fuq intrapriżi mikro, żgħar jew medji kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE⁶³, dan ir-Regolament jipprevedi li tali termini inġusti jenħtieġ li ma jkunux vinkolanti fuq dik l-intrapriża.

konsumatur bħala utent ta' prodott jew servizz relatat li jiġġenera data, *tapplika l-liġi dwar il-konsumaturi tal-UE, inkluża d-Direttiva 2005/29/KE, li tapplika kontra prattiki kummerċjali inġusti, u d-Direttiva* 93/13/KEE *li* tapplika għat-termini tal-kuntratt biex jiġi żgurat li konsumatur ma jkunx soġġett għal termini kuntrattwali inġusti. Għal termini kuntrattwali inġusti imposti unilateralmment fuq intrapriżi mikro, żgħar jew medji kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE¹, dan ir-Regolament jipprevedi li tali termini inġusti jenħtieġ li ma jkunux vinkolanti fuq dik l-intrapriża.

⁶³ *Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju*

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) Fid-dawl ta' protezzjoni aħjar tas-sigrieti kummerċjali, dan ir-regolament jenħtieġ li ma jiġix interpretat bħala li jagħti dritt lill-fornituri ta' servizzi relatati biex jikkondividu data ġġenerata mill-użu tal-prodotti u li titqies bħala sigrieti kummerċjali, lil riċevituri tad-data mingħajr ma jiġi infurmat il-manifattur ta' tali prodotti. Tali detenturi tad-data jenħtieġ li jiftiehm mal-manifatturi t-termini biex issir disponibbli dik it-tip ta' data.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 29

(29) Parti terza li d-data tkun magħmula disponibbli għaliha tista' tkun intrapriża, organizzazzjoni ta' riċerka jew organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ. Meta jagħmel id-data disponibbli għall-parti terza, **id-detentur tad-data** jenħtiegħ li ma **jabbużax** mill-pożizzjoni **tiegħu** biex **ifittex** vantaġġ kompetittiv fis-swieq fejn id-detentur tad-data u l-parti terza jistgħu jkunu f'kompetizzjoni diretta. Għalhekk, **id-detentur tad-data** jenħtiegħ li ma **juża** l-ebda data ġġenerata mill-użu tal-prodott jew tas-servizz relatat sabiex **jikseb** għarfien dwar is-sitwazzjoni ekonomika **tal-parti terza** jew l-assi jew il-metodi ta' produzzjoni tagħha jew l-użu bi kwalunkwe mod ieħor li jista' jimmina l-pożizzjoni kummerċjali **tal-parti terza** fis-swieq li hija attiva fihom.

(29) Parti terza li d-data tkun magħmula disponibbli għaliha tista' tkun **individwu**, intrapriża **bħall-post tas-suq tad-data**, **fornitur ta' servizz għall-kondiviżjoni tad-data msemmi fl-Artikolu 10 [l-Att dwar il-Governanza tad-Data]**, organizzazzjoni ta' riċerka jew organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ. Meta jagħmel id-data disponibbli għall-parti terza, jenħtiegħ li **l-ebda parti** ma **tabbuża** mill-pożizzjoni **tagħha** biex **tfittex** vantaġġ kompetittiv fis-swieq fejn id-detentur tad-data u l-parti terza jistgħu jkunu f'kompetizzjoni diretta. Għalhekk, **il-partijiet ikkonċernati** jenħtiegħ li ma **jużaw** l-ebda data ġġenerata mill-użu tal-prodott jew tas-servizz relatat sabiex **jiksibu** għarfien dwar is-sitwazzjoni ekonomika **ta' parti oħra** jew l-assi jew il-metodi ta' produzzjoni tagħha jew l-użu bi kwalunkwe mod ieħor li jista' jimmina l-pożizzjoni kummerċjali **ta' parti oħra** fis-swieq li hija attiva fihom.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 31

(31) Id-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat jenħtiegħ li ssir disponibbli biss għal parti terza fuq talba tal-utent. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jikkomplementa d-dritt previst fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679. Dak l-Artikolu jipprevedi dritt għas-suġġetti tad-data li jirċievu data personali dwarhom f'format strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara permezz ta' magna, u li jittrasferixxu dik id-data lil kontrolluri oħrajn, fejn dik id-data tiġi pproċessata abbażi tal-Artikolu 6(1)(a), jew l-Artikolu 9(2)(a), jew fuq kuntratt skont l-Artikolu 6(1)(b). Is-suġġetti tad-data

(31) Id-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat jenħtiegħ li ssir disponibbli biss għal parti terza fuq talba tal-utent. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jikkomplementa d-dritt previst fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679. Dak l-Artikolu jipprevedi dritt għas-suġġetti tad-data li jirċievu data personali dwarhom f'format strukturat, użat b'mod komuni u li jinqara permezz ta' magna, u li jittrasferixxu dik id-data lil kontrolluri oħrajn, fejn dik id-data tiġi pproċessata abbażi tal-Artikolu 6(1)(a), jew l-Artikolu 9(2)(a), jew fuq kuntratt skont l-Artikolu 6(1)(b). Is-suġġetti tad-data

għandhom ukoll id-dritt li jkollhom id-data personali trazzmessa direttament minn kontrollur għal kontrollur ieħor, iżda biss fejn dan ikun teknikament fattibbli. L-Artikolu 20 jispeċifika li tappartjeni għad-data pprovduta mis-suġġett tad-data iżda ma jispeċifikax jekk din teħtiegħ imġiba attiva min-naħa tas-suġġett tad-data jew jekk applikax ukoll għal sitwazzjonijiet fejn prodott jew servizz relatat mid-disinn tiegħu josserva l-imġiba ta' suġġett tad-data jew informazzjoni oħra fir-rigward ta' suġġett tad-data b'mod passiv. Id-dritt skont dan ir-Regolament jikkomplementa d-dritt li d-data personali tiġi rċevuta u **portata** skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679 b'diversi modi. Dan jagħti lill-utenti d-dritt li jaċċessaw u li jagħmlu disponibbli għal parti terza għal kwalunkwe data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat, irrispettivament min-natura tagħha bħala data personali, mid-distinzjoni bejn data pprovduta b'mod attiv jew osservata b'mod passiv, u irrispettivament mill-bażi ġuridika tal-ipproċessar. Għall-kuntrarju tal-obbligi tekniċi previsti fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679, dan ir-Regolament jagħti mandat u jiżgura l-fattibbiltà teknika ta' aċċess ta' parti terza għat-tipi kollha ta' data li jaqgħu fl-ambitu tiegħu, kemm jekk personali kif ukoll jekk mhux personali. Dan jippermetti wkoll **lid-detentur** tad-data **jistabbilixxi kumpens raġonevoli li għandu jiġi ssodisfat minn partijiet terzi, iżda mhux mill-utent, għal kwalunkwe kost imġarrab fl-għoti ta' aċċess dirett għad-data ġġenerata mill-prodott tal-utent. Jekk detentur tad-data u parti terza ma jkunux jistgħu jaqblu dwar termini għal tali aċċess dirett**, is-suġġett tad-data jenħtiegħ li ma jixxekkel bl-ebda mod milli jeżerċita d-drittijiet inklużi fir-Regolament (UE) 2016/679, inkluż id-dritt **għall-portabbiltà** tad-data, billi jfittex rimedji f'konformità ma' dak ir-Regolament. Għandu jinftiehem f'dan il-kuntest li, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, ftehim kuntrattwali ma

għandhom ukoll id-dritt li jkollhom id-data personali trazzmessa direttament minn kontrollur għal kontrollur ieħor, iżda biss fejn dan ikun teknikament fattibbli. L-Artikolu 20 jispeċifika li tappartjeni għad-data pprovduta mis-suġġett tad-data iżda ma jispeċifikax jekk din teħtiegħ imġiba attiva min-naħa tas-suġġett tad-data jew jekk applikax ukoll għal sitwazzjonijiet fejn prodott jew servizz relatat mid-disinn tiegħu josserva l-imġiba ta' suġġett tad-data jew informazzjoni oħra fir-rigward ta' suġġett tad-data b'mod passiv. Id-dritt skont dan ir-Regolament jikkomplementa d-dritt li d-data personali tiġi rċevuta u **trasferita** skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679 b'diversi modi. Dan jagħti lill-utenti d-dritt li jaċċessaw u li jagħmlu disponibbli għal parti terza għal kwalunkwe data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat, irrispettivament min-natura tagħha bħala data personali, mid-distinzjoni bejn data pprovduta b'mod attiv jew osservata b'mod passiv, u irrispettivament mill-bażi ġuridika tal-ipproċessar. Għall-kuntrarju tal-obbligi tekniċi previsti fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/679, dan ir-Regolament jagħti mandat u jiżgura l-fattibbiltà teknika ta' aċċess ta' parti terza għat-tipi kollha ta' data li jaqgħu fl-ambitu tiegħu, kemm jekk personali kif ukoll jekk mhux personali. Dan **ir-Regolament** jippermetti wkoll **kondiviżjoni diretta** tad-data **mill-utenti lill-partijiet terzi. Dan ir-Regolament jipprekludi lid-detentur tad-data jew lill-parti terza milli jimponu direttament jew indirettament tariffa, kumpens jew kostijiet għall-kondiviżjoni tad-data jew għall-aċċess għaliha lill-konsumaturi.** Is-suġġett tad-data jenħtiegħ li ma jixxekkel bl-ebda mod milli jeżerċita d-drittijiet inklużi fir-Regolament (UE) 2016/679, inkluż id-dritt **għat-trasferibbiltà** tad-data, billi jfittex rimedji f'konformità ma' dak ir-Regolament. Għandu jinftiehem f'dan il-kuntest li, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, ftehim kuntrattwali ma

jippermettix l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali mid-detentur tad-data jew mill-parti terza.

jippermettix l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali mid-detentur tad-data jew mill-parti terza.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Sabiex jiġi evitat l-isfruttament tal-utenti, partijiet terzi li lilhom tkun saret disponibbli d-data fuq talba tal-utent jenħtieġ li jipproċessaw biss id-data għall-finijiet miftiehma mal-utent u jikkondividu din id-data ma' parti terza oħra biss jekk dan ikun meħtieġ biex jiġi pprovdut is-servizz mitlub mill-utent.

Emenda

(33) Sabiex jiġi evitat l-isfruttament tal-utenti, partijiet terzi li lilhom tkun saret disponibbli d-data fuq talba tal-utent jenħtieġ li jipproċessaw biss id-data għall-finijiet miftiehma mal-utent u jikkondividu din id-data ma' parti terza oħra biss jekk, ***b'mod ċar u kkomunikat b'mod mhux ekwivoku lill-utent fil-ħin***, dan ikun meħtieġ biex jiġi pprovdut is-servizz mitlub mill-utent.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

(34) F'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, il-parti terza jenħtieġ li jkollha aċċess biss għal informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa għall-forniment tas-servizz mitlub mill-utent. Wara li tkun irċeviet aċċess għad-data, il-parti terza jenħtieġ li tipproċessa din id-data esklussivament għall-finijiet miftiehma mal-utent, mingħajr interferenza mid-detentur tad-data. Jenħtieġ li jkun faċli għall-utent li jirrifjuta jew li jwaqqaf l-aċċess mill-parti terza għad-data kif inhu għall-utent li jawtorizza l-aċċess. Il-parti terza jenħtieġ li ma tisforza, tinganna jew timmanipula ***lill-ebda utent*** b'xi mod, billi timminimizza jew tfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-għażliet tal-utent, inkluż

Emenda

(34) F'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, il-parti terza jenħtieġ li jkollha aċċess biss għal informazzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa għall-forniment tas-servizz mitlub mill-utent. Wara li tkun irċeviet aċċess għad-data, il-parti terza jenħtieġ li tipproċessa din id-data esklussivament għall-finijiet miftiehma mal-utent, mingħajr interferenza mid-detentur tad-data. Jenħtieġ li jkun faċli għall-utent li jirrifjuta jew li jwaqqaf l-aċċess mill-parti terza għad-data kif inhu għall-utent li jawtorizza l-aċċess. Il-parti terza jenħtieġ li ma ***tagħmilx l-eżerċizzju tad-drittijiet jew l-għażliet tal-utenti diffiċli bla bżonn, inkluż billi toffri għażliet lill-utenti b'mod mhux newtrali, jew*** tisforza, tinganna jew

permezz ta' interfaċċa diġitali mal-utent. F'dan il-kuntest, partijiet terzi jenħtieġ li ma jibbażawx fuq l-hekk imsejħa dark patterns fit-tfassil tal-interfaċċi diġitali tagħhom. Dark patterns huma t-tekniki tad-disinn li jixprunaw jew iqarrqu lill-konsumaturi f'deċiżjonijiet li għandhom konsegwenzi negattivi għalihom. Dawn it-tekniki manipulattivi jistgħu jintużaw biex jipperswadu lill-utenti, b'mod partikolari lill-konsumaturi vulnerabbli, biex jinvolvu ruħhom f'imġiba mhux mixtieqa, u biex l-utenti jiġu mqarrqa billi jiġu mbuttati f'deċiżjonijiet dwar tranżazzjonijiet ta' divulgazzjoni tad-data jew biex it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-utenti tas-servizz jiġi preġudikat b'mod li jimminimizza u jfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-għażla tagħhom. Prattiki kummerċjali komuni u leġittimi li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni jenħtieġ li minnhom infushom ma jitqisux li jikkostitwixxu dark patterns. Partijiet terzi jenħtieġ li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2005/29/KE, id-Direttiva 2011/83/UE, id-Direttiva 2000/31/KE u d-Direttiva 98/6/KE.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Minħabba l-istat attwali tat-teknoloġija, huwa ta' piż kbir wisq li jiġu imposti aktar obbligi ta' disinn fir-rigward ta' prodotti manifatturati jew iddisinjati u servizzi relatati pprovduti minn intrapriżi

timmanipula ***lill-utent*** b'xi mod, billi timminimizza jew tfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-għażliet ***ħielsa*** tal-utent, inkluż permezz ta' interfaċċa diġitali mal-utent ***jew parti minnha, inklużi l-istruttura, id-disinn, il-funzjoni jew il-mod kif topera***; F'dan il-kuntest, partijiet terzi jenħtieġ li ma jibbażawx fuq l-hekk imsejħa dark patterns fit-tfassil tal-interfaċċi diġitali tagħhom. Dark patterns huma t-tekniki tad-disinn li jixprunaw jew iqarrqu lill-konsumaturi f'deċiżjonijiet li għandhom konsegwenzi negattivi għalihom. Dawn it-tekniki manipulattivi jistgħu jintużaw biex jipperswadu lill-utenti, b'mod partikolari lill-konsumaturi vulnerabbli, biex jinvolvu ruħhom f'imġiba mhux mixtieqa, u biex l-utenti jiġu mqarrqa billi jiġu mbuttati f'deċiżjonijiet dwar tranżazzjonijiet ta' divulgazzjoni tad-data jew biex it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-utenti tas-servizz jiġi preġudikat b'mod li jimminimizza u jfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-għażla tagħhom. Prattiki kummerċjali komuni u leġittimi li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni jenħtieġ li minnhom infushom ma jitqisux li jikkostitwixxu dark patterns. Partijiet terzi jenħtieġ li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2005/29/KE, id-Direttiva 2011/83/UE, id-Direttiva 2000/31/KE u d-Direttiva 98/6/KE.

Emenda

(37) ***Dan ir-Regolament ma jipprevjenix lill-intrapriżi mikro u żgħar milli jipparteċipaw fil-prattiki tal-kondiviżjoni tad-data, madankollu, minħabba l-istat attwali tat-teknoloġija,***

mikro u żgħar. **Madankollu, dan ma huwiex il-każ** fejn intrapriża mikro jew żgħira tiġi sottokuntrattata għall-manifattura jew għad-disinn ta' prodott. **F'sitwazzjonijiet bħal dawn**, l-intrapriża, li tkun issottokuntrattat lill-mikrointrapriża jew lill-intrapriża żgħira, tkun tista' tikkumpensa b'mod xieraq lis-sottokuntrattur. Madankollu, intrapriża mikro jew żgħira tista' tkun soġġetta għar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament bħala detentur tad-data, meta ma tkunx il-manifattur tal-prodott jew fornitur ta' servizzi relatati.

huwa ta' piż kbir wisq li jiġu imposti aktar obbligi ta' disinn fir-rigward ta' prodotti manifatturati jew iddisinjati u servizzi relatati pprovduti minn intrapriżi mikro u żgħar. Fejn intrapriża mikro jew żgħira tiġi sottokuntrattata għall-manifattura jew għad-disinn ta' prodott, l-intrapriża, li tkun issottokuntrattat lill-mikrointrapriża jew lill-intrapriża żgħira, tkun tista' tikkumpensa b'mod xieraq lis-sottokuntrattur. Madankollu, intrapriża mikro jew żgħira tista' tkun soġġetta għar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament bħala detentur tad-data, meta ma tkunx il-manifattur tal-prodott jew fornitur ta' servizzi relatati. **Sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-intrapriżi mikro u żgħar fl-ekonomija tad-data, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu gwida lil tali intrapriżi.**

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni

(42) Sabiex jinċentiva l-investment kontinwu fil-ġenerazzjoni ta' data siewja, inklużi investimenti f'għodod tekniċi rilevanti, dan ir-Regolament fih il-prinċipju li d-detentur tad-data jista' jitlob kumpens raġonevoli meta jkun legalment obbligat li jagħmel id-data disponibbli għar-riċevitur tad-data. Dawn id-dispożizzjonijiet **ma għandhomx jinftiehem** bħala li qed iħallsu għad-data nnifisha, iżda fil-każ ta' intrapriżi mikro, żgħar jew medji, għall-kostijiet imġarrba u għall-investment meħtieġ biex id-data ssir disponibbli.

Emenda

(42) Sabiex jinċentiva l-investment kontinwu fil-ġenerazzjoni ta' data siewja, inklużi investimenti f'għodod tekniċi rilevanti, dan ir-Regolament fih il-prinċipju li d-detentur tad-data jista' jitlob kumpens raġonevoli meta jkun legalment obbligat li jagħmel id-data disponibbli għar-riċevitur tad-data **f'relazzjonijiet "minn negozju għal negozju"**. Dawn id-dispożizzjonijiet **jenħtieġ li ma jinftiehem** bħala li qed iħallsu għad-data nnifisha, iżda fil-każ ta' intrapriżi mikro, żgħar jew medji, **u ta' organizzazzjonijiet tar-riċerka li jużaw id-data fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ jew fil-kuntest ta' missjoni ta' interess pubbliku rikonoxxuta fid-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali**, għall-kostijiet imġarrba u għall-investment meħtieġ biex id-data ssir disponibbli. **Dan ir-Regolament jipprekludi lid-detentur tad-data jew lill-**

parti terza milli jimponu direttament jew indirettament tariffa, kumpens jew kostijiet għall-kondiviżjoni tad-data jew għall-aċċess għaliha lill-konsumaturi.

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

(43) F'każijiet ġustifikati, inkluż il-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati l-parteciġipazzjoni tal-konsumatur u l-kompetizzjoni jew li tiġi promossa l-innovazzjoni f'ċerti swieq, id-dritt tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni tista' timponi kumpens regolat biex isiru disponibbli tipi speċifiċi ta' data.

Emenda

(43) F'każijiet **debitament** ġustifikati, inkluż il-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati l-parteciġipazzjoni tal-konsumatur u l-kompetizzjoni jew li tiġi promossa l-innovazzjoni f'ċerti swieq, id-dritt tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni tista' timponi kumpens regolat biex isiru disponibbli tipi speċifiċi ta' data.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni

(44) Biex jipproteġi lill-intrapriżi mikro, żgħar jew medji kontra piżijiet ekonomiċi eċċessivi li jagħmluha kummerċjalment diffiċli wisq biex jiġu żviluppati u mmexxija mudelli ta' negozju innovattivi, il-kumpens biex id-data tkun disponibbli li jrid jitħallas minnhom jenħtieġ li ma jkunx jaqbeż il-kost dirett biex id-data ssir disponibbli u tkun nondiskriminatorja.

Emenda

(44) Biex jipproteġi lill-intrapriżi mikro, żgħar jew medji kontra piżijiet ekonomiċi eċċessivi li jagħmluha kummerċjalment diffiċli wisq biex jiġu żviluppati u mmexxija mudelli ta' negozju innovattivi, il-kumpens biex id-data tkun disponibbli li jrid jitħallas minnhom jenħtieġ li ma jkunx jaqbeż il-kost dirett biex id-data ssir disponibbli u tkun nondiskriminatorja. **L-istess reġim jenħtieġ li japplika għal dawk l-organizzazzjonijiet tar-riċerka li jużaw id-data fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ jew fil-kuntest ta' missjoni ta' interess pubbliku rikonoxxuta fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġi nazzjonali.**

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni

(48) L-iżgurar tal-aċċess għal modi alternattivi ta' soluzzjoni ta' tilwim domestiku u transfruntier li jinħoloq b'rabta mat-tqegħid tad-data disponibbli jenħtieġ li jkun ta' benefiċċju għad-detenturi tad-data u għar-riċevituri tad-data u għalhekk tissaħħaħ il-fiduċja fil-kondiviżjoni tad-data. F'każijiet fejn il-partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji biex jagħmlu d-data disponibbli, il-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim jenħtieġ li joffru soluzzjoni sempliċi, rapida u bi prezz baxx lill-partijiet.

Emenda

(48) L-iżgurar tal-aċċess għal modi alternattivi ta' soluzzjoni ta' tilwim domestiku u transfruntier li jinħoloq b'rabta mat-tqegħid tad-data disponibbli jenħtieġ li jkun ta' benefiċċju għad-detenturi tad-data u għar-riċevituri tad-data u għalhekk tissaħħaħ il-fiduċja fil-kondiviżjoni tad-data. F'każijiet fejn il-partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji biex jagħmlu d-data disponibbli, il-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim jenħtieġ li joffru soluzzjoni sempliċi, rapida u bi prezz baxx lill-partijiet. ***Dan il-proċess ma jistax jimmina l-eżerċitar tad-drittijiet tal-utenti u fil-każ li l-utenti jiġu affettwati minn tilwima bejn id-detenturi tad-data u r-riċevituri tad-data jew partijiet terzi, l-utenti jenħtieġ li jiġu kkompensati b'mod effettiv u malajr.***

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni

(52) Ir-regoli dwar it-termini kuntrattwali jenħtieġ li jqisu l-prinċipju tal-libertà kuntrattwali bħala kunċett essenzjali fir-relazzjonijiet minn negozju għal negozju. Għalhekk, mhux it-termini kuntrattwali kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal test ta' inġustizzja, iżda biss għal dawk it-termini li huma imposti unilateralment fuq intrapriżi mikro, żgħar u medji. Dan jikkonċerna sitwazzjonijiet ta' "dawn jew xejn" fejn parti waħda tforni ċertu terminu kuntrattwali u l-intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju ma tistax tinfluwenza l-kontenut ta' dak it-terminu minkejja tentattiv biex tinneogzjah.

Emenda

(52) Ir-regoli dwar it-termini kuntrattwali ***bejn l-intrapriżi*** jenħtieġ li jqisu l-prinċipju tal-libertà kuntrattwali bħala kunċett essenzjali fir-relazzjonijiet minn negozju għal negozju. Għalhekk, mhux it-termini kuntrattwali kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għal test ta' inġustizzja, iżda biss għal dawk it-termini li huma imposti unilateralment fuq intrapriżi mikro, żgħar u medji. Dan jikkonċerna sitwazzjonijiet ta' "dawn jew xejn" fejn parti waħda tforni ċertu terminu kuntrattwali u l-intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju ma tistax tinfluwenza l-kontenut ta' dak it-terminu minkejja

Terminu kuntrattwali li huwa sempliċiment ipprovdut minn parti waħda u aċċettat mill-intrapriża mikro, żgħira jew medja jew terminu li jiġi negozjat u sussegwentement miftiehem b'mod emendat bejn il-partijiet kontraenti jenħtieġ li ma jitqiesx bħala impost unilateralment.

tentattiv biex tinnegozjah. Terminu kuntrattwali li huwa sempliċiment ipprovdut minn parti waħda u aċċettat mill-intrapriża mikro, żgħira jew medja jew terminu li jiġi negozjat u sussegwentement miftiehem b'mod emendat bejn il-partijiet kontraenti jenħtieġ li ma jitqiesx bħala impost unilateralment. ***Il-ftehimiet kuntrattwali kollha għandhom ikunu konformi mal-prinċipji Ġusti, Raġonevoli u Mhux Diskriminatorji (FRAND).***

Emenda 25

Proposta għal regolament Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni

(53) Barra minn hekk, ir-regoli dwar termini kuntrattwali inġusti jenħtieġ li japplikaw biss għal dawk l-elementi ta' kuntratt li huma relatati mal-għemil disponibbli tad-data, jiġifieri termini kuntrattwali dwar l-aċċess għad-data u l-użu tagħha kif ukoll responsabbiltà jew rimedji għall-ksur u t-terminazzjoni ta' obbligi relatati mad-data. Partijiet oħra tal-istess kuntratt, mhux relatati mal-għemil disponibbli tad-data, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għat-test tal-inġustizzja stabbilit f'dan ir-Regolament.

Emenda

(53) Barra minn hekk, ir-regoli dwar termini kuntrattwali inġusti ***bejn l-intrapriżi*** jenħtieġ li japplikaw biss għal dawk l-elementi ta' kuntratt li huma relatati mal-għemil disponibbli tad-data, jiġifieri termini kuntrattwali dwar l-aċċess għad-data u l-użu tagħha kif ukoll responsabbiltà jew rimedji għall-ksur u t-terminazzjoni ta' obbligi relatati mad-data. Partijiet oħra tal-istess kuntratt, mhux relatati mal-għemil disponibbli tad-data, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għat-test tal-inġustizzja stabbilit f'dan ir-Regolament.

Emenda 26

Proposta għal regolament Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni

(54) Il-kriterji biex jiġu identifikati termini kuntrattwali inġusti jenħtieġ li jiġu applikati biss għal termini kuntrattwali eċċessivi, fejn tiġi abbużata pożizzjoni ta' negozjar aktar b'saħħiħa. Il-maġġoranza l-kbira tat-termini kuntrattwali li huma kummerċjalment aktar favorevoli għal parti

Emenda

(54) Il-kriterji biex jiġu identifikati termini kuntrattwali inġusti ***bejn l-intrapriżi*** jenħtieġ li jiġu applikati biss għal termini kuntrattwali eċċessivi, fejn tiġi abbużata pożizzjoni ta' negozjar aktar b'saħħiħa. Il-maġġoranza l-kbira tat-termini kuntrattwali li huma

waħda milli għal oħra, inklużi dawk li huma normali f'kuntratti minn negozju għal negozju, huma espressjoni normali tal-prinċipju tal-libertà kuntrattwali u għandhom jibqgħu japplikaw.

kummerċjalment aktar favorevoli għal parti waħda milli għal oħra, inklużi dawk li huma normali f'kuntratti minn negozju għal negozju, huma espressjoni normali tal-prinċipju tal-libertà kuntrattwali u għandhom jibqgħu japplikaw.

Emenda 27

Proposta għal regolament Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni

(55) Jekk terminu kuntrattwali ma jkunx inkluż fil-lista ta' termini li dejjem jitqiesu inġusti jew li huma preżunti inġusti, tapplika d-dispożizzjoni ġenerali dwar in-nuqqas ta' ġustizzja. F'dan ir-rigward, it-termini elenkati bħala termini inġusti jenħtieġ li jservu bħala kejl biex tiġi interpretata d-dispożizzjoni ġenerali ta' nuqqas ta' ġustizzja. Fl-aħħar nett, il-mudelli tat-termini kuntrattwali għall-kuntratti ta' kondiviżjoni tad-data minn negozju għal negozju li għandhom jiġu żviluppati u rakkomandati mill-Kummissjoni jistgħu jkunu utli wkoll għall-partijiet kummerċjali meta jinnegozjaw il-kuntratti.

Emenda

(55) Jekk terminu kuntrattwali ma jkunx inkluż fil-lista ta' termini li dejjem jitqiesu inġusti jew li huma preżunti inġusti **bejn l-intrapriżi**, tapplika d-dispożizzjoni ġenerali dwar in-nuqqas ta' ġustizzja. F'dan ir-rigward, it-termini elenkati bħala termini inġusti jenħtieġ li jservu bħala kejl biex tiġi interpretata d-dispożizzjoni ġenerali ta' nuqqas ta' ġustizzja. Fl-aħħar nett, il-mudelli tat-termini kuntrattwali għall-kuntratti ta' kondiviżjoni tad-data minn negozju għal negozju li għandhom jiġu żviluppati u rakkomandati mill-Kummissjoni jistgħu jkunu utli wkoll għall-partijiet kummerċjali meta jinnegozjaw il-kuntratti.

Emenda 28

Proposta għal regolament Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni

(56) F'sitwazzjonijiet ta' hteġa eċċezzjonali, jista' jkun meħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku jew l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jużaw id-data miżmuma minn intrapriża biex iwieġbu għal emerġenzi pubbliċi jew f'każijiet eċċezzjonali oħra. Organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka

Emenda

(56) F'sitwazzjonijiet ta' hteġa eċċezzjonali, jista' jkun meħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku jew l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jużaw id-data miżmuma minn intrapriża biex iwieġbu għal emerġenzi pubbliċi jew f'każijiet eċċezzjonali oħra. Organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka

jistgħu jkunu organizzati wkoll bħala korpi tas-settur pubbliku jew korpi regolati mid-dritt pubbliku. Sabiex jiġi limitat il-piż fuq in-negozji, l-intrapriżi mikro u żgħar jenħtieġ li jiġu eżentati mill-obbligu li jipprovdu data lill-korpi tas-settur pubbliku u lill-istituzzjonijiet, lill-aġenziji jew lill-korpi tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet ta' ħtieġa eċċezzjonali.

jistgħu jkunu organizzati wkoll bħala korpi tas-settur pubbliku jew korpi regolati mid-dritt pubbliku. Sabiex **jiġu żgurati Prattiki koerenti bejn l-Istati Membri u ambjent prevedibbli għall-entitajiet privati, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jidentifikaw taħt il-kompetenza tagħhom, il-korpi li jistgħu jitolbu aċċess għad-data li tkun il-proprjetà tal-intrapriżi. Sabiex** jiġi limitat il-piż fuq in-negozji, l-intrapriżi mikro u żgħar jenħtieġ li jiġu eżentati mill-obbligu li jipprovdu data lill-korpi tas-settur pubbliku u lill-istituzzjonijiet, lill-aġenziji jew lill-korpi tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet ta' ħtieġa eċċezzjonali.

Emenda 29

Proposta għal regolament

Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni

(61) Biex id-data mid-detenturi tad-data tkun magħmula disponibbli, f'każijiet ta' ħtiġijiet eċċezzjonali, huwa meħtieġ qafas proporzjonat, limitat u prevedibbli fil-livell tal-Unjoni, għall-korpi tas-settur pubbliku u għall-istituzzjonijiet, għall-aġenziji jew għall-korpi tal-Unjoni kemm biex tiġi żgurata ċ-ċertezza ġuridika kif ukoll biex jiġu mminimizzati l-piżijiet amministrattivi mqiegħda fuq in-negozji. Għal dan il-għan, it-talbiet għad-data minn korpi tas-settur pubbliku u minn istituzzjonijiet, aġenziji u korpi tal-Unjoni lid-detenturi tad-data jenħtieġ li jkunu trasparenti u proporzjonati f'termini tal-ambitu tal-kontenut tagħhom u tal-granularità tagħhom. L-għan tat-talba u l-użu maħsub tad-data mitluba jenħtieġ li jkunu speċifiċi u spjegati b'mod ċar, filwaqt li jippermettu flessibilità xierqa għall-entità rikjedenti biex twettaq il-kompiti tagħha fl-interess pubbliku. It-talba jenħtieġ li tirrispetta wkoll l-interessi leġittimi tan-negozji li lilhom issir it-talba. Il-piż fuq id-detenturi tad-data jenħtieġ li jiġi minimizzat billi l-entitajiet rikjedenti

Emenda

(61) Biex id-data mid-detenturi tad-data tkun magħmula disponibbli, f'każijiet ta' ħtiġijiet eċċezzjonali, huwa meħtieġ qafas proporzjonat, limitat u prevedibbli fil-livell tal-Unjoni, għall-korpi tas-settur pubbliku u għall-istituzzjonijiet, għall-aġenziji jew għall-korpi tal-Unjoni kemm biex tiġi żgurata ċ-ċertezza ġuridika kif ukoll biex jiġu mminimizzati l-piżijiet amministrattivi mqiegħda fuq in-negozji. Għal dan il-għan, it-talbiet għad-data minn korpi tas-settur pubbliku u minn istituzzjonijiet, aġenziji u korpi tal-Unjoni lid-detenturi tad-data jenħtieġ li jkunu trasparenti u proporzjonati f'termini tal-ambitu tal-kontenut tagħhom u tal-granularità tagħhom, **u jkunu bbażati fuq l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi l-proċedura tagħha stess għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni rispettivi tagħha.** L-għan tat-talba u l-użu maħsub tad-data mitluba jenħtieġ li jkunu speċifiċi u spjegati b'mod ċar, filwaqt li jippermettu flessibilità xierqa

jìgu obligati jirrispettaw il-prinçipju ta' darba biss, li jipprevjeni li tintalab aktar minn darba l-istess data minn aktar minn korp wieħed tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni fejn dik id-data tkun meħtieġa bħala tweġiba għal emerġenza pubblika. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, jenħtieġ li t-talbiet għad-data magħmula minn korpi tas-settur pubbliku u minn istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni jìgu ppubblikati mingħajr dewmien **żejjed** mill-entità li titlob id-data u d-disponibbiltà pubblika online tat-talbiet kollha ġġustifikati minn emerġenza pubblika jenħtieġ li tiġi żgurata.

għall-entità rikjedenti biex twettaq il-kompiti tagħha fl-interess pubbliku. It-talba jenħtieġ li tirispetta wkoll l-interessi leġittimi tan-negozji li lilhom issir it-talba. Il-piż fuq id-detenturi tad-data jenħtieġ li jìgi minimizzat billi l-entitajiet rikjedenti jìgu obligati jirrispettaw il-prinçipju ta' darba biss, li jipprevjeni li tintalab aktar minn darba l-istess data minn aktar minn korp wieħed tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni fejn dik id-data tkun meħtieġa bħala tweġiba għal emerġenza pubblika. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, jenħtieġ li t-talbiet għad-data magħmula minn korpi tas-settur pubbliku u minn istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni jìgu ppubblikati mingħajr dewmien **bla bżonn u sakemm ma jkunx hemm restrizzjoni minn liġi oħra fi żmien 10 ijiem tax-xogħol**, mill-entità li titlob id-data u d-disponibbiltà pubblika online tat-talbiet kollha ġġustifikati minn emerġenza pubblika jenħtieġ li tiġi żgurata.

Emenda 30

Proposta għal regolament Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni

(62) L-oġġettiv tal-obbligu li tiġi pprovduta d-data huwa li jìgi żgurat li l-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jkollhom l-għarfien meħtieġ biex jirrispondu għal, jipprevjenu jew jirkupraw minn emerġenzi pubbliçi jew biex iżommu l-kapaçità li jwettqu kompiti speçiçi pprovduti b'mod espliciçu mil-liġi. Id-data miksuba minn dawk l-entitajiet tista' tkun kummerçjalment sensittiva. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁵ ma tapplikax għad-data magħmula disponibbli skont dan ir-Regolament u jenħtieġ li ma titqiesx bħala data miftuħa disponibbli

Emenda

(62) L-oġġettiv tal-obbligu li tiġi pprovduta d-data huwa li jìgi żgurat li l-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jkollhom l-għarfien meħtieġ biex jirrispondu għal, jipprevjenu jew jirkupraw minn emerġenzi pubbliçi jew biex iżommu l-kapaçità li jwettqu kompiti speçiçi pprovduti b'mod espliciçu mil-liġi. Id-data miksuba minn dawk l-entitajiet tista' tkun kummerçjalment sensittiva. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁵ ma tapplikax għad-data magħmula disponibbli skont dan ir-Regolament u jenħtieġ li ma titqiesx bħala data miftuħa disponibbli

għall-użu mill-ġdid minn partijiet terzi. Madankollu, dan ma għandux jaffettwa l-applikabbiltà tad-Direttiva (UE) 2019/1024 għall-użu mill-ġdid ta' statistika uffiċjali, li għall-produzzjoni tagħha, ntużat id-data miksuba skont dan ir-Regolament, dment li l-użu mill-ġdid ma jinkludix id-data sottostanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li ma taffettwax il-possibbiltà li d-data tiġi kondiviża għat-twettiq tar-riċerka jew għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku jitħallew ukoll jiskambjaw data miksuba skont dan ir-Regolament ma' korpi oħra tas-settur pubbliku biex jindirizzaw il-ħtiġijiet eċċezzjonali li għalihom tkun intalbet id-data.

għall-użu mill-ġdid minn partijiet terzi. Madankollu, dan ma għandux jaffettwa l-applikabbiltà tad-Direttiva (UE) 2019/1024 għall-użu mill-ġdid ta' statistika uffiċjali, li għall-produzzjoni tagħha, ntużat id-data miksuba skont dan ir-Regolament, dment li l-użu mill-ġdid ma jinkludix id-data sottostanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li ma taffettwax il-possibbiltà li d-data tiġi kondiviża għat-twettiq tar-riċerka jew għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku jitħallew ukoll jiskambjaw data miksuba skont dan ir-Regolament ma' korpi oħra tas-settur pubbliku biex jindirizzaw il-ħtiġijiet eċċezzjonali li għalihom tkun intalbet id-data, **sakemm il-korpi kollha jirrispettaw l-istess regoli u restrizzjonijiet bħal dawk ta' min ikun qed jitolb id-data oriġinarjament. In-negożju li d-data tiegħu trid tiġi kondiviża, dment li jaġixxi in bona fede, jenħtieġ li jkollu wkoll il-possibbiltà li jqajjem oġġezzjoni dwar it-trasferiment ippjanat tad-data sabiex jiġu protetti s-sigurtà, l-integrità jew il-kunfidenzjalità tiegħu.**

⁶⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

⁶⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

Emenda 31

Proposta għal regolament Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni

(66) Meta d-data pprovduta mid-detenturi tad-data terġa' tintuża, il-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jirrispettaw kemm il-leġiżlazzjoni

Emenda

(66) Meta d-data pprovduta mid-detenturi tad-data terġa' tintuża, il-korpi tas-settur pubbliku u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jirrispettaw kemm il-leġiżlazzjoni

applikabbli eżistenti kif ukoll l-obbligi kuntrattwali li għalihom huwa soġġett id-detentur tad-data. Meta d-divulgazzjoni tas-sigrieti kummerċjali tad-detentur tad-data lil korpi tas-settur pubbliku jew lil istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni tkun strettament meħtieġa biex jiġi ssodisfat l-għan li għalih tkun intalbet id-data, jenħtieġ li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità ta' tali divulgazzjoni lid-detentur tad-data.

applikabbli eżistenti kif ukoll l-obbligi kuntrattwali li għalihom huwa soġġett id-detentur tad-data. Meta d-divulgazzjoni tas-sigrieti kummerċjali tad-detentur tad-data lil korpi tas-settur pubbliku jew lil istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni tkun strettament meħtieġa biex jiġi ssodisfat l-għan li għalih tkun intalbet id-data, jenħtieġ li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità ta' tali divulgazzjoni lid-detentur tad-data. ***Jenħtieġ li korpi tas-settur pubbliku jew istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni jkunu responsabbli għas-sigurtà tad-data li jirċievu.***

Emenda 32

Proposta għal regolament

Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni

(67) Meta ***s-salvagwardja ta' oġġett pubbliku sinifikanti tkun f'riskju, bħal fil-każ ta' rispons*** għal emerġenzi pubbliċi, ***il-korp*** tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni ***ma għandhomx ikunu*** mistennija jikkompensaw lill-intrapriżi għad-data miksuba. L-emerġenzi pubbliċi huma avvenimenti rari u mhux l-emerġenzi kollha bħal dawn jeħtieġu l-użu ta' data miżmuma minn intrapriżi. Għalhekk, l-attivitajiet kummerċjali tad-detenturi tad-data x'aktarx li ma jiġux affettwati b'mod negattiv bħala konsegwenza tal-fatt li l-korpi tas-settur pubbliku jew l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jirrikorru għal dan ir-Regolament. Madankollu, peress li każijiet ta' ħtieġa eċċezzjonali għajr ir-rispons għal emerġenza pubblika jistgħu jkunu aktar frekwenti, inklużi każijiet ta' prevenzjoni jew ta' rkupru minn emerġenza pubblika, id-detenturi tad-data jenħtieġ li f'każijiet bħal dawn ikunu intitolati għal kumpens raġonevoli li ma għandux jaqbeż il-kostijiet

Emenda

(67) Meta ***jirrispondu*** għal emerġenzi pubbliċi ***kif definiti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-korp*** tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni ***jkunu*** mistennija jikkompensaw lill-intrapriżi għad-data miksuba. L-emerġenzi pubbliċi huma avvenimenti rari u mhux l-emerġenzi kollha bħal dawn jeħtieġu l-użu ta' data miżmuma minn intrapriżi. Għalhekk, l-attivitajiet kummerċjali tad-detenturi tad-data x'aktarx li ma jiġux affettwati b'mod negattiv bħala konsegwenza tal-fatt li l-korpi tas-settur pubbliku jew l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni jirrikorru għal dan ir-Regolament. Madankollu, peress li każijiet ta' ħtieġa eċċezzjonali għajr ir-rispons għal emerġenza pubblika jistgħu jkunu aktar frekwenti, inklużi każijiet ta' prevenzjoni jew ta' rkupru minn emerġenza pubblika, id-detenturi tad-data jenħtieġ li f'każijiet bħal dawn ikunu intitolati għal kumpens raġonevoli li ma għandux jaqbeż il-kostijiet tekniċi u organizzazzjonali mġarrba biex ikun hemm konformità mat-

tekniċi u organizzazzjonali mġarrba biex ikun hemm konformità mat-talba u l-marġni raġonevoli meħtieġ biex id-data tkun magħmula disponibbli għall-korp tas-settur pubbliku jew għall-istituzzjoni, għall-aġenzija jew għall-korp tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-kumpens ma jinftehimx bħala li jikkostitwixxi pagament għad-data nnifisha u bħala li huwa obbligatorju.

talba u l-marġni raġonevoli meħtieġ biex id-data tkun magħmula disponibbli għall-korp tas-settur pubbliku jew għall-istituzzjoni, għall-aġenzija jew għall-korp tal-Unjoni. **Meta l-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni jemmnu li l-livell ta' kumpens mitlub mid-detentur tad-data mhijiex ġustifikata, jenħtieġ li l-kwistjoni titressaq quddiem l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 31 tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit id-detentur tad-data.** Jenħtieġ li l-kumpens ma jinftehimx bħala li jikkostitwixxi pagament għad-data nnifisha u bħala li huwa obbligatorju.

Emenda 33

Proposta għal regolament

Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni

(69) Il-kapaċità għall-klijenti tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data, inkluż is-servizzi tal-cloud u tal-edge, li jaqilbu minn servizz tal-ipproċessar tad-data għal ieħor, filwaqt li ***jżommu funzjonalità minima*** tas-servizz, hija kundizzjoni ewlenija għal suq aktar kompetittiv b'inqas ostakli għad-dħul għal fornituri ta' servizzi ġodda.

Emenda

(69) Il-kapaċità għall-klijenti tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data, inkluż is-servizzi tal-cloud u tal-edge, li jaqilbu minn servizz tal-ipproċessar tad-data għal ieħor, filwaqt li ***jevitaw perjodu ta' qtugħ tas-servizz, jew li jużaw is-servizzi ta' diversi fornituri fl-istess ħin mingħajr kostijiet bla bżonn għat-trasferiment tad-data***, hija kundizzjoni ewlenija għal suq aktar kompetittiv b'inqas ostakli għad-dħul għal fornituri ta' servizzi ġodda, ***u biex tiġi żgurata aktar reżiljenza għall-utenti ta' dawn is-servizzi. Il-garanziji għal qlib effettiv jenħtieġ li jinkludu klijenti li jibbenefikaw minn offerti fuq skala kbira bla ħlas, sabiex dan ma jirriżultax f'sitwazzjoni ta' intrappolament għall-klijenti. L-iffaċilitar ta' approċċ b'diversi servizzi tal-cloud għal klijenti tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jista' jikkontribwixxi wkoll għaż-żieda fir-reżiljenza operazzjonali diġitali tagħhom, kif ġie rikonoxxut għall-istituzzjonijiet tas-servizzi finanzjarji fl-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali***

(DORA).

Emenda 34

Proposta għal regolament Premessa 69a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(69a) L-imposti tal-qlib huma imposti li l-fornituri tal-cloud computing jimponu fuq il-klijenti tagħhom għall-proċess tal-qlib. Tipikament, dawk l-imposti huma maħsuba biex jgħaddu l-kostijiet, li l-fornitur tas-sors jaf iġarrab minħabba l-proċess tal-qlib, lill-klijent li jkun jixtieq jaqleb. Eżempji ta' imposti komuni tal-qlib huma l-kostijiet relatati mat-trasferiment ta' data minn fornitur għall-ieħor jew għal sistema fuq il-post ("tariffi tal-ħruġ tad-data") jew il-kostijiet imġarrba għal azzjonijiet ta' appoġġ speċifiċi matul il-proċess tal-qlib. Tariffi tal-ħruġ tad-data għoljin bla bżonn u imposti mhux iġġustifikati oħrajn mhux relatati mal-kostijiet attwali tal-qlib, iżommu lill-klijenti milli jaqilbu, jirrestrinġu l-flussi ħielsa tad-data, għandhom il-potenzjal li jillimitaw il-kompetizzjoni u jikkawżaw effetti ta' intrappolament għall-klijenti tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data, billi jnaqqsu l-inċentivi biex jagħżlu fornitur tas-servizz differenti jew addizzjonali. Bħala riżultat tal-obbligi l-ġodda previsti f'dan ir-Regolament, il-fornitur tas-sors tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jista' jesternalizza ċerti kompiti u jinnumera mill-ġdid entitajiet terzi sabiex jikkonforma ma' dawn l-obbligi. Il-klijent ma għandux iħallas l-ispejjeż li jirriżultaw mill-esternalizzazzjoni tas-servizzi konklużi mill-fornitur tas-sors tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data matul il-proċess tal-qlib u tali kostijiet għandhom jitqiesu bħala mhux ġustifikati. Xejn fl-Att dwar id-Data ma jipprevjeni lil klijent milli jħallas lil entitajiet terzi għall-appoġġ fil-

proċess tal-migrazzjoni. Il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data tas-sors jifgħu l-imposti tal-ħruġ tad-data fuq il-klijenti meta dawn ikunu lesti joħorġu d-data tagħhom minn network ta' fornitur tal-cloud lejn post estern, speċjalment meta jaqilbu minn fornitur wieħed għal fornitur tad-destinazzjoni wieħed jew aktar, biex jirrilokaw id-data tagħhom minn post wieħed għal ieħor filwaqt li jużaw l-istess fornitur tas-servizzi tal-cloud. Għalhekk, sabiex titrawwem il-kompetizzjoni, l-irtirar gradwali tal-imposti assoċjati mas-servizzi tal-ipproċessar tad-data tal-qlib jenħtieġ li jinkludi b'mod speċifiku l-irtirar ta' tariffi tal-ħruġ tad-data li jintalbu lil klijent mis-servizz tal-ipproċessar tad-data.

Emenda 35

Proposta għal regolament Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni

(70) Ir-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jinkoraġġixxi lill-fornituri ta' servizzi jiżviluppaw u jimplimentaw b'mod effettiv kodiċijiet ta' kondotta awtoregulatorji li jkopru l-aħjar prattiki għal, fost l-oħrajn, l-iffaċilitar tal-qlib ta' fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data u ***l-portabbiltà*** tad-data. Minħabba ***l-effikaċja limitata*** tal-oqfsa awtoregulatorji żviluppata b'rispons għal dan, u n-nuqqas ta' disponibbiltà ġenerali ta' standards u ta' interfaċċi miftuħa, huwa meħtieġ li jiġi adottat sett ta' obbligi regulatorji minimi fuq il-fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data biex jiġu eliminati ***l-ostakli*** kuntrattwali, ekonomiċi u tekniċi ***għall-qlib*** effettiv bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-data.

Emenda

(70) Ir-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jinkoraġġixxi lill-fornituri ta' servizzi ***tal-ipproċessar tad-data*** jiżviluppaw u jimplimentaw b'mod effettiv kodiċijiet ta' kondotta awtoregulatorji li jkopru l-aħjar prattiki għal, fost l-oħrajn, l-iffaċilitar tal-qlib ta' fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data u ***t-trasferiment*** tad-data. Minħabba ***l-użu limitat*** tal-oqfsa awtoregulatorji żviluppata b'rispons għal dan, u n-nuqqas ta' disponibbiltà ġenerali ta' standards u ta' interfaċċi miftuħa, huwa meħtieġ li jiġi adottat sett ta' obbligi regulatorji minimi fuq il-fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data biex jiġu eliminati ***ostakli*** kuntrattwali, ***kummerċjali, organizzazzjonali,*** ekonomiċi u tekniċi, ***li mhum iex limitati għall-veloċità mfixkta b'mod intenzjonat tat-trasferiment tad-data mal-ħruġ tal-klijent, li jfixklu l-qlib*** effettiv bejn is-

servizzi tal-ipproċessar tad-data.

Emenda 36

Proposta għal regolament

Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni

(71) Is-servizzi tal-ipproċessar tad-data jenħtieġ li jkopru s-servizzi li jippermettu aċċess *on-demand u aċċess remot wiesa'* għal grupp skalabbli u elastiku ta' riżorsi *informatiċi kondiviżabbli u* distribwiti. Dawk ir-riżorsi *informatiċi* jinkludu riżorsi bħal networks, servers jew infrastruttura virtwali jew fiżika oħra, *sistemi operattivi*, software, inklużi għodod għall-iżvilupp tas-software, il-ħżin, l-applikazzjonijiet u s-servizzi. Il-kapaċità tal-klijent tas-servizz tal-ipproċessar tad-data biex unilateralmment jipprovdi awtoforiment tal-kapaċitajiet tal-computing, bħall-ħin tas-server jew il-ħżin tan-network, mingħajr ebda interazzjoni umana mill-fornitur *tas-servizz* tista' tiġi deskritta bħala *amministrazzjoni on-demand*. It-terminu "*aċċess remot wiesa'*" jintuża biex jiddeskrivi li l-kapaċitajiet *informatiċi jkunu* pprovduti fuq in-network u jiġu aċċessati permezz ta' mekkaniżmi li jippromwovu l-użu ta' pjattaformi ta' terminals ħfief jew tqal eteroġeni (minn web browsers għal apparat portabbli u stazzjonijiet tax-xogħol). It-terminu "skalabbli" jirreferi għal riżorsi *informatiċi* li jiġu allokatati b'mod flessibbli mill-fornitur *tas-servizz* tal-ipproċessar tad-data, irrispettivament mil-post ġeografiku fejn ikunu jinsabu r-riżorsi, sabiex jiġu ġestiti l-fluttwazzjonijiet li jkun hemm domanda *kbira* għalihom. It-terminu "*grupp elastiku*" jintuża biex jiddeskrivi dawk ir-riżorsi *informatiċi* li jiġu pprovduti u li jiġu rilaxxati skont id-domanda sabiex iżidu u jnaqqsu malajr ir-riżorsi disponibbli skont l-ammont ta' xogħol. It-terminu "*jistgħu jiġu kondiviżi*" jintuża biex jiddeskrivi dawk ir-riżorsi

Emenda

(71) Is-servizzi tal-ipproċessar tad-data jenħtieġ li jkopru s-servizzi li jippermettu aċċess *tan-network minn kullimkien u on-demand* għal grupp *kondiviż konfigurabbli*, skalabbli u elastiku ta' riżorsi *tal-computing* distribwiti. Dawk ir-riżorsi *tal-computing* jinkludu riżorsi bħal networks, servers jew infrastruttura virtwali jew fiżika oħra, software, inklużi għodod għall-iżvilupp tas-software, il-ħżin, l-applikazzjonijiet u s-servizzi. *Il-mudelli tal-implimentazzjoni tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jenħtieġ li jinkludu cloud privat u pubbliku. Jenħtieġ li tali mudelli ta' servizzi u ta' implimentazzjoni jkunu l-istess bħal dawk definiti fl-istandards internazzjonali*. Il-kapaċità tal-klijent tas-servizz tal-ipproċessar tad-data biex unilateralmment jipprovdi awtoforiment tal-kapaċitajiet tal-computing, bħall-ħin tas-server jew il-ħżin tan-network, mingħajr ebda interazzjoni umana mill-fornitur *tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data* tista' tiġi deskritta bħala *waħda li tkun teħtieġ sforz ta' ġestjoni minima u li tkun tinvolvi interazzjoni minima bejn il-fornitur u l-klijent*. It-terminu "*minn kullimkien*" jintuża biex jiddeskrivi li l-kapaċitajiet *tal-computing ikunu* pprovduti fuq in-network u jiġu aċċessati permezz ta' mekkaniżmi li jippromwovu l-użu ta' pjattaformi ta' terminals ħfief jew tqal eteroġeni (minn web browsers għal apparat portabbli u stazzjonijiet tax-xogħol). It-terminu "skalabbli" jirreferi għal riżorsi *tal-computing* li jiġu allokatati b'mod flessibbli mill-fornitur *tas-servizzi* tal-ipproċessar tad-data, irrispettivament mil-post

informatiċi li jiġu pprovduti lil diversi utenti li jikkondividu aċċess komuni għas-servizz, iżda fejn l-ipproċessar isir b'mod separat għal kull utent, għalkemm is-servizz jiġi pprovdut mill-istess tagħmir elettroniku. It-terminu "distribwit" jintuża biex jiddeskrivi dawk ir-riżorsi informatiċi li jinsabu fuq kompjuters jew apparati differenti mqabbda ma' network u li jikkomunikaw u li jikkoordinaw bejniethom billi jgħaddu l-messaġġi. It-terminu "distribwit ħafna" jintuża biex jiddeskrivi s-servizzi tal-ipproċessar tad-data li jinvolvu l-ipproċessar tad-data eqreb ta' fejn tkun qed tiġi ġġenerata jew miġbura d-data, pereżempju f'apparat tal-ipproċessar tad-data konness. Edge computing, li huwa forma ta' pproċessar ta' data distribwit ħafna, huwa mistenni li jiġġenera mudelli kummerċjali ġodda u mudelli ta' kunsinna ta' servizzi tal-cloud, li jenħtieġ li jkunu miftuħin u interoperabbli sa mill-bidu nett.

ġeografiku fejn ikunu jinsabu r-riżorsi, sabiex jiġu ġestiti l-fluttwazzjonijiet li jkun hemm domanda għalihom. It-terminu "**elastiku**" jintuża biex jiddeskrivi dawk ir-riżorsi **tal-computing** li jiġu pprovduti u li jiġu rilaxxati skont id-domanda sabiex iżidu u jnaqqsu malajr ir-riżorsi disponibbli skont l-ammont ta' xogħol. It-terminu "**grupp kondiviż**" jintuża biex jiddeskrivi dawk ir-riżorsi **tal-computing** li jiġu pprovduti lil diversi utenti li jikkondividu aċċess komuni għas-servizz, iżda fejn l-ipproċessar isir b'mod separat għal kull utent, għalkemm is-servizz jiġi pprovdut mill-istess tagħmir elettroniku. It-terminu "distribwit" jintuża biex jiddeskrivi dawk ir-riżorsi informatiċi li jinsabu fuq kompjuters jew apparati differenti mqabbda ma' network u li jikkomunikaw u li jikkoordinaw bejniethom billi jgħaddu l-messaġġi. It-terminu "distribwit ħafna" jintuża biex jiddeskrivi s-servizzi tal-ipproċessar tad-data li jinvolvu l-ipproċessar tad-data eqreb ta' fejn tkun qed tiġi ġġenerata jew miġbura d-data, pereżempju f'apparat tal-ipproċessar tad-data konness. Edge computing, li huwa forma ta' pproċessar ta' data distribwit ħafna, huwa mistenni li jiġġenera mudelli kummerċjali ġodda u mudelli ta' kunsinna ta' servizzi tal-cloud, li jenħtieġ li jkunu miftuħin u interoperabbli sa mill-bidu nett. **Servizzi diġitali meqjusa bħala pjattaforma online kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (i), tal-[Att dwar is-Servizzi Diġitali] u servizz tal-kontenut online kif definit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (EU) 2017/1128 jenħtieġ li ma jitqisux bħala "servizzi tal-ipproċessar tad-data" skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.**

Emenda 37

Proposta għal regolament Premessa 71a (ġdida)

(71a) Is-servizzi tal-ipproċessar tad-data jaqgħu f'wieħed jew aktar mit-tliet mudelli li ġejjin tal-kunsinna ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data: IaaS (infrastruttura bħala servizz), PaaS (pjattaforma bħala servizz) u SaaS (software bħala servizz). Dawn il-mudelli tal-kunsinna ta' servizzi jirrappreżentaw taħlita speċifika u ppakkjata minn qabel ta' riżorsi tal-IT offruti minn fornitur ta' servizz tal-ipproċessar tad-data. Tliet mudelli bażiċi ta' kunsinna ta' cloud huma ulterjorment ikkompletati minn varjazzjonijiet emerġenti, kull wieħed magħmul minn taħlita distinta ta' riżorsi tal-IT, bħal "Ħżin bħala Servizz" u "Bażi tad-Data bħala Servizz". Għall-fini ta' dan ir-Regolament, is-servizzi tal-ipproċessar tad-data jistgħu jiġu kkattegorizzati f'multipliċità aktar granulari u mhux eżawrjenti ta' "servizzi ekwivalenti" differenti, jiġifieri settijiet ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data li jikkondividu l-istess objettiv primarju u funzjonalitajiet ewlenin kif ukoll l-istess tip ta' mudelli tal-ipproċessar tad-data, li mhumiex relatati mal-karatteristiċi operazzjonali tas-servizz. F'eżempju, żewġ bażijiet tad-data jistgħu jidhru li għandhom l-istess objettiv primarju, iżda wara li jitqiesu l-mudell tal-ipproċessar tad-data, il-mudell ta' distribuzzjoni u l-każ ta' użu fil-mira tagħhom, tali bażijiet tad-data għandhom jaqgħu f'subkategorija aktar granulari ta' servizzi ekwivalenti. Servizzi ekwivalenti jista' jkollhom karatteristiċi differenti u konkorrenti bħall-prestazzjoni, is-sigurtà, ir-reżiljenza, u l-kwalità tas-servizz.

Emenda 38

**Proposta għal regolament
Premessa 71b (ġdida)**

(71b) L-estrazzjoni tad-data li tappartjeni lill-klijent mill-fornitur tas-sors tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data tibqa' waħda mill-isfidi li timpedixxi r-restawr tal-funzjonalitajiet tas-servizz fl-infrastruttura tal-fornitur tad-destinazzjoni. Sabiex tiġi ppjanata kif xieraq l-istrateġija ta' ħruġ, jiġu evitati kompiti bla bżonn u ta' piż u jiġi żgurati li l-klijent ma jitlef l-ebda data tiegħu bħala konsegwenza tal-proċess tal-qlib, il-fornitur tas-sors tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandu jinkludi fil-kuntratt l-informazzjoni obbligatorja dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-data li tista' tiġi esportata mill-klijent ladarba jiddeċiedi li jaqleb għal servizz differenti, jaqleb għal fornitur ieħor ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data jew imur għal infrastruttura tal-ICT fuq il-post. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-data esportabbli jenħtieġ li jinkludi bħala minimu d-data tal-input u tal-output, inklużi l-formati tad-data rilevanti, l-istrutturi tad-data u l-metadata ġġenerata jew koġenerata direttament jew indirettament mill-użu tal-klijent tas-servizz tal-ipproċessar tad-data, u li tista' tiġi assenjata b'mod ċar lill-klijent. Id-data esportabbli jenħtieġ li teskludi kwalunkwe servizz tal-ipproċessar tad-data, jew l-assi jew id-data ta' parti terza protetta mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigriet kummerċjali jew informazzjoni kunfidenzjali, bħal data relatata mal-integrità u s-sigurtà tas-servizz ipprovdut mis-servizz tal-ipproċessar tad-data, u jenħtieġ li teskludi wkoll id-data użata mill-fornitur biex jopera, iżomm u jtejjeb is-servizz.

Emenda 39

**Proposta għal regolament
Premessa 72**

(72) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiffaċilita l-qlib bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-data, li jinkludi l-kundizzjonijiet u l-azzjonijiet kollha li huma meħtieġa biex kljent jittermina ftehim kuntrattwali ta' servizz tal-ipproċessar tad-data, biex jikkonkludi kuntratt ġdid wieħed jew aktar minn wieħed ma' fornituri differenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data, biex l-assi diġitali kollha tiegħu jiġu trasferiti (ported), inkluż id-data, lill-fornituri l-oħrajn ikkonċernati u biex ikompli jużahom fl-ambjent il-ġdid **filwaqt li** jibbenefika mill-ekwivalenza funzjonali. L-assi diġitali jirreferu għall-elementi f'format diġitali li għalihom il-kljent għandu d-dritt għall-użu, inkluż id-data, l-applikazzjonijiet, il-magni virtwali u manifestazzjonijiet oħrajn ta' teknoloġiji ta' virtwalizzazzjoni, bħall-kontejners. Ekwivalenza funzjonali tfisser **iż-żamma ta'** livell minimu ta' funzjonalità ta' servizz wara l-qlib, **u jenħtieġ li titqies teknikament fattibbli kull meta kemm is-servizzi tal-ipproċessar tad-data tal-orijini** kif ukoll tad-destinazzjoni **jkopru (parzjalment jew kompletament) l-istess tip** ta' servizz. Il-metadata, iġġenerata mill-użu min-naħa tal-kljent ta' servizz, jenħtieġ li tkun **portabbli** wkoll skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-qlib.

(72) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiffaċilita l-qlib bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-data, li jinkludi l-kundizzjonijiet u l-azzjonijiet **rilevanti** kollha li huma meħtieġa biex kljent jittermina ftehim kuntrattwali ta' servizz tal-ipproċessar tad-data, biex jikkonkludi kuntratt ġdid wieħed jew aktar minn wieħed ma' fornituri differenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data, biex l-assi diġitali kollha tiegħu jiġu trasferiti (ported), inkluż id-data, lill-fornituri l-oħrajn ikkonċernati u biex ikompli jużahom fl-ambjent il-ġdid **u** jibbenefika mill-ekwivalenza funzjonali. **Jenħtieġ li jiġi nnotat li s-servizzi tal-ipproċessar tad-data fil-kamp ta' applikazzjoni huma dawk fejn l-ipproċessar tad-data, kif definit skont ir-Regolament, jifforma parti min-negozju ewlieni ta' fornitur.** L-assi diġitali jirreferu għall-elementi f'format diġitali li għalihom il-kljent għandu d-dritt għall-użu, inkluż id-data, l-applikazzjonijiet, il-magni virtwali u manifestazzjonijiet oħrajn ta' teknoloġiji ta' virtwalizzazzjoni, bħall-kontejners. **Il-qlib huwa operazzjoni mmexxija mill-kljent li tikkonsisti minn tliet passi ewlenin: i) l-estrazzjoni tad-data, jiġifieri t-tniżżil tad-data minn ekosistema tal-fornitur tas-sors; ii) it-trasformazzjoni, meta d-data tkun strutturata b'tali mod li ma tkunx taqbel mal-iskema tal-post fil-mira; iii) l-uploadjar tad-data f'post tad-destinazzjoni ġdid. F'sitwazzjoni speċifika deskritta f'dan ir-Regolament, is-separazzjoni ta' servizz partikolari mill-kuntratt u t-trasferiment tiegħu għal fornitur ieħor għandhom jitqiesu wkoll bħala qlib. Il-proċess tal-qlib kultant jiġi ġestit f'isem il-kljent minn entità terza. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-drittijiet u l-obbligi kollha tal-kljent stabbiliti b'dan ir-Regolament, inkluż l-obbligu ta' kollaborazzjoni in bona fide, jinftiehem li japplikaw għal tali entità terza f'dawn iċ-ċirkostanzi. Il-fornituri tas-servizzi tal-**

cloud computing u l-klijenti għandhom livelli differenti ta' responsabbiltajiet, skont il-passi tal-proċess imsemmi. Pereżempju, il-fornitur tas-sors tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data huwa responsabbli biex jagħmel estrazzjoni tad-data f'format li jinqara mill-magni, iżda huwa l-klijent u l-fornitur tad-destinazzjoni li se jtellgħu d-data fl-ambjent il-ġdid, sakemm ma jkunx inkiseb servizz ta' tranżizzjoni professjonali speċifiku. L-ostakli għall-qlib huma ta' natura differenti, skont liema pass tal-proċess tal-qlib huwa msemmi. Ekwivalenza funzjonali tfisser il-possibbiltà li jiġi stabbilit mill-ġdid, abbażi tad-data tal-klijent, livell minimu ta' funzjonalità ta' servizz fl-ambjent ta' servizz tal-ipproċessar tad-data ġdid wara l-qlib, fejn is-servizz tad-destinazzjoni jagħti eżitu komparabbli b'rispons għall-istess input għal funzjonalità kondiviża pprovduta lill-klijent skont il-ftehim kuntrattwali; Servizzi differenti jistgħu jiġsbu ekwivalenza funzjonali biss għall-funzjonalitajiet ewlenin kondiviżi, fejn kemm il-fornituri tas-servizz tas-sors kif ukoll tad-destinazzjoni joffru b'mod indipendenti l-istess funzjonalitajiet ewlenin. Dan ir-Regolament ma jistabbilixxix obbligu li tiġi ffaċilitata ekwivalenza funzjonali għas-servizzi tal-ipproċessar tad-data tal-mudelli ta' kunsinna ta' PaaS u/jew SaaS. Il-metadata rilevanti, iġġenerata mill-użu min-naħa tal-klijent ta' servizz, jenħtieġ li tkun trasferibbli wkoll skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar il-qlib u taqa' taħt id-definizzjoni tad-data esportabbli. Is-servizzi tal-ipproċessar tad-data jintużaw fost is-setturi u jvarjaw fit-tip ta' kumplessità u servizz. Din hija kunsiderazzjoni importanti fir-rigward tal-proċess tat-trasferiment u l-iskedi ta' żmien.

Emenda 40

**Proposta għal regolament
Premessa 72a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(72a) Huwa meħtieġ approċċ regolatorju ambizzjuż u li jispira l-innovazzjoni fir-rigward tal-interoperabbiltà, sabiex jingħeleb l-intrappolament tal-bejjiġha, li jimmina l-kompetizzjoni u l-iżvilupp ta' servizzi ġodda. L-interoperabbiltà bejn servizzi ekwivalenti tal-ipproċessar tad-data tinvolvi interfaċċi u saffi multipli ta' infrastruttura u software u rament tkun limitata għal test binarju li jista' jinkiseb jew le. Minflok, il-bini ta' tali interoperabbiltà huwa soġġett għal analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji li hija meħtieġa biex jiġi stabbilit jekk huwiex utli li jinkisbu riżultati raġonevolment prevedibbli. L-ISO/IEC 19941:2017 huwa referenza importanti għall-kisba tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, peress li fih kunsiderazzjonijiet tekniċi li jiċċaraw il-kumplessità ta' proċess bħal dan.

Emenda 41

**Proposta għal regolament
Premessa 74**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(74) Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data jkunu meħtieġa joffru l-assistenza u l-appoġġ kollu li hu meħtieġ biex il-proċess tal-qlib jirnexxi u jkun effettiv mingħajr ma jkun hemm bżonn li daww il-fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data jiżviluppaw kategoriji ġodda ta' servizzi fi ħdan jew abbażi tal-infrastruttura tal-IT ta' servizz differenti ta' fornituri tal-ipproċessar tad-data sabiex jiggarantixxu l-ekwivalenza funzjonali f'ambjent għajr is-sistemi tagħhom stess. Madankollu, il-fornituri tas-servizzi huma meħtieġa joffru l-assistenza u l-appoġġ kollu li hu meħtieġ biex jagħmlu l-proċess

(74) Il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jenħtieġ li jkunu meħtieġa li ma jimponux l-ostakli rilevanti kollha u jneħħuhom, u li joffru l-assistenza u l-appoġġ kollha fil-kapaċità tagħhom u b'mod proporzjonali għall-obbligi rispettivi tagħhom li huma meħtieġa biex il-proċess tal-qlib ikun ta' suċċess, sikur u effettiv. Dan ir-Regolament ma jirrikjedix li l-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jiżviluppaw kategoriji ġodda ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data, inkluż fi ħdan jew abbażi tal-infrastruttura tal-IT ta' fornituri differenti ta' servizzi tal-

tal-qlib *effettiv*. Id-drittijiet eżistenti relatati mat-terminazzjoni ta' kuntratti, inklużi dawk introdotti bir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁷ jenħtieġ li ma jgħux affettwati.

ipproċessar tad-data sabiex jggarantixxu l-ekwivalenza funzjonali f'ambjent għajr is-sistemi tagħhom stess. ***Fornitur tas-sors ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data ma għandu l-ebda aċċess u għarfien dwar l-ambjent tal-fornitur tad-destinazzjoni tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data u jenħtieġ li ma jkunx obligat jibni mill-ġdid is-servizz tal-klijent, skont ir-rekwiżiti ta' ekwivalenza funzjonali, fl-infrastruttura tal-fornitur tad-destinazzjoni. Minflok, il-fornitur tas-sors jenħtieġ li jieħu l-miżuri raġonevoli kollha fil-kapaċità tiegħu biex jiffaċilita l-proċess għall-kisba tal-ekwivalenza funzjonali billi jipprovdi kapaċitajiet, informazzjoni adegwata, dokumentazzjoni, appoġġ tekniku u, fejn xieraq, l-għodod meħtieġa. L-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data lill-klijent jenħtieġ li tappoġġa l-iżvilupp tal-istrateġija ta' ħruġ tal-klijent u jenħtieġ li tinkludi proċeduri għall-bidu tal-qlib mis-servizz tal-cloud computing, il-formati tad-data li jinqraw mill-magni li d-data tal-utent tista' tiġi esportata lejhom, l-għodod, inkluż mill-inqas interfaċċa waħda standard miftuħa tat-trasferibbiltà tal-interfaċċa, prevista biex tesporta d-data, informazzjoni dwar restrizzjonijiet u limitazzjonijiet tekniċi magħrufa li jistgħu jħallu impatt fuq il-proċess tal-qlib u l-ħin stmat meħtieġ biex jitlesta l-proċess tal-qlib. Il-kuntratt bil-miktub li jstabilixxi d-drittijiet tal-klijent u l-obbligi tal-fornitur tas-servizzi tal-cloud computing jenħtieġ li jkopri biss l-informazzjoni li tkun disponibbli għall-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data fil-mument li fih jiffassal il-kuntratt.*** Id-drittijiet eżistenti relatati mat-terminazzjoni ta' kuntratti, inklużi dawk introdotti bir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁷ jenħtieġ li ma jgħux affettwati. ***Kwalunkwe perjodu obligatorju skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jaffettwax il-konformità***

ma' skedi ta' żmien speċifikati skont il-leġiżlazzjoni settorjali. Il-Kapitolu VI ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jinftihemx bħala li jipprevjeni fornitur ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data milli jipprovd lill-klijenti tiegħu servizzi, karatteristiċi u funzjonalitajiet ġodda u mtejba jew milli jikkompeti ma' fornituri oħra ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data fuq dik il-bażi.

⁶⁷ Id-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 1).

⁶⁷ Id-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 1).

Emenda 42

Proposta għal regolament Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni

(75) Sabiex tiġi ffaċilitata l-bidla bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-data, il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jenħtieġ li jikkunsidraw l-użu ta' għodod ta' implimentazzjoni u/jew ta' konformità, b'mod partikolari dawk ippubblikati mill-Kummissjoni fil-forma ta' ktieb tar-regoli relatat mas-servizzi ta' cloud. B'mod partikolari, klawżoli kuntrattwali standard huma ta' benefiċċju biex iżidu l-fiduċja fis-servizzi tal-ipproċessar tad-data, biex tinħoloq relazzjoni aktar ibbilanċjata bejn l-utenti u l-fornituri ***tas-servizzi*** u biex tittejjeb iċ-ċertezza legali dwar il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-qlib għal servizzi oħra tal-ipproċessar tad-data. F'dan id-dawl, l-utenti u l-fornituri ta' servizzi jenħtieġ li jikkunsidraw l-użu ta' klawżoli kuntrattwali standard żviluppatti minn korpi jew minn gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni.

Emenda

(75) Sabiex tiġi ffaċilitata l-bidla bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-data, il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jenħtieġ li jikkunsidraw l-użu ta' għodod ta' implimentazzjoni u/jew ta' konformità, b'mod partikolari dawk ippubblikati mill-Kummissjoni fil-forma ta' ktieb tar-regoli relatat mas-servizzi ta' cloud. B'mod partikolari, klawżoli kuntrattwali standard huma ta' benefiċċju biex iżidu l-fiduċja fis-servizzi tal-ipproċessar tad-data, biex tinħoloq relazzjoni aktar ibbilanċjata bejn l-utenti u l-fornituri ***ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data*** u biex tittejjeb iċ-ċertezza legali dwar il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-qlib għal servizzi oħra tal-ipproċessar tad-data. F'dan id-dawl, l-utenti u l-fornituri ta' servizzi ***tal-ipproċessar tad-data*** jenħtieġ li jikkunsidraw l-użu ta' klawżoli kuntrattwali standard żviluppatti minn korpi jew minn gruppi ta' esperti

rilevanti stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni.

Emenda 43

Proposta għal regolament Premessa 75a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(75a) Sabiex jiġi ffaċilitat il-qlib bejn is-servizzi tal-cloud computing, il-partijiet kollha involuti, inklużi l-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data kemm tas-sors kif ukoll tad-destinazzjoni, jenħtieġ li jikkollaboraw in bona fede bil-ħsieb li jippermettu proċess effettiv ta' bdil u t-trasferiment sigur u f'waqtu tad-data meħtieġa f'format użat b'mod komuni u li jinqara mill-magni, u permezz ta' interfaċċa standard miftuħa tal-portabbiltà tad-data, u jiġi evitat tfixkil fis-servizz.

Emenda 44

Proposta għal regolament Premessa 75b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(75b) Is-servizzi tal-ipproċessar tad-data li jikkonċernaw is-servizzi li jkunu mibdula sostanzjalment biex jiffaċilitaw il-ħtieġa ta' klijent (magħmula għall-klijent), jew is-servizzi tal-ipproċessar tad-data li joperaw fuq bażi ta' prova jew li jfornu biss servizz ta' ttestjar u ta' evalwazzjoni għall-offerti ta' prodotti kummerċjali, jenħtieġ li jkunu eżentati minn xi obligazzjonijiet applikabbli għall-qlib tas-servizz tal-ipproċessar tad-data.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Premessa 75c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(75c) Mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom li jieħdu azzjoni quddiem qorti, il-klijenti jenħtieġ li jkollhom aċċess għal korpi ċċertifikati għar-riżoluzzjoni tat-tilwim biex isolvu tilwim relatat mal-qlib bejn fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data.

Emenda 46

Proposta għal regolament

Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(76) L-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards miftuħa tal-interoperabbiltà żviluppata f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 1025/2021 fil-qasam tal-interoperabbiltà u l-portabbiltà jippermettu ambjent tal-cloud b'bosta bejjiegħa, li huwa rekwiżit ewlieni għall-innovazzjoni miftuħa fl-ekonomija Ewropea tad-data. Peress li l-proċessi xprunati mis-suq ma wrewx il-kapaċità li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet jew standards tekniċi li jiffaċilitaw l-interoperabbiltà effettiva tal-cloud fil-livelli ta' PaaS (pjattaforma bħala servizz) u SaaS (software bħala servizz), jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista', abbażi ta' dan ir-Regolament u f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni jiżviluppaw standards bħal dawn, **b'mod partikolari għat-tipi ta' servizzi** fejn dawn l-istandards għadhom ma jeżistux. Minbarra dan, il-Kummissjoni se tħeġġeġ lill-partijiet fis-suq biex jiżviluppaw speċifikazzjonijiet rilevanti tal-interoperabbiltà miftuħa. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti delegati, tista' tobbliga l-użu ta' standards Ewropej għall-interoperabbiltà jew speċifikazzjonijiet

(76) L-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards miftuħa tal-interoperabbiltà **u l-portabbiltà** żviluppata f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 1025/2021 fil-qasam tal-interoperabbiltà u l-portabbiltà jippermettu ambjent tal-cloud b'bosta bejjiegħa, li huwa rekwiżit ewlieni għall-innovazzjoni miftuħa fl-ekonomija Ewropea tad-data. Peress li l-proċessi xprunati mis-suq ma wrewx il-kapaċità li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet jew standards tekniċi li jiffaċilitaw l-interoperabbiltà **u portabbiltà** effettiva tal-cloud fil-livelli ta' PaaS (pjattaforma bħala servizz) u SaaS (software bħala servizz), jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista', **fejn ikun teknikament fattibbli**, abbażi ta' dan ir-Regolament u f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni jiżviluppaw standards bħal dawn, **għal servizzi ekwivalenti** fejn dawn l-istandards għadhom ma jeżistux. Minbarra dan, il-Kummissjoni se tħeġġeġ lill-partijiet fis-suq biex jiżviluppaw speċifikazzjonijiet rilevanti tal-interoperabbiltà **u l-portabbiltà** miftuħa. **Wara li tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati u tikkunsidra l-istandard**

miftuħa tal-interoperabbiltà għal **tipi speċifiċi ta' servizzi** permezz ta' referenza f'repożitorju ċentrali tal-istandards tal-Unjoni għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data. L-istandards Ewropej u l-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà jiġu referenzjati biss jekk ikunu konformi mal-kriterji speċifikati f'dan ir-Regolament, li għandhom l-istess tifsira bħar-rekwiżiti fil-paragrafi 3 u 4 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1025/2021 u l-aspetti tal-interoperabbiltà definiti skont l-ISO/IEC 19941:2017.

internazzjonali u Ewropej rilevanti u l-inizjattivi awtoregulatorji, il-Kummissjoni, permezz ta' atti delegati, tista' tobbliga l-użu ta' standards Ewropej għall-interoperabbiltà **u l-portabbiltà** jew speċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà **u l-portabbiltà** għal **servizzi ekwivalenti** permezz ta' referenza f'repożitorju ċentrali tal-istandards tal-Unjoni għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data. **Il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jenħtieġ li jiżguraw il-kompatibbiltà ma' daww l-istandards għall-interoperabbiltà u l-ispeċifikazzjonijiet tal-portabbiltà, billi jqisu n-natura, is-sigurtà u l-integrità tad-data li jospitaw.** L-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà **u l-portabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data** u l-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà jiġu referenzjati biss jekk ikunu konformi mal-kriterji speċifikati f'dan ir-Regolament, li għandhom l-istess tifsira bħar-rekwiżiti fil-paragrafi 3 u 4 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1025/2021 u l-aspetti tal-interoperabbiltà definiti skont l-ISO/IEC 19941:2017.

Emenda 47

Proposta għal regolament Premessa 79

Test propost mill-Kummissjoni

(79) L-istandardizzazzjoni **u** l-interoperabbiltà semantika jenħtieġ li jkollhom rwol ewlieni biex jipprovdu soluzzjonijiet tekniċi biex **tiġi żgurata** l-interoperabbiltà. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mar-rekwiżiti għall-interoperabbiltà, huwa meħtieġ li tiġi prevista preżunzjoni ta' konformità għal soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li jissodisfaw standards armonizzati jew partijiet minnhom f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-

Emenda

(79) L-istandardizzazzjoni, u l-interoperabbiltà semantika **u sintattika** jenħtieġ li jkollhom rwol ewlieni biex jipprovdu soluzzjonijiet tekniċi **li jippermettu l-portabbiltà u** l-interoperabbiltà. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mar-rekwiżiti għall-interoperabbiltà, huwa meħtieġ li tiġi prevista preżunzjoni ta' konformità għal soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li jissodisfaw standards armonizzati jew partijiet minnhom f'konformità mar-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta speċifikazzjonijiet komuni f'oqsma fejn ma jeżisti l-ebda standard armonizzat jew fejn tali standards ma jkunux biżżejjed sabiex ikomplu jtejbu l-interoperabbiltà għall-ispazji komuni Ewropej tad-data, l-interfaċċi tal-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet, ***il-qlib tal-cloud*** kif ukoll il-kuntratti intelliġenti. Barra minn hekk, ***jistgħu jibqgħu jiġu adottati*** speċifikazzjonijiet komuni fis-setturi differenti, f'konformità mad-dritt settorjali tal-Unjoni jew nazzjonali, abbażi tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawk is-setturi. L-istrutturi u l-mudelli tad-data li jistgħu jergħu jintużaw (fil-forma ta' vokabularji ewlenin), ontoloġiji, profil tal-applikazzjoni tal-metadata, data ta' referenza fil-forma ta' vokabularju ewlieni, tassonomiji, listi tal-kodiċijiet, tabelli tal-awtorità, teżawri jenħtieġ li jkunu wkoll parti mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà semantika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tawtorizza l-iżvilupp ta' standards armonizzati għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data.

Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta speċifikazzjonijiet komuni f'oqsma fejn ma jeżisti l-ebda standard armonizzat jew fejn tali standards ma jkunux biżżejjed sabiex ikomplu jtejbu l-interoperabbiltà għall-ispazji komuni Ewropej tad-data, l-interfaċċi tal-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet, il-qlib tal-cloud kif ukoll il-kuntratti intelliġenti. Barra minn hekk, ***jistgħu jibqgħu jiġu adottati*** speċifikazzjonijiet komuni fis-setturi differenti, f'konformità mad-dritt settorjali tal-Unjoni jew nazzjonali, abbażi tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawk is-setturi. L-istrutturi u l-mudelli tad-data li jistgħu jergħu jintużaw (fil-forma ta' vokabularji ewlenin), ontoloġiji, profil tal-applikazzjoni tal-metadata, data ta' referenza fil-forma ta' vokabularju ewlieni, tassonomiji, listi tal-kodiċijiet, tabelli tal-awtorità, teżawri jenħtieġ li jkunu wkoll parti mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà semantika. Barra minn hekk, ***wara li tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati u tiegħu kont tal-istandards internazzjonali u Ewropej rilevanti u l-inizjattivi awtoregulatorji***, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' ***tadotta speċifikazzjonijiet komuni f'oqsma fejn ma jkun jeżisti ebda standard armonizzat u*** tawtorizza l-iżvilupp ta' standards armonizzati ***għall-portabbiltà u*** għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data.

Emenda 48

Proposta għal regolament Premessa 81

Test propost mill-Kummissjoni

(81) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru awtorità kompetenti waħda jew

Emenda

(81) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru awtorità kompetenti waħda jew

aktar. Jekk Stat Membru jaħtar aktar minn awtorità kompetenti waħda, jenħtieġ li jaħtar ukoll awtorità kompetenti ta' koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ma' xulxin. L-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tal-konformità mal-protezzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont il-leġislazzjoni settorjali jenħtieġ li jkollhom ir-responsabbiltà għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom.

aktar. Jekk Stat Membru jaħtar aktar minn awtorità kompetenti waħda, jenħtieġ li jaħtar ukoll awtorità kompetenti ta' koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ma' xulxin ***b'mod effettiv u fil-ħin, f'konformità mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u assistenza reċiproka biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi ta' dan ir-Regolament.*** L-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tal-konformità mal-protezzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont il-leġislazzjoni settorjali jenħtieġ li jkollhom ir-responsabbiltà għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom.

Emenda 49

Proposta għal regolament Premessa 82

Test propost mill-Kummissjoni

(82) Sabiex jinfurzew id-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi jenħtieġ li jkunu intitolati jfittxu rimedju għall-ksur ***tad-drittijiet tagħhom skont*** dan ir-Regolament billi jressqu lmenti lill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet ikunu obbligati jikkooperaw biex jiżguraw li l-ilment jiġi ttrattat u solvut kif xieraq. Sabiex isir użu mill-mekkaniżmu tan-network ta' kooperazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur u sabiex ikunu jistgħu jsiru azzjonijiet rappreżentattivi, dan ir-Regolament jemenda l-Annessi tar-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁸ u d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁹.

Emenda

(82) Sabiex jinfurzew id-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, ***jew kwalunkwe parti terza awtorizzata taġixxi f'isimhom,*** jenħtieġ li jkunu intitolati jfittxu rimedju għall-ksur ***ta'*** dan ir-Regolament billi jressqu lmenti lill-awtoritajiet kompetenti ***u quddiem il-grati.*** Jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet ikunu obbligati jikkooperaw biex jiżguraw li l-ilment jiġi ttrattat u solvut ***malajr.*** Sabiex isir użu mill-mekkaniżmu tan-network ta' kooperazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur u sabiex ikunu jistgħu jsiru azzjonijiet rappreżentattivi, dan ir-Regolament jemenda l-Annessi tar-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁸ u d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁹. ***L-awtoritajiet kompetenti li jinfurzew dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkooperaw man-network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur fir-rigward***

ta' kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-konsumatur, iżda mhux dwar kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar tad-data. Kwalunkwe riferiment għan-network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur jenħtieġ li ma jirriżultax f'nuqqas ta' infurzar effiċjenti jew malajr ta' dan ir-Regolament.

⁶⁸ Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1).

⁶⁹ Id-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 409, 4.12.2020, p. 1).

⁶⁸ Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1).

⁶⁹ Id-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 409, 4.12.2020, p. 1).

Emenda 50

Proposta għal regolament

Premessa 85

Test propost mill-Kummissjoni

(85) Sabiex jitqiesu l-aspetti tekniċi tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament biex jiġi introdott mekkaniżmu ta' monitoraġġ dwar it-tariffi tal-qlib imposti mill-fornituri ***tas-servizzi tal-ipproċessar*** tad-data fis-suq, biex jiġu speċifikati ulterjorment ir-rekwiżiti essenzjali għall-operaturi tal-ispazji tad-data u ***l-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar*** tad-data dwar l-interoperabbiltà u biex tiġi ppubblikata r-

Emenda

(85) Sabiex jitqiesu l-aspetti tekniċi tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament biex jiġi introdott mekkaniżmu ta' monitoraġġ dwar it-tariffi tal-qlib imposti mill-fornituri ***ta' servizzi tal-ipproċessar*** tad-data fis-suq, biex jiġu speċifikati ulterjorment ir-rekwiżiti essenzjali għall-operaturi tal-ispazji tad-data u l-fornituri ***ta' servizzi tal-ipproċessar*** tad-data dwar l-interoperabbiltà u biex tiġi ppubblikata r-

referenza tal-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà u l-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁷⁰. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

⁷⁰ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-għemil tad-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat disponibbli għall-utent ta' dak il-prodott jew servizz, dwar l-għemil disponibbli tad-data mid-detenturi tad-data għar-riċevituri tad-data, u dwar l-għemil disponibbli tad-data mid-detenturi tad-data għal korpi tas-settur pubbliku jew istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni, fejn ikun hemm hteieġa eċċezzjonali, għat-twettiq ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku:

referenza tal-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà **u l-portabbiltà** l-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁷⁰. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

⁷⁰ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-għemil tad-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat disponibbli għall-utent ta' dak il-prodott jew servizz, dwar l-għemil disponibbli tad-data mid-detenturi tad-data għar-riċevituri tad-data, dwar l-għemil disponibbli tad-data mid-detenturi tad-data għal korpi tas-settur pubbliku jew istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni, fejn ikun hemm hteieġa eċċezzjonali, għat-twettiq ta' kompitu mwettaq fl-interess pubbliku, **dwar l-iffaċilitar tal-qlib bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-data u dwar il-provvista għall-iżvilupp ta' standards ta' interoperabbiltà għad-data li trid tiġi**

ttrasferita u użata.

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Dan ir-Regolament jikkomplementa u u ma jaffettwax l-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni li timmira li tippromwovi l-interessi tal-konsumaturi u li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, biex tiproteġi s-saħħa, is-sikurezza u l-interessi ekonomiċi tagħhom, b'mod partikolari d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 93/13/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li l-ebda dispożizzjoni f'dan ir-Regolament ma tiġi interpretata b'tali mod li jitnaqqas jew jiġi llimitat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) "data" tfisser kwalunkwe rappreżentazzjoni diġitali ta' atti, fatti jew informazzjoni u kwalunkwe kompilazzjoni ta' dawn l-atti, fatti jew informazzjoni, **inkluż fil-forma ta' reġistrazzjoni awdjo, viżiva jew awdjoviżiva;**

(1) "data" tfisser kwalunkwe rappreżentazzjoni diġitali, **inkluż fil-forma ta' reġistrazzjoni awdjo, viżiva jew awdjoviżiva** ta' atti, fatti jew informazzjoni u kwalunkwe kompilazzjoni ta' dawn l-atti, fatti jew informazzjoni fil-forma **u l-format li bihom jiġu ġġenerati,**

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) “metadata” tfisser data ġġenerata minn servizz tal-ipproċessar tad-data, inklużi d-data, il-ħin u d-data tal-ġeolokalizzazzjoni, it-tul tal-attività, il-konnessjonijiet ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra stabbiliti mill-persuna li tuża s-servizz;

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) “data mhux personali” tfisser data li mhijiex data personali kif definita fil-punt 1 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679;

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) “utent” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li jkollha s-sjieda, li tikri jew li tagħmel lokazzjoni ta' prodott jew li tirċievi servizzi;

(5) “utent” tfisser persuna fiżika jew ġuridika, **inkluż suġġett tad-data**, li jkollha s-sjieda, li tikri jew li tagħmel lokazzjoni ta' prodott jew li tirċievi servizzi **relatati**;

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) “konsumatur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika li taġixxi għal skopijiet li huma lil hinn mill-kummerċ, negozju,

sengħa jew professjoni tagħhom;

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) "detentur tad-data" tfisser persuna ġuridika jew fiżika li għandha d-dritt jew l-obbligu, f'konformità ma' dan ir-Regolament, id-dritt applikabbli tal-Unjoni jew il-leġislazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, jew fil-każ ta' data mhux personali u permezz tal-kontroll tad-disinn tekniku tal-prodott u tas-servizzi relatati, ***il-kapaċità***, li tagħmel ċerta data disponibbli;

Emenda

(6) "detentur tad-data" tfisser persuna ġuridika jew fiżika li għandha d-dritt jew l-obbligu, f'konformità ma' dan ir-Regolament, id-dritt applikabbli tal-Unjoni jew il-leġislazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, jew fil-każ ta' data mhux personali u permezz tal-kontroll tad-disinn tekniku tal-prodott u tas-servizzi relatati, ***fil-mument li d-data tiġi ġġenerata bl-użu jew bid-dritt maqbul kuntrattwalment li tiġi pproċessata***, li tagħmel ċerta data disponibbli;

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) "riċevitur tad-data" tfisser persuna ġuridika jew fiżika, li tagħxi għal finijiet li huma relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni ta' dik il-persuna, minbarra l-utent ta' prodott jew servizz relatat, li d-detentur tad-data jagħmel id-data disponibbli lilha, ***inkluż parti terza*** wara talba mill-utent lid-detentur tad-data jew f'konformità ma' obbligu ġuridiku skont id-dritt tal-Unjoni jew il-leġislazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni;

Emenda

(7) "riċevitur tad-data" tfisser persuna ġuridika jew fiżika, li tagħxi għal finijiet li huma relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni ta' dik il-persuna, minbarra l-utent ta' prodott jew servizz relatat, li d-detentur tad-data jagħmel id-data disponibbli lilha wara talba mill-utent lid-detentur tad-data jew f'konformità ma' obbligu ġuridiku skont id-dritt tal-Unjoni jew il-leġislazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, ***u inkluż parti terza li d-data ssirilha disponibbli direttament mill-utent jew is-suġġett tad-data***;

Ġustifikazzjoni

L-emenda ġġib konsistenza ma' partijiet oħra tat-test. B'mod partikolari, huwa importanti

ħafna li dan il-kunċett ma jeskludix sitwazzjonijiet li fihom l-utent jikkondividi b'mod dirett data mal-parti terzi mingħajr ma jirrikorri għad-detentur tad-data.

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) "emerġenza pubblika" tfisser sitwazzjoni eċċezzjonali li taffettwa b'mod negattiv il-popolazzjoni tal-Unjoni, ta' Stat Membru jew ta' parti minnu, b'riskju ta' riperkussjonijiet serji u dejjiema fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien jew fuq l-istabbiltà ekonomika, jew id-degradazzjoni sostanzjali tal-assi ekonomiċi fl-Unjoni jew fl-Istat(i) Membru/i rilevanti;

Emenda

(10) "emerġenza pubblika" tfisser sitwazzjoni eċċezzjonali **li hija ddeterminata u ddikjarata uffiċjalment skont il-proċeduri rispettivi taħt il-liġijiet nazzjonali jew tal-Unjoni u** li taffettwa b'mod negattiv il-popolazzjoni tal-Unjoni, ta' Stat Membru jew ta' parti minnu, b'riskju **dimostat** ta' riperkussjonijiet **ta' theddida għall-ħajja**, serji u dejjiema fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien jew fuq l-istabbiltà ekonomika, jew id-degradazzjoni sostanzjali tal-assi ekonomiċi fl-Unjoni jew fl-Istat(i) Membru/i rilevanti;

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-prodotti għandhom jitfasslu u jiġu manifatturati, u għandhom jiġu pprovduti servizzi relatati, b'tali mod li d-data ġġenerata mill-użu tagħhom tkun, awtomatikament, **aċċessibbli faċilment, b'mod sikur** u, fejn rilevanti **u xieraq**, aċċessibbli direttament għall-utent.

Emenda

1. Il-prodotti għandhom jitfasslu u jiġu manifatturati, u għandhom jiġu pprovduti servizzi relatati, b'tali mod li d-data ġġenerata mill-użu tagħhom **u li jkun taħt il-kontroll tad-detentur tad-data** tkun, awtomatikament, **mingħajr ħlas, b'mod sikur, faċilment**, u, fejn rilevanti, direttament għall-utent **b'format strutturat, użat b'mod komuni u li jista' jinqara minn magna. Dment li d-detentur tad-data jkun ipproċessa d-data legalment f'konformità mal-liġijiet tal-Unjoni u nazzjonali u jkun ikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti taċ-ċibersigurtà, id-detentur tad-data ma għandux jinżamm**

responsabbli lejn ir-riċevitur tad-data għal danni diretti jew indiretti li jirriżultaw minn, relatati ma' jew b'rabta mad-data li saret aċċessibbli għar-riċevitur tad-data.

Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkisbu mingħajr ma tiġi pperikolata l-funzjonalità tal-prodott u tas-servizzi relatati u f'konformità mar-rekwiżiti tas-sigurtà tad-data kif stabbiliti mir-Regolament 2016/679.

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-konsumaturi għandu jkollhom id-dritt li jiksbu kopja tad-data ġġenerata mill-użu tagħhom tal-prodott u s-servizzi relatati, mid-detentur tad-data mingħajr tfixkil, b'mod strutturat, li jintuża b'mod komuni u li jista' jinqara minn magna, bla ħlas.

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Id-detentur tad-data jista' jirrifjuta talba għal data jekk l-aċċess għad-data jkun ristrett bil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali.

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1c. L-utent jista' jagħti jew jirtira fi kwalunkwe ħin kunsens lid-detentur tad-data għal użu tad-data tiegħu, jew lill-parti terza nnominata mid-detentur tad-data.

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Qabel ma jiġi konkluż kuntratt għax-xiri, għall-kiri jew għal-lokazzjoni ta' prodott jew ta' servizz relatat, għandha mill-inqas tingħata l-informazzjoni li ġejja lill-utent, f'format ċar u li jinftiehem:

Emenda

2. Qabel ma jiġi konkluż kuntratt għax-xiri, għall-kiri jew għal-lokazzjoni ta' prodott jew ta' servizz relatat, ***il-konsumaturi għandhom jiġu ppreżentati b'għażliet ta' kunsens għall-ipproċessar tad-data, skont it-tifsira tal-Artikolu 4(11) tar-Regolament (UE) 2016/679. Barra minn hekk, għandha mill-inqas tingħata l-informazzjoni li ġejja lill-utent, fil-ħin u b'mod prominenti u f'format faċilment aċċessibbli, ċar u li jinftiehem:***

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ***in-natura*** u l-volum tad-data li x'aktarx tiġi ġġenerata bl-użu tal-prodott jew servizz relatat;

Emenda

(a) ***it-tip, l-istruttura, il-format*** u l-volum ***stmat*** tad-data li x'aktarx tiġi ġġenerata bl-użu tal-prodott jew servizz relatat;

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) il-ħin stmat li matulu d-detentur tad-data se jaħżen id-data u jagħmilha

disponibbli għall-utent;

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) l-iskop li għalih id-data tiġi pproċessata;

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) kif l-utent jista' jaċċessa dik id-data;

(c) kif **u b'liema mezz tekniku** l-utent jista' jaċċessa dik id-data **u kopja ta' dik id-data, mingħajr ħlas għall-konsumatur;**

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) **il-mezzi** ta' komunikazzjoni li **jippermettu** lill-utent jikkuntattja lid-detentur tad-data malajr u jikkomunika ma' dak id-detentur tad-data b'mod effiċjenti;

(f) **mezz** ta' komunikazzjoni li **jippermetti** lill-utent jikkuntattja lid-detentur tad-data **direttament**, malajr u jikkomunika ma' dak id-detentur tad-data b'mod effiċjenti;

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) kif l-utent jista' jitlob li d-data tiġi kondiviża ma' parti terza;

(g) kif l-utent jista' jitlob li d-data tiġi kondiviża ma' parti terza, **u kif l-utenti li**

huma konsumaturi, jistgħu jitolbu d-data mingħajr ħlas;

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) id-dritt tal-utent li jissottometti lment li jallega ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu mal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 31.

Emenda

(h) id-dritt tal-utent li jissottometti lment li jallega ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu mal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 31, ***inkluża lista ta' awtoritajiet kompetenti għal kull Stat Membru.***

Emenda 73

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Id-detentur tad-data ma għandux jagħmel l-eżerċizzju tad-drittijiet jew l-għażliet tal-utenti diffiċli żżejjed, inkluż billi joffri għażliet lill-utenti b'mod mhux newtrali, jew billi jimmina jew ifixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-għażliet liberi tal-utent permezz tal-istruttura, id-disinn, il-funzjoni jew il-mod ta' tħaddim ta' interfaċċa tal-utent jew parti minnha.

Emenda 74

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta d-data ma tkunx tista' tiġi aċċessata direttament mill-utent mill-prodott, id-detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli għall-utent id-data

Emenda

1. Meta d-data ma tkunx tista' tiġi aċċessata direttament mill-utent mill-prodott ***jew servizz relatat***, id-detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli għall-

ġġenerata bl-użu **tiegħu** ta' prodott jew servizz relatat mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas u, fejn applikabbli, kontinwament u f'ħin reali. Dan għandu jsir abbażi ta' talba sempliċi permezz ta' mezzi elettroniċi fejn dan ikun teknikament fattibbli.

utent id-data ġġenerata bl-użu ta' prodott jew servizz relatat, **li huma taħt il-kontroll tad-detentur tad-data, kif ukoll il-metadata rilevanti**, mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas, **b'format strutturat, użat b'mod komuni u li jista' jinqara minn magna**, u, fejn applikabbli, kontinwament u f'ħin reali. **Id-data għandha tiġi pprovduta fl-għamla li fiha tkun għet iġġenerata mill-prodott u jsiriluha biss l-adattamenti minimi meħtieġa biex tkun tista' tintuża minn utent.** Dan għandu jsir abbażi ta' talba sempliċi permezz ta' mezzi elettroniċi fejn dan ikun teknikament fattibbli. **Dment li d-detentur tad-data jkun ipproċessa d-data legalment f'konformità mal-liġijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali u jkun ikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti taċ-ċibersigurtà, id-detentur tad-data ma għandux jinżamm responsabbli lejn ir-riċevitur tad-data għal danni diretti jew indiretti li jirriżultaw minn, relatati ma' jew b'rabta mad-data li saret aċċessibbli għar-riċevitur tad-data.**

Meta l-aċċess fuq l-apparat huwa teknikament appoġġat, il-manifattur għandu jipprovdi dan il-mezz ta' aċċess b'mod nondiskriminatorju. Meta jkun disponibbli aċċess fuq l-apparat u barra mill-apparat, l-utent jew parti terza għandhom jagħżlu l-metodu preferut tagħhom.

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Id-detentur tad-data jista' jirrifjuta talba għal data jekk l-aċċess għad-data jkun ristrett bil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali.

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-utent **ma għandux juża d-data** miksuba skont talba msemija fil-paragrafu 1 biex **jiżviluppa** prodott li jikkompeti mal-prodott li minnu toriġina d-data.

Emenda

4. L-utent **jew parti terza mgħandhomx jużaw id-data** miksuba skont talba msemija fil-paragrafu 1 biex **jiżviluppaw** prodott li jikkompeti mal-prodott li minnu toriġina d-data.

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fuq talba minn utent, jew minn parti li taġixxi f'isem utent, id-detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli d-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew servizz relatat **lil parti terza**, mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas għall-utent, tal-istess kwalità, kif inhi disponibbli għad-detentur tad-data u, fejn applikabbli, kontinwament u f'ħin reali.

Emenda

1. Fuq talba minn utent, jew minn parti li taġixxi f'isem utent, id-detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli **lil parti terza** d-data ġġenerata mill-użu ta' prodott jew **minn** servizz relatat **li hija taħt il-kontroll tad-detentur tad-data, kif ukoll il-metadata rilevanti**, mingħajr dewmien żejjed, **f'format strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara minn magna**, mingħajr ħlas għall-utent, tal-istess kwalità, kif inhi disponibbli għad-detentur tad-data u, fejn applikabbli, kontinwament u f'ħin reali **u abbażi ta' mekkaniżmi ta' aċċess sikur, soġġett għall-konformità mal-liġijiet applikabbli dwar l-esternalizzazzjoni ta' servizzi bbażati fuq id-data. Tali data għandha tiġi pprovduta fl-għamla li fiha tkun ġiet iġġenerata mill-prodott u jsirulha biss l-adattamenti minimi meħtieġa biex tkun tista' tiġi pproċessata u interpretata b'mod diġitali u għandha talingas tipprovdi kuntest bażiku, metadata u timbru tal-ħin.**

Emenda 78

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Id-detentur tad-data jista' jirrifjuta talba għal data jekk l-aċċess għad-data jkun ristrett bil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali.

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Kwalunkwe impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ewlenija li għalihom wieħed jew aktar minn dawn is-servizzi ġew maħtura bħala gatekeeper, skont l-Artikolu [...] [tar-Regolament XXX] dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) 73], ma għandhiex tkun parti terza eliġibbli skont dan l-Artikolu u għalhekk ma għandhiex:

2. Kwalunkwe impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ewlenija li għalihom wieħed jew aktar minn dawn is-servizzi ġew maħtura bħala gatekeeper, skont l-Artikolu 3 [tar-Regolament (EU) 2022/1925] dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) [I]], ma għandhiex tkun parti terza eliġibbli skont dan l-Artikolu u għalhekk ma għandhiex:

73 ĠU [...].

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-parti terza ma għandhiex tuża mezzi ta' ġegħil jew abbuż li juru lakuni *evidenti* fl-infrastruttura teknika tad-detentur tad-data mfassla għall-protezzjoni tad-data sabiex tikseb aċċess għad-data.

4. Il-parti terza ma għandhiex tuża mezzi ta' ġegħil jew abbuż li juru lakuni fl-infrastruttura teknika tad-detentur tad-data mfassla għall-protezzjoni tad-data sabiex tikseb aċċess għad-data.

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. *Id-detentur tad-data ma għandux jagħmel l-użabbiltà tal-prodott jew tas-servizz relatat dipendenti fuq l-utent li jippermettilu jipproċessa data mhux meħtieġa għall-funzjonalità tal-prodott jew tal-forniment tas-servizz relatat.*

Emenda 82

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Parti terza għandha tipproċessa d-data li titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħha skont l-Artikolu 5 biss għall-finijiet u skont il-kundizzjonijiet miftiehma mal-utent, u soġġett għad-drittijiet tas-suġġett tad-data sa fejn hija kkonċernata d-data personali, u għandha tħassar id-data meta din ma tibqax meħtieġa għall-iskop miftiehem.

1. Parti terza għandha tipproċessa d-data li titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħha skont l-Artikolu 5 biss għall-finijiet u skont il-kundizzjonijiet miftiehma mal-utent, u soġġett għad-drittijiet tas-suġġett tad-data sa fejn hija kkonċernata d-data personali, u għandha tħassar id-data ***mingħajr dewmien żejjed*** meta din ma tibqax meħtieġa għall-iskop miftiehem.

Emenda 83

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. *Meta d-data mhux personali ssir disponibbli biex terġa' tintuża għal skopijiet kummerċjali jew mhux kummerċjali u tista' tinkludi skambji bilaterali jew multilaterali ta' data b'aċċess nondiskriminatorju għal skopijiet kummerċjali jew mhux kummerċjali, il-parti terza għandha tipproċessa d-data f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali.*

Emenda 84

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tisforza, tqarraq jew timmanipula lill-utent bi kwalunkwe mod, billi timmina jew tfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-għażliet tal-utent, inkluż permezz ta' interfaċċa diġitali mal-utent;

Emenda

(a) **tagħmel l-eżerċizzju tad-drittijiet jew l-għażliet tal-utenti diffiċli żżejjed, inkluż billi toffri għażliet lill-utenti b'mod mhux newtrali, jew** tisforza, tqarraq jew timmanipula lill-utent bi kwalunkwe mod, billi timmina jew tfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-għażliet tal-utent, inkluż permezz ta' interfaċċa diġitali mal-utent **jew parti minnha, inklużi l-istruttura, id-disinn, il-funzjoni jew il-mod ta' tħaddim tagħha;**

Emenda 85

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) tagħmel id-data **disponibbli** li tirċievi lil parti terza oħra, f'forma mhux ipproċessata, aggregata jew derivata, sakemm dan ma jkunx neċessarju biex jiġi pprovdut is-servizz mitlub mill-utent;

Emenda

(c) tagħmel id-data li tirċievi **disponibbli** lil parti terza oħra, f'forma mhux ipproċessata, aggregata jew derivata, sakemm dan **ikun l-iskop uniku tal-ftehim mal-utent u jiffaċilita l-iżvilupp ta' software jew prodotti mhux f'kompetizzjoni jew** ma jkunx neċessarju biex jiġi pprovdut is-servizz mitlub mill-utent **u tkun inġibdet l-attenzjoni tal-utent dwar dan b'mod espliċitu, ċar, aċċessibbli faċilment u prominenti;**

Emenda 86

Proposta għal regolament Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

L-ambitu tal-obbligi ta' kondiviżjoni tad-data bejn **in-negozji u l-konsumaturi u**

Emenda

L-ambitu tal-obbligi ta' kondiviżjoni tad-data bejn negozju u negozju

Emenda 87

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-obbligi ta' dan il-Kapitolu ma għandhomx japplikaw għal data ġġenerata bl-użu ta' prodotti manifatturati jew servizzi relatati pprovduti minn intrapriżi li jikkwalifikaw bħala intrapriżi mikro jew żgħar, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, sakemm dawk l-intrapriżi ma jkollhomx intrapriżi sħab jew intrapriżi relatati kif definit fl-Artikolu 3 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE li ma jikkwalifikawx bħala intrapriżi mikro jew żgħar.

Emenda

1. L-obbligi ta' dan il-Kapitolu ***relatati mal-kondiviżjoni tad-data min-negozju għal negozju*** ma għandhomx japplikaw għal data ġġenerata bl-użu ta' prodotti manifatturati jew servizzi relatati pprovduti minn intrapriżi li jikkwalifikaw bħala intrapriżi mikro jew żgħar, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, sakemm dawk l-intrapriżi ma jkollhomx intrapriżi sħab jew intrapriżi relatati kif definit fl-Artikolu 3 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE li ma jikkwalifikawx bħala intrapriżi mikro jew żgħar.

Emenda 88

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta detentur tad-data jkun obligat li jagħmel id-data disponibbli għal riċevitur tad-data skont l-Artikolu 5 jew skont dritt ieħor tal-Unjoni jew skont leġislazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, huwa għandu jagħmel dan skont termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji u b'mod trasparenti f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Kapitolu IV.

Emenda

1. Meta detentur tad-data jkun obligat li jagħmel id-data disponibbli għal riċevitur tad-data skont l-Artikolu 5 jew skont dritt ieħor tal-Unjoni jew skont leġislazzjoni nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, huwa għandu jagħmel dan skont termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji u b'mod trasparenti f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u l-Kapitolu IV ***u mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679. Dment li d-detentur tad-data jkun ipproċessa d-data legalment f'konformità mal-liġijiet tal-Unjoni u nazzjonali u jkun ikkonforma mar-***

rekwiżiti rilevanti taċ-ċibersigurtà, id-detentur tad-data ma għandux jinżamm responsabbli lejn ir-riċevitur tad-data għal danni diretti jew indiretti li jirriżultaw minn, relatati ma' jew b'rabta mad-data li saret aċċessibbli għar-riċevitur tad-data.

Emenda 89

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Detentur tad-data ma għandux jiddiskrimina bejn kategoriji komparabbli ta' riċevituri tad-data, inklużi intrapriżi sħab jew intrapriżi relatati, kif definit fl-Artikolu 3 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, tad-detentur tad-data, meta jagħmel id-data disponibbli. Meta riċevitur tad-data **jqis** li l-kundizzjonijiet li taħthom id-data tkun saret disponibbli **għalih huma** diskriminatorji, għandu jkun f'idejn id-detentur tad-data li juri li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni.

Emenda

3. Detentur tad-data ma għandux jiddiskrimina bejn kategoriji komparabbli ta' riċevituri tad-data, inklużi intrapriżi sħab jew intrapriżi relatati, kif definit fl-Artikolu 3 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, tad-detentur tad-data, meta jagħmel id-data disponibbli. Meta riċevitur tad-data **jkollu dubju raġonevoli** li l-kundizzjonijiet li taħthom id-data tkun saret disponibbli **jkunu** diskriminatorji, għandu jkun f'idejn id-detentur tad-data li juri li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni.

Emenda 90

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kwalunkwe kumpens miftiehem bejn detentur tad-data u riċevitur tad-data biex id-data tkun magħmula disponibbli għandu jkun raġonevoli.

Emenda

1. Kwalunkwe kumpens miftiehem bejn detentur tad-data u riċevitur tad-data biex id-data tkun magħmula disponibbli **f'relazjonijiet bejn negozju u ieħor** għandu jkun raġonevoli. **Dan ir-Regolament jipprekludi lid-detentur tad-data jew lill-parti terza milli jimponu direttament jew indirettament tariffa, kumpens jew kostijiet għall-kondiviżjoni tad-data jew għall-aċċess għaliha lill-**

Emenda 91

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta r-riċevitur tad-data jkun impriża mikro, żgħira jew medja, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, kwalunkwe kumpens miftiehem ma għandux jaqbeż il-kostijiet direttament relatati mal-għemil tad-data disponibbli għar-riċevitur tad-data u li huma attribwibbli għat-talba. L-Artikolu 8(3) għandu japplika kif xieraq.

Emenda

2. Meta r-riċevitur tad-data jkun impriża mikro, żgħira jew medja, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE, ***jew ikun organizzazzjoni ta' riċerka, u d-detentur tad-data ma jkunx SME***, kwalunkwe kumpens miftiehem ma għandux jaqbeż il-kostijiet direttament relatati mal-għemil tad-data disponibbli għar-riċevitur tad-data u li huma attribwibbli għat-talba. L-Artikolu 8(3) għandu japplika kif xieraq.

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Id-detentur tad-data għandu jipprovdi lir-riċevitur tad-data b'informazzjoni li tistabbilixxi l-bażi għall-kalkolu tal-kumpens f'dettall suffiċjenti sabiex ir-riċevitur tad-data jkun jista' jivverifika li r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 ***u, fejn applikabbli, tal-paragrafu 2*** jiġu ssodisfati.

Emenda

4. Id-detentur tad-data għandu jipprovdi lir-riċevitur tad-data b'informazzjoni li tistabbilixxi l-bażi għall-kalkolu tal-kumpens f'dettall suffiċjenti sabiex ir-riċevitur tad-data jkun jista' jivverifika li r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 jiġu ssodisfati.

Emenda 93

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Id-detentur tad-data għandu jitħalla joffri u jitlob ħlas lill-utent tad-

data għal servizz ta' data b'valur miżjud addizzjonali.

Emenda 94

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Id-detenturi tad-data u r-riċevituri tad-data għandu jkollhom aċċess għall-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim, iċċertifikati f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, biex isolvu tilwim fir-rigward tad-determinazzjoni ta' termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji u fir-rigward tal-mod trasparenti kif id-data ssir disponibbli skont l-Artikoli 8 u 9.

Emenda

1. Id-detenturi tad-data u r-riċevituri tad-data għandu jkollhom aċċess għall-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim, iċċertifikati f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, biex isolvu tilwim fir-rigward tad-determinazzjoni ta' termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji u fir-rigward tal-mod trasparenti kif id-data ssir disponibbli skont l-Artikoli 8, 9 u 13.

Emenda 95

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet għas-soluzzjoni tat-tilwim previsti fil-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali, l-utent għandu jkollu aċċess għall-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim, iċċertifikati f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, biex isolvu tilwim mad-detenturi tad-data jew mar-riċevituri tad-data jew kwalunkwe parti terza b'rabta mal-ksur tad-drittijiet tal-utent skont dan ir-Regolament. L-utent għandu jkollu d-dritt li jippermetti lil parti terza ssegwi l-pretensjonijiet legali tagħha f'ismu. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-individwi li jibdew, fi kwalunkwe stadju, proċeduri quddiem qorti f'konformità mal-liġi applikabbli.

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Riċevitur tad-data li, għall-finijiet tal-kisba tad-data, ipprova informazzjoni mhux preċiża jew falza lid-detentur tad-data, uża mezzi qarrieqa jew koerċittivi jew abbuża minn lakuni evidenti fl-infrastruttura teknika tad-detentur tad-data mfassla biex tippoteġi d-data, uża d-data magħmula disponibbli għal skopijiet mhux awtorizzati jew iddivulga dik id-data lil parti oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-data, għandu mingħajr dewmien żejjed, sakemm id-detentur tad-data jew l-utent ma jistipulax mod ieħor:

Emenda

2. Riċevitur tad-data li, għall-finijiet tal-kisba tad-data, ipprova informazzjoni mhux preċiża jew falza lid-detentur tad-data, uża mezzi qarrieqa jew koerċittivi jew abbuża minn lakuni evidenti fl-infrastruttura teknika tad-detentur tad-data mfassla biex tippoteġi d-data, uża d-data magħmula disponibbli għal skopijiet mhux awtorizzati jew iddivulga dik id-data lil parti oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-data, għandu ***jkun responsabbli għal kwalunkwe ħsara mġarrba bħala riżultat tal-użu ħażin jew l-iżvelar ta' tali data u jista'***, mingħajr dewmien żejjed, sakemm id-detentur tad-data jew l-utent ma jistipulax mod ieħor:

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kwalunkwe terminu kuntrattwali fi ftehim dwar il-kondiviżjoni tad-data li, għad-detriment ta' parti waħda, jew, fejn applikabbli, għad-detriment tal-utent, jeskludi l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, jidderoga minnu, jew ivarja l-effett tiegħu, ma għandux ikun vinkolanti fuq dik il-parti.

Emenda

2. Kwalunkwe terminu kuntrattwali fi ftehim dwar il-kondiviżjoni tad-data li, għad-detriment ta' parti waħda, jew, fejn applikabbli, għad-detriment tal-utent, jeskludi l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, jidderoga minnu, jew ivarja l-effett tiegħu, ma għandux ikun vinkolanti fuq dik il-parti. ***Dawn l-obbligi ma jżommux lill-partijiet milli jidħlu f'kuntratt reċiproku dwar il-kondiviżjoni tad-data.***

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Terminu kuntrattwali, dwar l-aċċess għal u l-użu ta' data jew ir-responsabbiltà u r-rimedji għall-ksur jew it-terminazzjoni ta' obbligi relatati mad-data li jkunu ġew imposti unilaterament minn intrapriża fuq intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju kif definita fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE ma għandux ikun vinkolanti fuq l-intrapriża ***tal-aħħar*** jekk ikun inġust.

1. Terminu kuntrattwali, dwar l-aċċess għal u l-użu ta' data jew ir-responsabbiltà u r-rimedji għall-ksur jew it-terminazzjoni ta' obbligi relatati mad-data li jkunu ġew imposti unilaterament minn intrapriża fuq intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju kif definita fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE ***jew li jkun ġie impost b'mod unilaterali minn intrapriża li hija s-sors tad-data li għandhom*** ma għandux ikun vinkolanti fuq ***din*** l-intrapriża, ***ir-riċevitur tad-data jew l-utent***, jekk ikun inġust, ***sakemm dik l-intrapriża ma jkollhiex intrapriżi sħab jew intrapriżi konnessi kif definiti fl-Artikolu 3 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE li ma jikkwalifikawx bħala intrapriża mikro, żgħira jew medja***;

Emenda 99

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fuq talba, detentur tad-data għandu jagħmel id-data disponibbli għal korp tas-settur pubbliku jew għal istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni li juri hteieġa eċċezzjonali li juża d-data mitluba.

Emenda

1. Fuq talba ***speċifika***, detentur tad-data ***li huwa persuna ġuridika*** għandu jagħmel id-data, ***inkluża l-metadata rilevanti***, disponibbli għal korp tas-settur pubbliku jew għal istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni li juri hteieġa eċċezzjonali li juża d-data mitluba.

Emenda 100

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Għall-fini tat-talba msemmija fil-paragrafu 1, il-korp tas-settur pubbliku għandu jikkonsulta lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 31 sabiex jivverifika jekk it-talba tissodisfax

Emenda 101

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Ħtieġa eċċezzjonali li juża d-data skont it-tifsira ta' dan il-Kapitolu għandha titqies li teżisti ***fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi*** li ġejjin:

Emenda

Ħtieġa eċċezzjonali li juża d-data skont it-tifsira ta' dan il-Kapitolu għandha ***tkun limitata fiż-żmien u l-ambitu u*** titqies li teżisti ***biss fiċ-ċirkostanzi*** li ġejjin:

Emenda 102

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) meta t-talba għad-data tkun ***limitata fiż-żmien u fl-ambitu u tkun*** meħtieġa biex tiġi evitata emerġenza pubblika jew biex jiġi assistit l-irkupru minn emerġenza pubblika;

Emenda

(b) meta t-talba għad-data tkun meħtieġa biex tiġi evitata emerġenza pubblika jew biex jiġi assistit l-irkupru minn emerġenza pubblika;

Emenda 103

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ***meta n-nuqqas ta' data disponibbli jipprevjeni lill-korp*** tas-settur pubbliku jew ***lill-istituzzjoni, lill-aġenzija jew lill-korp*** tal-Unjoni ***milli jwettaq*** kompitu speċifiku fl-interess pubbliku li jkun ġie pprovdut b'mod espliċitu mil-liġi; and

Emenda

(c) ***bħala miżura tal-aħħar istanza, meta l-korp*** tas-settur pubbliku jew ***l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp*** tal-Unjoni ***jkunu qed jaġixxu abbażi tal-liġi tal-UE jew nazzjonali u jkunu identifikaw data speċifika, li tkun evidentement meħtieġa biex jitwettaq*** kompitu speċifiku fl-interess pubbliku li jkun ġie pprovdut b'mod espliċitu mil-liġi; and

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt c – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) l-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni ma jistax jikseb tali data b'mezzi alternattivi, inkluż billi jixtri d-data dwar is-suq bir-rati tas-suq jew billi jibbaża fuq l-obbligi eżistenti biex jagħmel id-data disponibbli, u l-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi ġodda ma tistax tiżgura d-disponibbiltà f'waqtha tad-data; **jew**

Emenda

(1) l-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni ma jistax jikseb tali data b'mezzi alternattivi, inkluż billi jixtri d-data dwar is-suq bir-rati tas-suq jew billi jibbaża fuq l-obbligi eżistenti biex jagħmel id-data disponibbli, u l-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi ġodda ma tistax tiżgura d-disponibbiltà f'waqtha tad-data;

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1- punt c - punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) ***il-kisba tad-data f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan il-Kapitolu tnaqqas b'mod sostanzjali l-piż amministrattiv għad-detenturi tad-data jew għal intrapriżi oħra.***

Emenda

imħassar

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jispeċifika liema data ***hija*** meħtieġa;

Emenda

(a) ***jitlob data fi ħdan il-mandat tiegħu u*** jispeċifika liema data ***u metadata rilevanti huma*** meħtieġa;

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) juri l-ħtieġa eċċezzjonali li għaliha tintalab id-data;

(b) juri l-ħtieġa **speċifika** eċċezzjonali li għaliha tintalab id-data;

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) jiddivulga l-identità tal-parti terza msemmija fil-paragrafu 4, u l-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) japplikaw il-miżuri ta' sigurtà tal-ICT rilevanti kollha li jikkonċernaw it-trasferiment u l-ħżin tad-data;

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) fejn fattibbli, jirrapporta lid-detentur tad-data dwar kif ġiet ipproċessata d-data;

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) jispeċifika meta d-data hija mistennija li tinqered mill-korp rikjedenti

Emenda 112

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) tikkonċerna, *sa fejn ikun possibbli*, data mhux personali;

Emenda

(d) tikkonċerna data mhux personali;

Emenda 113

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) tkun disponibbli għall-pubbliku online mingħajr dewmien żejjed.

Emenda

(f) tkun disponibbli għall-pubbliku online mingħajr dewmien żejjed *u fejn possibbli fi żmien 10 ijiem tax-xogħol.*

Emenda 114

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-paragrafu 3 ma jipprekludix lil korp tas-settur pubbliku jew lil istituzzjoni, lil aġenzija jew lil korp tal-Unjoni milli *jiskambja* data miksuba skont dan il-Kapitolu ma' korp ieħor tas-settur pubbliku, istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni, bil-ħsieb li *jtemm il-kompiti* fl-Artikolu 15 jew li *jagħmel id-data* disponibbli għal parti terza f'każijiet fejn *ikun esternalizza*, permezz ta' ftehim disponibbli għall-pubbliku, spezzjonijiet tekniċi jew funzjonijiet oħra lil din il-parti terza. Japplikaw l-obbligi fuq il-korpi tas-settur pubbliku, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni skont l-Artikolu 19.

Emenda

Il-paragrafu 3 ma jipprekludix lil korp tas-settur pubbliku jew lil istituzzjoni, lil aġenzija jew lil korp tal-Unjoni milli *jaqblu li jiskambjaw* data miksuba skont dan il-Kapitolu ma' korp ieħor tas-settur pubbliku, istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni, bil-ħsieb li *jtemmu l-kompiti* fl-Artikolu 15 jew li *jagħmlu d-data* disponibbli għal parti terza f'każijiet fejn *ikunu esternalizzaw*, permezz ta' ftehim disponibbli għall-pubbliku, spezzjonijiet tekniċi jew funzjonijiet oħra lil din il-parti terza. Japplikaw l-obbligi fuq il-korpi tas-settur pubbliku, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni skont l-Artikolu 19 *anke għal dik il-parti terza.*

Emenda 115

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 4 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni jittrażmetti jew jagħmel id-data disponibbli skont dan il-paragrafu, huwa għandu jinnotifika lid-detentur tad-data li mingħandu tkun waslet id-data.

Emenda

Meta korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni **għandu l-ħsieb** jittrażmetti jew jagħmel id-data disponibbli skont dan il-paragrafu, huwa għandu jinnotifika lid-detentur tad-data li mingħandu tkun waslet id-data. ***Fi żmien 5 ijiem tax-xogħol minn dik in-notifika, id-detentur tad-data għandu jkollu d-dritt li jippreżenta oġġezzjoni motivata għal tali trażmissjoni jew li jagħmel id-data disponibbli. Fil-każ ta' rifjut tal-oġġezzjoni motivata mill-korp tas-settur pubbliku, id-detentur tad-data jista' jressaq il-kwistjoni quddiem l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 31.***

Emenda 116

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kwalunkwe parti terza hija pprojbita milli tuża d-data li tirċievi mingħand korp tas-settur pubbliku jew mingħand istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni biex tiżviluppa prodott jew servizz li jikkompeti mal-prodott jew is-servizz li minnu toriġina d-data aċċessata jew tikkondividi d-data ma' parti terza oħra għal dak il-għan.

Emenda 117

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Detentur ta' data li jirċievi talba għal aċċess għad-data skont dan il-Kapitolu għandu jagħmel id-data disponibbli għall-korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni rikjedenti mingħajr dewmien żejjed.

Emenda

1. Detentur ta' data li jirċievi talba għal aċċess għad-data skont dan il-Kapitolu għandu jagħmel id-data disponibbli għall-korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni rikjedenti mingħajr dewmien żejjed, ***filwaqt li jqis il-miżuri tekniċi, organizzattivi u legali meħtieġa.***

Emenda 118

**Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet speċifiċi rigward id-disponibbiltà tad-data definiti fil-leġislazzjoni settorjali, id-detentur tad-data jista' jirrifjuta jew ifittex il-modifika tat-talba fi żmien ***ħamest (5)*** ijiem tax-xogħol wara li jirċievi talba għad-data meħtieġa bħala tweġiba għal emerġenza pubblika u fi żmien ***15-il*** jum tax-xogħol f'każijiet oħra ta' hteġa eċċezzjonali, għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

Emenda

2. Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet speċifiċi rigward id-disponibbiltà tad-data definiti fil-leġislazzjoni settorjali, id-detentur tad-data jista' jirrifjuta jew ifittex il-modifika tat-talba fi żmien ***10*** ijiem tax-xogħol wara li jirċievi talba għad-data meħtieġa bħala tweġiba għal emerġenza pubblika u fi żmien ***20*** jum tax-xogħol f'każijiet oħra ta' hteġa eċċezzjonali, għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

Emenda 119

**Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) id-data ma ***tkunx disponibbli***;

Emenda

(a) ***id-detentur tad-data bħalissa mhux qed jiġbor jew ma jkunx ġabar, kiseb jew iġġenera b'xi mod ieħor qabel id-data mitluba u ma jzommiex fiż-żmien tat-talba;***

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) ma jużax id-data biex jiżviluppa prodott jew servizz li jikkompeti mal-prodott jew is-servizz li minnu toriġina d-data rċevuta;

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) ma jużax id-data biex jikseb l-ebda għarfien dwar is-sitwazzjoni ekonomika, l-assi u l-metodi ta' produzzjoni jew operazzjoni tad-detentur tad-data, jew jikkondividi d-data ma' parti terza oħra għal dak il-għan.

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni għandhom ikunu responsabbli għas-sigurtà tad-data li jirċievu.

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Id-data magħmula disponibbli biex twieġeb għal emerġenza pubblika skont l-Artikolu 15(a), għandha tiġi pprovduta

1. **Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-leġiżlazzjoni tal-UE jew nazzjonali, id-data magħmula disponibbli**

mingħajr ħlas.

biex twieġeb għal emerġenza pubblika skont l-Artikolu 15(a), għandha tiġi pprovduta mingħajr ħlas.

Emenda 124

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Meta l-korp tas-settur pubbliku jew l-istituzzjoni, l-aġenzija jew il-korp tal-Unjoni jkun jixtieq jikkontesta l-livell ta' kumpens mitlub mid-detentur tad-data, il-kwistjoni għandha titressaq quddiem l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 31 tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit id-detentur tad-data.

Emenda 125

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-individwi jew l-organizzazzjonijiet li jirċievu d-data skont il-paragrafu 1 għandhom jaġixxu fuq bażi mhux għall-profitt jew fil-kuntest ta' missjoni ta' interess pubbliku rikonoxxuta fil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri. Dawn ma għandhomx jinkludu organizzazzjonijiet li l-impriżi kummerċjali jkollhom influwenza **deċiżiva** fuqhom jew li jistgħu jirriżultaw f'aċċess preferenzjali għar-riżultati tar-riċerka.

2. L-individwi jew l-organizzazzjonijiet li jirċievu d-data skont il-paragrafu 1 għandhom jaġixxu fuq bażi mhux għall-profitt jew fil-kuntest ta' missjoni ta' interess pubbliku rikonoxxuta fil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri. Dawn ma għandhomx jinkludu organizzazzjonijiet li l-impriżi kummerċjali jkollhom influwenza fuqhom jew li jistgħu jirriżultaw f'aċċess preferenzjali għar-riżultati tar-riċerka.

Emenda 126

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Meta korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni jittrażmetti jew jagħmel id-data disponibbli skont il-paragrafu 1, huwa għandu jinnotifika lid-detentur tad-data li mingħandu tkun waslet id-data.

4. Meta korp tas-settur pubbliku jew istituzzjoni, aġenzija jew korp tal-Unjoni għandu l-ħsieb jittrażmetti jew jagħmel id-data disponibbli skont il-paragrafu 1, huwa għandu jinnotifika lid-detentur tad-data li mingħandu tkun waslet id-data. ***Dik innotifika għandha tinkludi l-identità u d-dettalji ta' kuntatt ta' individwi jew organizzazzjonijiet li jirċievu d-data, l-għan tat-trażmissjoni jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni tad-data u l-perjodu li fih id-data se tintuża mill-entità riċeventi.***

Fi żmien 5 ijiem tax-xogħol minn dik innotifika msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, id-detentur tad-data għandu jkollu d-dritt jippreżenta oġġezzjoni motivata għal tali trażmissjoni jew tqegħid għad-dispożizzjoni tad-data. Fil-każ ta' riffjut tal-oġġezzjoni motivata mill-korp tas-settur pubbliku, id-detentur tad-data jista' jressaq l-oġġezzjoni motivata quddiem l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 31.

Emenda 127

Proposta għal regolament Artikolu 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 22a

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "servizz tal-ipproċessar tad-data" tfisser servizz diġitali li jiffaċilita li jippermetti aċċess għan-network minn kullimkien, u on-demand għal grupp kondiviż ta' riżorsi informatiċi konfigurabbli, skalabbli u elastiċi ta' natura ċentralizzata, distribwita jew distribwita ħafna, ipprovdut lil klijent, li jista' jiġi furnut malajr u rilaxxat bi sforz minimu ta' ġestjoni jew interazzjoni mill-inqas mal-fornitur tas-servizz;

(2) "fuq il-post" tfisser infrastruttura tal-ICT u riżorsi tal-informatika mikrija jew proprjetà tal-klijent, li jinsabu fiċ-ċentru tad-data tiegħu stess u operati mill-klijent jew minn parti terza;

(3) "servizz ekwivalenti" tfisser sett ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data li jaqsmu l-istess objettiv primarju u mudell ta' servizz tal-ipproċessar tad-data;

(4) "portabbiltà tad-data tas-servizz tal-ipproċessar tad-data" tfisser il-kapaċità tas-servizz tal-cloud li jiċċaqlaq u jadatta d-data tiegħu li tista' tiġi esportata bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-data tal-klijent, inkluż f'mudelli ta' skjerament differenti;

(5) "qlib" tfisser il-proċess fejn klijent ta' servizz tal-ipproċessar tad-data jinbidel mill-użu ta' servizz wieħed tal-ipproċessar tad-data għall-użu tat-tieni servizz ekwivalenti jew servizz ieħor offrut minn fornitur differenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data, inkluż permezz tal-estrazzjoni, it-trasformazzjoni u t-tluġ tad-data, bl-involvement tal-fornitur sors tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data, il-klijent u l-fornitur tad-destinazzjoni tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data;

(6) "data li tista' tiġi esportata" tfisser id-data tal-input u l-output, inkluża l-metadata, iġġenerata direttament jew indirettament, jew koġenerata, mill-użu tas-servizz tal-ipproċessar tad-data, minbarra kwalunkwe assi jew data tal-fornitur tas-servizz tal-ipproċessar tad-data jew ta' parti terza protetti mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew li jikkostitwixxu sigriet kummerċjali jew informazzjoni kunfidenzjali.

(7) "ekwivalenza funzjonali" tfisser il-possibbiltà li jiġi stabbilit mill-ġdid, abbażi tad-data tal-klijent, livell minimu ta' funzjonalità fl-ambjent ta' servizz tal-ipproċessar tad-data ġdid wara l-proċess tal-bdil, fejn is-servizz tad-destinazzjoni jagħti eżitu komparabbli b'rispons għall-istess input għal funzjonalità kondiviża

pprovduta lill-klijent skont il-ftehim kuntrattwali;

(8) "tariffi ta' ħruġ" tirreferi għat-tariffi tat-trasferiment tad-data imposti fuq il-klijenti ta' fornitur ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data għall-estrazzjoni tad-data tagħhom permezz tan-network mill-infrastruttura tal-ICT ta' fornitur ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data.

Emenda 128

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-fornituri ta' servizz tal-ipproċessar tad-data għandhom jieħdu l-miżuri previsti fl-Artikoli 24, 25 u 26 biex ***jżguraw li l-klijenti tas-servizz tagħhom ikunu jistgħu*** jaqilbu għal servizz ***ieħor*** tal-ipproċessar tad-data, li jkopri ***l-istess tip ta' servizz***, li ***jiġi*** pprovdut minn fornitur ta' ***servizz differenti***. B'mod partikolari, il-fornituri tas-servizz tal-ipproċessar tad-data għandhom ineħħu l-ostakli kummerċjali, tekniċi, kuntrattwali u organizzazzjonali, li jimpedixxu lill-klijenti milli:

Emenda

1. Il-fornituri ta' servizz tal-ipproċessar tad-data għandhom, ***fil-kapaċità tagħhom***, jieħdu l-miżuri previsti fl-Artikoli 24, ***24a, 24b***, 25 u 26 biex ***jippermettu lill-klijenti*** jaqilbu għal servizz tal-ipproċessar tad-data ***ieħor***, li jkopri ***s-servizz ekwivalenti***, li ***huwa*** pprovdut minn fornitur ***differenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data jew, fejn rilevanti, jużaw diversi fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data fl-istess ħin***. B'mod partikolari, il-fornituri tas-servizz tal-ipproċessar tad-data ***m'għandhomx jimponu u*** għandhom ineħħu l-ostakli kummerċjali, tekniċi, kuntrattwali u organizzazzjonali, li jimpedixxu lill-klijenti milli:

Emenda 129

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jtemmu, wara perjodu massimu ta' avviż ta' ***30*** jum kalendarju, il-ftehim kuntrattwali tas-servizz;

Emenda

(a) jtemmu, wara perjodu massimu ta' avviż ta' ***60*** jum kalendarju, il-ftehim kuntrattwali tas-servizz, ***sakemm ma jkunx miftiehem perjodu ta' notifika alternattiv***

b'mod reċiproku u espliċitu bejn il-klijent u l-fornitur fejn iż-żewġ partijiet ikunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod ugwali l-kontenut tal-ftehim kuntrattwali;

Emenda 130

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jikkonkludu ftehimiet kuntrattwali ġodda ma' fornitur differenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data li jkopru ***l-istess tip ta'*** servizz;

Emenda

(b) jikkonkludu ftehimiet kuntrattwali ġodda ma' fornitur differenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data li jkopru servizz ***ekwivalenti***;

Emenda 131

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jittrasferixxu d-data, l-applikazzjonijiet u assi diġitali oħra ***tagħha*** lil fornitur ieħor ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data;

Emenda

(c) jittrasferixxu d-data ***tal-klijent li tista' tiġi esportata***, l-applikazzjonijiet u assi diġitali oħra lil fornitur ieħor ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data ***jew lil infrastruttura ICT fil-post, inkluż wara li jkun ibbenefika minn offerta b'livell bla ħlas***;

Emenda 132

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) ***iżommu*** l-ekwivalenza funzjonali tas-servizz fl-ambjent tal-IT tal-fornitur jew tal-fornituri differenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data li jkopru ***l-istess tip ta'*** servizz, f'konformità mal-Artikolu 26.

Emenda

(d) ***jiksbu*** l-ekwivalenza funzjonali ***fl-użu*** tas-servizz ***il-ġdid*** fl-ambjent tal-IT tal-fornitur jew tal-fornituri differenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data li jkopru servizz ***ekwivalenti***, f'konformità mal-Artikolu 26.

Emenda 133

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss għall-ostakli li huma relatati mas-servizzi, mal-ftehimiet kuntrattwali jew mal-prattiki kummerċjali pprovduti mill-fornitur **oriġinali**.

Emenda

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss għall-ostakli li huma relatati mas-servizzi, mal-ftehimiet kuntrattwali jew mal-prattiki kummerċjali pprovduti mill-fornitur **sors tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data**.

Emenda 134

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Id-drittijiet tal-klijent u l-obbligi tal-fornitur ta' servizz tal-ipproċessar tad-data fir-rigward tal-qlib bejn il-fornituri ta' tali servizzi għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar f'kuntratt bil-miktub. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2019/770, **dak il-kuntratt** għandu jinkludi mill-inqas dan li ġej:

Emenda

1. Id-drittijiet tal-klijent u l-obbligi tal-fornitur ta' servizz tal-ipproċessar tad-data fir-rigward tal-qlib bejn il-fornituri ta' tali servizzi **jew, fejn applikabbli, għal infrastruttura ICT fuq il-post** għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar f'kuntratt bil-miktub **li tkun disponibbli għall-klijenti b'mod faċli li jintuża qabel l-iffirmar tal-kuntratt**. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2019/770, **il-fornitur tas-servizz tal-ipproċessar tad-data** għandu **jiżgura li l-kuntratt** jinkludi mill-inqas dan li ġej:

Emenda 135

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(a) klawżoli li jippermettu lill-klijent, fuq talba, li jaqleb għal servizz tal-ipproċessar tad-data offrut minn fornitur ieħor ta' **servizz** tal-ipproċessar tad-data jew li jittrasferixxi d-data, l-applikazzjonijiet u l-assi diġitali kollha **ġġenerati direttament**

Emenda

(a) klawżoli li jippermettu lill-klijent, fuq talba, li jaqleb għal servizz tal-ipproċessar tad-data offrut minn fornitur ieħor ta' **servizzi** tal-ipproċessar tad-data jew li jittrasferixxi d-data **li tista' tiġi esportata**, l-applikazzjonijiet u l-assi

jew indirettament mill-klijent għal sistema fuq il-post, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' perjodu ta' tranżizzjoni massimu obbligatorju ta' 30 jum kalendarju, li matulu l-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandu:

diġitali kollha għal infrastruttura ICT fuq il-post mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn perjodu ta' tranżizzjoni massimu obbligatorju ta' 90 jum kalendarju, li matulu l-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandu:

Emenda 136

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt a – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) jassisti *u, fejn teknikament fattibbli, ilesti l-proċess* tal-qlib;

Emenda

(1) jassisti *b'mod raġonevoli tul il-proċess* tal-qlib *kollu u jiffaċilitah;*

Emenda 137

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt a – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) jiżgura kontinwità *sħiħa* fil-forniment tal-funzjonijiet jew tas-servizzi *rispettivi*.

Emenda

(2) *jaġixxi bl-attenzjoni dovuta biex iżomm il-kontinwità kummerċjali u livell għoli ta' sigurtà tas-servizz u, jqis ukoll il-progress fil-proċess tal-qlib, jiżgura, kemm jista' jkun, kontinwità fil-forniment tal-funzjonijiet jew tas-servizzi rilevanti fi ħdan il-kapaċità tal-fornitur sors tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data u skont l-obbligi kuntrattwali.*

Emenda 138

Proposta għal regolament Artikolu 24 - paragrafu 1 - punt a - punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) *jipprovdi informazzjoni ċara dwar ir-riskji magħrufa għall-kontinwità fil-forniment tal-funzjonijiet jew tas-servizzi rispettivi min-naħa tal-fornitur sors tas-*

servizzi tal-ipproċessar tad-data.

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) lista ta' servizzi addizzjonali li l-klijenti jistgħu jiksbu biex jiffaċilitaw il-proċess tal-qlib, bħat-test tal-proċess tal-qlib;

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) obbligu fuq il-fornitur ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data biex jappoġġa l-iżvilupp tal-istrateġija ta' ħruġ tal-klijent rilevanti għas-servizzi kkuntrattati, inkluż billi jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha;

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(b) speċifikazzjoni **eżawrjenti** tal-kategoriji kollha tad-data u tal-applikazzjoni li **jistgħu jiġu esportati** matul il-proċess tal-qlib, inkluż, bħala minimu, id-data kollha **importata mill-klijent fil-bidu tal-ftehim ta' servizz u d-data u l-metadata kollha maħluqa mill-klijent u mill-użu tas-servizz matul il-perjodu** li fih **ġie pprovdut is-servizz, inkluż, iżda mhux limitat għal, parametri ta' konfigurazzjoni, konfigurazzjonijiet ta'***

*(b) speċifikazzjoni **dettaljata** tal-kategoriji kollha tad-data u tal-applikazzjoni li **huma portabbli** matul il-proċess tal-qlib, inkluż, bħala minimu, id-data kollha li **tista' tiġi esportata**;*

sigurtà, drittijiet ta' aċċess u reġistri ta' aċċess għas-servizz;

Emenda 142

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) perjodu minimu għall-irkupru tad-data ta' mill-inqas 30 jum kalendarju, li jibda wara t-terminazzjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni li kien miftiehem bejn il-klijent u l-fornitur *tas-servizz*, f'konformità mal-paragrafu 1(a) u l-paragrafu 2.

Emenda

(c) perjodu minimu għall-irkupru tad-data ta' mill-inqas 30 jum kalendarju, li jibda wara t-terminazzjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni li kien miftiehem bejn il-klijent u l-fornitur *tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data*, f'konformità mal-paragrafu 1(a) u l-paragrafu 2

Emenda 143

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) obbligu fuq il-fornitur ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data li jħassar id-data esportabbli kollha tal-klijent preċedenti wara l-iskadenza tal-perjodu stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu;

Emenda 144

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Meta l-perjodu ta' tranżizzjoni obbligatorju kif definit fil-paragrafu 1(a) u (c) ta' dan l-Artikolu jkun teknikament mhux fattibbli, il-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandu jinnotifika lill-klijent fi żmien *sebat (7) ijiem* tax-xogħol wara li tkun saret it-talba għall-qlib, *fejn*

2. Meta l-perjodu ta' tranżizzjoni obbligatorju kif definit fil-paragrafu 1(a) u (c) ta' dan l-Artikolu jkun teknikament mhux fattibbli, il-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandu jinnotifika lill-klijent fi żmien *14-il jum* tax-xogħol wara li tkun saret it-talba għall-qlib, *u* għandu

għandu **jagħti r-raġuni xierqa għan-nuqqas** ta' fattibbiltà teknika **b'rapport dettaljat** u **għandu** jindika perjodu ta' tranżizzjoni alternattiv, li ma jistax jaqbeż **is-sitt (6)** xhur. F'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandha tiġi żgurata kontinwità **sħiħa** tas-servizz matul il-perjodu ta' tranżizzjoni alternattiv kollu kontra imposti mnaqqsa, li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 25(2).

jimmotiva debitament in-nuqqas ta' fattibbiltà teknika u jindika perjodu ta' tranżizzjoni alternattiv, li ma jistax jaqbeż **id-9** xhur. F'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandha tiġi żgurata kontinwità tas-servizz matul il-perjodu ta' tranżizzjoni alternattiv kollu kontra imposti mnaqqsa, li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 25(2). **Il-klijent għandu jżomm id-dritt li jestendi dak il-perjodu, jekk ikun meħtieġ, qabel jew matul il-proċess tal-qlib;**

Emenda 145

Proposta għal regolament Artikolu 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 24a

Obbligu ta' informazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data tad-destinazzjoni

Il-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data tad-destinazzjoni għandu jipprovdi lill-klijent b'informazzjoni dwar il-proċeduri disponibbli għall-bdil u l-portabbiltà għas-servizz tal-ipproċessar tad-data meta dan ikun destinazzjoni tal-portabbiltà, inkluża informazzjoni dwar il-metodi u l-formati disponibbli tal-portabbiltà kif ukoll ir-restrizzjonijiet u l-limitazzjonijiet tekniċi li huma magħrufa mill-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data tad-destinazzjoni.

Emenda 146

Proposta għal regolament Artikolu 24b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 24b

Obbligu ta' bona fide

Il-partijiet kollha involuti, inklużi l-fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data tad-destinazzjoni, għandhom jikkollaboraw in bona fide biex jagħmlu l-proċess tal-qlib effettiv, jippermettu t-trasferiment f'waqtu tad-data meħtieġa u jżommu l-kontinwità tas-servizz.

Emenda 147

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Minn ***[data X+3 snin]*** 'il quddiem, il-fornituri tas-servizzi ***tal-ipproċessar tad-data*** ma għandhom jimponu l-ebda imposta fuq ***il-klijent*** għall-proċess tal-qlib.

Emenda

1. Minn ***[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** 'il quddiem, il-fornituri tas-servizzi ***tal-cloud computing*** ma għandhom jimponu l-ebda imposta fuq ***il-klijenti li huma konsumaturi*** għall-proċess tal-qlib.

Emenda 148

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Minn [data X, id-data tad-dħul fis-seħħ ***tal-Att dwar id-Data***] sa [data X+3snin], il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jistgħu jimponu imposti mnaqqsa fuq ***il-klijent*** għall-proċess tal-qlib.

Emenda

2. Minn [data X, id-data tad-dħul fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament***] sa [data X+3snin], il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jistgħu jimponu imposti mnaqqsa fuq ***il-klijenti fil-kuntest tar-relazzjonijiet bejn in-negozji*** għall-proċess tal-qlib, ***b'referenza partikolari għat-tariffi tal-ħruġ.***

Emenda 149

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Minn [3 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] 'il quddiem, il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data ma għandhom jimponu l-ebda imposta għall-proċess tal-qlib.

Emenda 150

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-imposti msemmija fil-paragrafu 2 ma għandhomx jaqbu l-kostijiet imġarrba mill-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data li huma direttament marbuta mal-proċess tal-qlib ikkonċernat.

Emenda

3. L-imposti msemmija fil-paragrafu 2 ma għandhomx jaqbu l-kostijiet imġarrba mill-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data li huma direttament marbuta mal-proċess tal-qlib ikkonċernat **u għandhom ikunu marbuta mal-operazzjonijiet obbligatorji li l-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jridu jwettqu bħala parti mill-proċess tal-qlib.**

Emenda 151

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. It-tariffi u l-imposti standard tal-abbonamenti jew tas-servizzi għal xogħol ta' servizzi ta' tranżizzjoni professjonali mwettaq mill-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data fuq talba tal-klijent għal appoġġ fil-proċess tal-qlib ma għandhomx jitqiesu bħala imposti tal-qlib għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

Emenda 152

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 3b (ġdid)

3b. *Qabel ma jidħol fi ftehim kuntrattwali ma' klijent, il-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandu jipprovdi informazzjoni ċara lill-klijent li tiddeskrivi l-imposti fuq il-klijent għall-proċess tal-qlib skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll it-tariffi u l-imposti msemmija fil-paragrafu 3a ta' dan l-Artikolu, u, meta rilevanti, għandu jipprovdi informazzjoni dwar is-servizzi li jinvolvu qlib kumpless ħafna jew għali jew li għalih hu impossibbli li jsir mingħajr interferenza sinifikanti fid-data, fl-applikazzjoni jew fl-arkitettura tas-servizz. Fejn applikabbli, il-fornitur ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data għandu jagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku għall-klijenti permezz ta' taqsima ddedikata tas-sit web tagħhom jew bi kwalunkwe mod ieħor faċilment aċċessibbli.*

Emenda 153

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 biex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex tintroduċi mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-Kummissjoni biex timmonitorja l-imposti tal-qlib imposti mill-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data fis-suq, biex tiżgura li l-irtirar tal-imposti tal-qlib kif deskritt *fil-paragrafu 1* ta' dan l-Artikolu jintlaħaq f'konformità mal-iskadenza prevista *fl-istess paragrafu*.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38 biex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex tintroduċi mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-Kummissjoni biex timmonitorja l-imposti tal-qlib imposti mill-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data fis-suq, biex tiżgura li l-irtirar *u t-tnaqqis* tal-imposti tal-qlib kif deskritt *fil-paragrafi 1 u 2* ta' dan l-Artikolu jintlaħaq f'konformità mal-iskadenza prevista *f'dawk il-paragrafi*.

Emenda 154

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data li jikkonċernaw riżorsi tal-informatika skalabbli u elastiċi limitati għal elementi infrastrutturali bħal servers, networks u r-riżorsi virtwali meħtieġa għall-operat tal-infrastruttura, iżda li ma jipprovdux aċċess għas-servizzi operatorji, software u applikazzjonijiet li jinħażnu, ipproċessati mod ieħor, jew użati fuq dawk l-elementi infrastrutturali, għandhom ***jiżguraw*** li l-klijent, wara li jaqleb għal servizz li jkopri l-istess tip ta' servizz offrut minn fornitur differenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data, ***igawdi*** ekwivalenza funzjonali fl-użu tas-servizz il-ġdid.

Emenda

1. Il-fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data li jikkonċernaw riżorsi tal-informatika skalabbli u elastiċi limitati għal elementi infrastrutturali bħal servers, networks u r-riżorsi virtwali meħtieġa għall-operat tal-infrastruttura, iżda li ma jipprovdux aċċess għas-servizzi operatorji, software u applikazzjonijiet li jinħażnu, ipproċessati mod ieħor, jew użati fuq dawk l-elementi infrastrutturali, għandhom ***jieħdu miżuri raġonevoli fi ħdan is-setgħa tagħhom biex jiffaċilitaw*** li l-klijent, wara li jaqleb għal servizz li jkopri l-istess tip ta' servizz offrut minn fornitur differenti ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data, ***jikseb*** ekwivalenza funzjonali fl-użu tas-servizz il-ġdid, ***sakemm dik l-ekwivalenza funzjonali tkun stabbilita mill-fornitur ta' destinazzjoni tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data. Il-fornitur sors tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandu jiffaċilita l-proċess billi jipprovdi kapaċitajiet, informazzjoni adegwata, dokumentazzjoni, appoġġ tekniku u, fejn xieraq, l-għodod meħtieġa.***

Emenda 155

Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***Għas-servizzi*** tal-ipproċessar tad-data ***għajr dawk koperti mill-paragrafu 1, il-fornituri*** tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandhom jagħmlu l-interfaċċi miftuħa disponibbli pubblikament u mingħajr ħlas.

Emenda

2. ***Il-fornituri tas-servizzi*** tal-ipproċessar tad-data, ***inklużi l-fornituri*** tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data ***tad-destinazzjoni***, għandhom jagħmlu l-interfaċċi miftuħa disponibbli pubblikament u mingħajr ħlas ***sabiex jiffaċilitaw il-qlib bejn dawk is-servizzi u l-portabbiltà u tal-interoperabbiltà tad-data. F'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dawk is-servizzi għandhom jagħmluha possibbli wkoll li servizz***

speċifiku, fejn ma jkun hemm l-ebda ostaklu kbir, ikun jista' jiġi diżaggregat mill-kuntratt u jkun disponibbli għall-bdil b'mod interoperabbli.

Emenda 156

Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. **Għas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għajr dawk koperti mill-paragrafu 1,** il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandhom jiżguraw il-kompatibbiltà mal-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà jew mal-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà li huma identifikati f'konformità mal-Artikolu 29(5) ta' dan ir-Regolament.

Emenda

3. Il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandhom jiżguraw il-kompatibbiltà mal-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà **u l-portabbiltà** jew mal-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà li huma identifikati f'konformità mal-Artikolu 29(5) ta' dan ir-Regolament.

Emenda 157

Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

3a. Il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data li għalihom ġiet ippubblikata speċifikazzjoni miftuħa ġdida tal-interoperabbiltà u l-portabbiltà jew standard Ewropew fir-repożitorju msemmi fl-Artikolu 29(5) għandu jkollhom id-dritt għal tranżizzjoni ta' sena għall-konformità mal-obbligu msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Emenda

Emenda 158

Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Meta l-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà jew l-istandards Ewropej imsemmija fil-paragrafu 3 ma jkunux jeżistu **għat-tip ta' servizz ikkonċernat**, il-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandu, fuq talba tal-klijent, **jesporta d-data kollha ġġenerata jew ikkofinanzjata, inkluż il-formati tad-data u l-istrutturi tad-data rilevanti**, f'format strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara minn magna.

Emenda 159

Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta l-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà **u l-portabbiltà** jew l-istandards Ewropej imsemmija fil-paragrafu 3 ma jkunux jeżistu **għas-servizz ekwivalenti kkonċernat**, il-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandu, fuq talba tal-klijent, **meta jkun teknikament fattibbli, jesporta d-data kollha li tista' tiġi esportata** f'format strutturat, użat b'mod komuni u li jinqara minn magna **kif indikat lill-klijent f'konformità mal-istrateġija tal-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 24(1)(ab), sakemm ma jkunx aċċettat format ieħor mill-klijent.**

Emenda

4a. Il-fornituri ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data ma għandhomx ikunu meħtieġa jiżviluppaw teknoloġiji jew servizzi ġodda, jiżvelaw jew jittrasferixxu data jew teknoloġija proprjetarja jew kunfidenzjali lil klijent jew lil fornitur ieħor ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data jew jikkompromettu s-sigurtà u l-integrità tas-servizz tal-klijent jew tal-fornitur;

Emenda 160

Proposta għal regolament Artikolu 26a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 26a

Eżenzjonijiet għal ċerti servizzi tal-ipproċessar tad-data

1. L-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 23(1)(d) u l-Artikoli 25 u 26 ma

*għandhomx japplikaw għal servizzi tal-
ipproċessar tad-data li nbnew apposta
biex jiffaċilitaw il-ħtieġa speċifika ta'
klijent.*

*2. L-obbligi stabbiliti f'dan il-
Kapitolu ma għandhomx japplikaw għal
servizzi tal-iproċessar tad-data pprovduti
mingħajr ħlas, li joperaw fuq bażi ta'
prova jew jipprovdu biss servizz ta' ttestjar
u evalwazzjoni għall-offerti ta' prodotti
kummerċjali.*

Emenda 161

Proposta għal regolament Artikolu 26b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 26b

Soluzzjoni tat-tilwim

*1. Il-klijenti għandu jkollhom aċċess
għall-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim,
iċċertifikati f'konformità mal-
Artikolu 10(2), biex isolvu t-tilwim b'rabta
mal-ksur tad-drittijiet tal-klijenti u l-
obbligi tal-fornituri ta' servizzi tal-
ipproċessar tad-data fir-rigward tal-qlib
bejn il-fornituri ta' tali servizzi. Il-klijent
għandu jkollu d-dritt li jippermetti lil parti
terza ssegwi l-pretensjonijiet legali tagħha
f'ismu.*

*2. L-Artikolu 10(3) sa (9) għandhom
japplikaw għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn
il-klijenti u l-fornituri tas-servizz tal-
ipproċessar tad-data b'rabta mal-qlib bejn
il-fornituri ta' tali servizzi.*

Emenda 162

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. ***Il-fornituri*** tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandhom jieħdu l-miżuri tekniċi, ġuridiċi u organizzazzjonali raġonevoli kollha, inkluż arranġamenti kuntrattwali, sabiex jevitaw it-trasferiment internazzjonali jew l-aċċess tal-gvern għal data mhux personali miżmuma fl-Unjoni fejn tali trasferiment jew aċċess joħloq kunflitt mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 jew 3.

1. ***Id-detenturi tad-data u l-fornituri*** tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandhom jieħdu l-miżuri tekniċi, ġuridiċi u organizzazzjonali ***neċessarji u*** raġonevoli kollha, inkluż arranġamenti kuntrattwali, sabiex jevitaw it-trasferiment internazzjonali jew l-aċċess tal-gvern għal data mhux personali miżmuma fl-Unjoni fejn tali trasferiment jew aċċess joħloq kunflitt mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 jew 3 ***ta' dan l-Artikolu.***

Emenda 163

**Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 17 – subparagrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-detenturi tad-data u l-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandhom jagħmlu trasparenti għad-detenturi tad-data l-politiki, il-prattiki u l-arranġamenti li japplikaw għal trasferiment internazzjonali jew għall-aċċess tal-gvern għal data mhux personali miżmuma fl-Unjoni.

Emenda 164

**Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Meta detentur tad-data jew fornitur ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data jittrasferixxi data, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitqiesu li ġew issodisfati meta d-data tiġi ttrasferita lejn pajjiż mhux elenkat f'konformità mal-Artikolu 27a.

Emenda 165

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kwalunkwe deċiżjoni jew sentenza ta' qorti jew tribunal u kwalunkwe deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva ta' pajjiż terz li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' pproċessar tad-data jittrasferixxi minn jew jagħti aċċess għal data mhux personali fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, miżmuma fl-Unjoni, tista' tiġi rikonoxxuta jew infurzabbli biss bi kwalunkwe mod jekk tkun ibbażata fuq ftehim internazzjonali, bħal trattat dwar l-assistenza legali reċiproka, fis-seħħ bejn il-pajjiż terz rikjedenti u l-Unjoni jew kwalunkwe ftehim bħal dan bejn il-pajjiż terz rikjedenti u Stat Membru.

Emenda

2. Kwalunkwe deċiżjoni jew sentenza ta' qorti jew tribunal u kwalunkwe deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva ta' pajjiż terz li tirrikjedi li ***detentur tad-data jew*** fornitur ta' servizzi ta' pproċessar tad-data jittrasferixxi minn jew jagħti aċċess għal data mhux personali fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, miżmuma fl-Unjoni, tista' tiġi rikonoxxuta jew infurzabbli biss bi kwalunkwe mod jekk tkun ibbażata fuq ftehim internazzjonali, bħal trattat dwar l-assistenza legali reċiproka, fis-seħħ bejn il-pajjiż terz rikjedenti u l-Unjoni jew kwalunkwe ftehim bħal dan bejn il-pajjiż terz rikjedenti u Stat Membru.

Emenda 166

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Fin-nuqqas ta' tali ftehim internazzjonali, meta fornitur ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data jkun id-destinatarju ta' deċiżjoni ta' qorti jew tribunal jew deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva ta' pajjiż terz li tittrasferixxi minn jew li tagħti aċċess għal data mhux personali fl-ambitu ta' dan ir-Regolament miżmuma fl-Unjoni, u l-konformità ma' tali deċiżjoni toħloq ir-riskju li d-destinatarju jitqiegħed f'kunflitt mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti, it-trasferiment għal jew l-aċċess għal tali data minn dik l-awtorità ta' pajjiż terz għandu jseħħ biss:

Emenda

Fin-nuqqas ta' tali ftehim internazzjonali, meta ***detentur tad-data u*** fornitur ta' servizzi tal-ipproċessar tad-data jkun id-destinatarju ta' deċiżjoni ta' qorti jew tribunal jew deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva ta' pajjiż terz li tittrasferixxi minn jew li tagħti aċċess għal data mhux personali fl-ambitu ta' dan ir-Regolament miżmuma fl-Unjoni, u l-konformità ma' tali deċiżjoni toħloq ir-riskju li d-destinatarju jitqiegħed f'kunflitt mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti, it-trasferiment għal jew l-aċċess għal tali data minn dik l-awtorità ta' pajjiż terz għandu jseħħ biss ***wara rieżami mill-korpi jew l-awtoritajiet kompetenti rilevanti, skont dan ir-Regolament, biex jiġi vvalutat jekk, minbarra d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi nazzjonali jew tal-Unjoni***

rilevanti, ikunux ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda 167

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data stabbilit skont ir-Regolament [xxx – DGA] għandu jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar il-valutazzjoni ta' jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfati.

imħassar

Emenda 168

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Jekk il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2 jew 3 jiġu ssodisfati, il-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandu jipprovdi l-ammont minimu ta' data permissibbli bi tweġiba għal talba, abbażi ta' interpretazzjoni raġonevoli tagħha.

4. Jekk il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2 jew 3 jiġu ssodisfati, ***id-detentur tad-data jew*** il-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandu jipprovdi l-ammont minimu ta' data permissibbli bi tweġiba għal talba, abbażi ta' interpretazzjoni raġonevoli tagħha.

Emenda 169

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Il-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandu jinforma lid-detentur tad-data dwar l-eżistenza ta' talba minn awtorità amministrattiva f'pajjiż terz biex taċċessa d-data tiegħu qabel ma jikkonforma mat-talba tagħha, ħlief

5. Il-fornitur tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandu jinforma lid-detentur tad-data ***u lill-klijent tiegħu*** dwar l-eżistenza ta' talba minn awtorità amministrattiva f'pajjiż terz biex taċċessa d-data tiegħu qabel ma jikkonforma mat-

f'każijiet fejn it-talba sservi skopijiet ta' infurzar tal-liġi u sakemm dan ikun meħtieġ biex tiġi ppreservata l-effettività tal-attività tal-infurzar tal-liġi.

talba tagħha, ħlief f'każijiet fejn it-talba sservi skopijiet ta' infurzar tal-liġi u sakemm dan ikun meħtieġ biex tiġi ppreservata l-effettività tal-attività tal-infurzar tal-liġi.

Emenda 170

Proposta għal regolament Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 27a

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 27(1), il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tadotta lista ta' ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi fejn it-trasferiment internazzjonali jew l-aċċess governattiv għal data mhux personali miżmuma fl-Unjoni jistgħu joħlqu kunflitt mad-dritt tal-Unjoni, b'kont meħud ta':

(i) il-liġi konfliġġenti inkluż dwar il-protezzjoni tad-data, is-sigurtà pubblika u s-sigurtà nazzjonali;

(ii) l-aċċess għall-proċedura ta' oġġezzjoni motivata;

(iii) il-livell ta' riskju għall-kunfidenzjalità tad-data, b'mod partikolari r-riskju għas-sigrieti kummerċjali; kif ukoll

(iv) ir-rikonoxximent tal-adeqwatezza ta' pajjiżi terzi skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2016/679.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).

3. Meta tkun qed tħejji l-lista msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta u tqis kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Bord

għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data stabbilit skont ir-Regolament [xxx – l-Att dwar il-Governanza tad-Data] u gruppi ta' esperti rilevanti oħra.

Emenda 171

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-operaturi **tal-ispazji** tad-data għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali li ġejjin biex tiġi ffaċilitata l-interoperabbiltà tad-data, tal-mekkaniżmi u tas-servizzi tal-kondiviżjoni tad-data:

Emenda

Id-detenturi tad-data u l-operaturi **fl-ispazji** tad-data **komuni Ewropej** għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali li ġejjin biex tiġi ffaċilitata l-interoperabbiltà tad-data, tal-mekkaniżmi u tas-servizzi tal-kondiviżjoni tad-data:

Emenda 172

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-kontenut tas-sett tad-data, ir-restrizzjonijiet fuq l-użu, il-liċenzji, il-metodoloġija tal-ġbir tad-data, il-kwalità tad-data u l-inċertezza għandhom ikunu deskritti b'mod suffiċjenti biex jippermettu lir-riċevitur isib, jaċċessa u juża d-data;

Emenda

(a) il-kontenut tas-sett tad-data, ir-restrizzjonijiet fuq l-użu, il-liċenzji, il-metodoloġija tal-ġbir tad-data, il-kwalità tad-data u l-inċertezza għandhom ikunu deskritti **f'format li jinqara minn magna** b'mod suffiċjenti biex jippermettu lir-riċevitur isib, jaċċessa u juża d-data;

Emenda 173

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-istrutturi tad-data, il-formati tad-data, il-vokabularji, l-iskemi ta' klassifikazzjoni, it-tassonomiji u l-listi tal-kodiċijiet għandhom jiġu deskritti b'mod disponibbli pubblikament u konsistenti;

Emenda

(b) l-istrutturi tad-data, il-formati tad-data, il-vokabularji, l-iskemi ta' klassifikazzjoni, it-tassonomiji u l-listi tal-kodiċijiet, **meta disponibbli**, għandhom jiġu deskritti b'mod disponibbli

pubblikament u konsistenti;

Emenda 174

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-mezzi tekniċi għall-aċċess għad-data, bħall-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet, u t-termini tal-użu u l-kwalità tas-servizz tagħhom għandhom jiġu deskritti b'mod suffiċjenti biex jippermettu l-aċċess u t-trażmissjoni awtomatiċi tad-data bejn il-partijiet, inkluż kontinwament jew f'ħin reali, f'format li jinqara minn magna;

Emenda

(c) **meta applikabbli**, il-mezzi tekniċi għall-aċċess għad-data, bħall-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet, u t-termini tal-użu u l-kwalità tas-servizz tagħhom għandhom jiġu deskritti b'mod suffiċjenti biex jippermettu l-aċċess u t-trażmissjoni awtomatiċi tad-data bejn il-partijiet, inkluż kontinwament jew f'ħin reali, f'format li jinqara minn magna;

Emenda 175

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 38 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika **ulterjorment ir-rekwiżiti essenzjali** msemmija fil-paragrafu 1.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 38 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika **rekwiżiti essenzjali għal standards armonizzati** msemmija fil-paragrafu 1 **filwaqt li tqis, fejn rilevanti, il-pożizzjonijiet adottati mill-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data, kif imsemmi fl-Artikolu 30(f) tar-Regolament... [DGA].**

Emenda 176

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-operaturi **tal-ispazji** tad-data li jissodisfaw l-istandards armonizzati jew

Emenda

3. L-operaturi **fl-ispazji tad-data u d-detenturi** tad-data li jissodisfaw l-

partijiet minnhom ippubblikati b'referenza f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu preżunti li huma f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sa fejn dawk l-istandards ikopru dawk ir-rekwiżiti.

istandards armonizzati jew partijiet minnhom ippubblikati b'referenza f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu preżunti li huma f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sa fejn dawk l-istandards ikopru dawk ir-rekwiżiti.

Emenda 177

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni **għandha**, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni, fejn ma jkunux jeżistu standards armonizzati msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew f'każ li tqis li l-istandards armonizzati rilevanti ma humiex biżżejjed biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fejn meħtieġ, **fir-rigward ta' kwalunkwe rekwiżit jew fir-rigward tar-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk** l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).

Emenda

5. Il-Kummissjoni **tista'**, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni, fejn ma jkunux jeżistu standards armonizzati msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jew f'każ li tqis li l-istandards armonizzati rilevanti ma humiex biżżejjed biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fejn meħtieġ, **Qabel ma tadotta tali atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tfittex parir u tqis il-pożizzjonijiet rilevanti adottati mill-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data, kif imsemmi fl-Artikolu 30(f) tar-Regolament... [DGA].** L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).

Emenda 178

Proposta għal regolament Artikolu 29 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

L-interoperabbiltà għas-servizzi tal-ipproċessar tad-data

Emenda

L-interoperabbiltà **u l-portabbiltà** għas-servizzi tal-ipproċessar tad-data

Emenda 179

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà u l-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandhom:

Emenda

1. L-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà u **tal-portabbiltà u** l-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà u **l-portabbiltà** tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data għandhom:

Emenda 180

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ikollhom il-prestazzjoni tagħhom orjentata lejn il-kisba tal-interoperabbiltà bejn servizzi differenti tal-ipproċessar tad-data li jkopru ***l-istess tip ta' servizz***;

Emenda

(a) ***meta teknikament fattibbli***, ikollhom il-prestazzjoni tagħhom orjentata lejn il-kisba tal-interoperabbiltà bejn servizzi differenti tal-ipproċessar tad-data li jkopru ***servizzi ekwivalenti***;

Emenda 181

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) itejbu l-portabbiltà tal-assi diġitali bejn servizzi differenti tal-ipproċessar tad-data li jkopru ***l-istess tip ta' servizz***;

Emenda

(b) itejbu l-portabbiltà tal-assi diġitali bejn servizzi differenti tal-ipproċessar tad-data li jkopru ***servizzi ekwivalenti***;

Emenda 182

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ***jiggarantixxu***, fejn ikun teknikament fattibbli, ekwivalenza

Emenda

(c) ***jiffaċilitaw***, fejn ikun teknikament fattibbli, ekwivalenza funzjonali bejn

funzjonali bejn servizzi *differenti* tal-
ipproċessar tad-data li jkopru *l-istess tip ta'*
servizz.

servizzi tal-ipproċessar tad-data *msemmija*
fl-Artikolu 26(1) li jkopru *servizzi*
ekwivalenti.

Emenda 183

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) ma għandux ikollu impatt negattiv
fuq is-sigurtà u l-integrità tas-servizzi u
tad-data;

Emenda 184

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) jitfasslu b'tali mod li jippermettu
avvanzi tekniċi u l-inklużjoni ta'
funzjonijiet u innovazzjoni ġodda fis-
servizzi tal-ipproċessar tad-data.

Emenda 185

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-
interoperabbiltà u l-istandards Ewropej
għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-
ipproċessar tad-data għandhom
jindirizzaw:

2. L-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-
interoperabbiltà u **tal-portabbiltà** u l-
istandards Ewropej għall-interoperabbiltà
tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data
għandhom jindirizzaw:

Emenda 186

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà għandhom jikkonformaw mal-paragrafi 3 u 4 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Emenda

3. L-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà **u l-portabbiltà** għandhom jikkonformaw mal-paragrafi 3 u 4 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Emenda 187

**Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà u tal-portabbiltà u l-istandards Ewropej ma għandhomx ifixklu s-suq għas-servizzi tal-ipproċessar tad-data jew jillimitaw l-iżvilupp ta' kwalunkwe teknoloġija jew soluzzjoni ġdida li tikkompeti u innovattiva jew kwalunkwe teknoloġija jew soluzzjoni li tkun ibbażata fuqhom.

Emenda 188

**Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-Kummissjoni tista', f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew lil **aktar** minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda biex jabbozzaw standards Ewropej applikabbli għal **tipi speċifiċi ta' servizzi ta' servizzi** tal-ipproċessar tad-data.

4. **Wara li tqis l-istandards internazzjonali u Ewropej u l-inizjattivi awtoregolatorji rilevanti**, il-Kummissjoni tista', f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, titlob lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew lil **iktar** minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda biex jabbozzaw standards Ewropej applikabbli għal servizzi **ekwivalenti speċifiċi** tal-ipproċessar tad-data.

Emenda 189

**Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. Għall-finijiet tal-Artikolu 26(3) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 38, tippubblika r-referenza tal-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà u l-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data fir-repożitorju ċentrali tal-istandards tal-Unjoni għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data, fejn dawn jissodisfaw il-kriterji speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Emenda

5. Għall-finijiet tal-Artikolu 26(3) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati **li jissupplementaw dan ir-Regolament**, f'konformità mal-Artikolu 38, tippubblika r-referenza tal-ispeċifikazzjonijiet miftuħa tal-interoperabbiltà u **l-portabbiltà** l-istandards Ewropej għall-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data, **żviluppati mill-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni rilevanti jew organizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012**, fir-repożitorju ċentrali tal-istandards tal-Unjoni għall-interoperabbiltà u **l-portabbiltà** tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data, fejn dawn jissodisfaw il-kriterji speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 190

**Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

(c) L-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għall-applikazzjoni u għall-infurzar tal-Kapitolu VI ta' dan ir-Regolament għandu jkollha esperjenza fil-qasam tas-servizzi tad-data u tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

Emenda

(c) L-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għall-applikazzjoni u għall-infurzar tal-Kapitolu VI ta' dan ir-Regolament għandu jkollha esperjenza, **biżżejjed riżorsi tekniċi u umani u għarfien espert** fil-qasam **tal-protezzjoni tal-konsumatur**, tas-servizzi tad-data u tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

Emenda 191

**Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 7**

Test propost mill-Kummissjoni

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti maħtura jingħataw ir-riżorsi meħtieġa biex iwettqu b'mod adegwat il-kompiti tagħhom f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti maħtura jingħataw ir-riżorsi **tekniċi u umani** meħtieġa biex iwettqu b'mod adegwat il-kompiti tagħhom f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda 192

**Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 7a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. L-awtoritajiet kompetenti se jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra biex jiżguraw applikazzjoni konsistenti u effiċjenti ta' dan ir-Regolament. Din l-assistenza reċiproka se tinkludi l-iskambju tal-informazzjoni rilevanti kollha b'mezzi elettroniċi siguri, mingħajr dewmien żejjed, b'mod partikolari biex jitwettqu l-kompiti msemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 3.

Emenda 193

**Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw ilment, individwalment jew, **fejn rilevanti**, kollettivament, mal-awtorità kompetenti rilevanti fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom, post tax-xogħol jew stabbiliment jekk iqisu li d-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament ikunu nkisru.

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju ieħor, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw ilment, individwalment jew, kollettivament, mal-awtorità kompetenti rilevanti fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom, post tax-xogħol jew stabbiliment jekk iqisu li d-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament ikunu nkisru.

Emenda 194

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw biex jittrattaw u jsolvu l-ilmenti, inkluż billi jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti kollha b'mezzi elettroniċi, mingħajr dewmien żejjed. Din il-kooperazzjoni ma għandhiex taffettwa l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni speċifiku previst fil-Kapitoli VI u VII tar-Regolament (UE) 2016/679.

Emenda

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw biex jittrattaw u jsolvu l-ilmenti ***b'mod effettiv u f'waqtu***, inkluż billi ***jistabbilixxu skadenzi raġonevoli għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet formali, jiżguraw l-ugwaljanza tal-partijiet, jiżguraw id-dritt li jinstemgħu mill-ilmentaturi u l-aċċess għall-fajl matul il-proċess kollu u*** jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti kollha b'mezzi elettroniċi, mingħajr dewmien żejjed. Din il-kooperazzjoni ma għandhiex taffettwa l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni speċifiku previst fil-Kapitoli VI u VII tar-Regolament (UE) 2016/679.

Emenda 195

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tirrakkomanda mudelli ta' termini kuntrattwali mhux vinkolanti dwar l-aċċess għad-data u l-użu tagħha biex tgħin lill-partijiet fl-abbozzar u fin-negozjar ta' kuntratti bi drittijiet u b'obbligi kuntrattwali bbilanċjati.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tirrakkomanda mudelli ta' termini kuntrattwali mhux vinkolanti dwar l-aċċess għad-data u l-użu tagħha biex tgħin lill-partijiet fl-abbozzar u fin-negozjar ta' kuntratti bi drittijiet u b'obbligi kuntrattwali bbilanċjati. ***Tali termini kuntrattwali għandhom ikunu konformi mal-prinċipji Ġusti, Raġonevoli u Mhux Diskriminatorji (FRAND).***

Emenda 196

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, toħroġ linji gwida dwar id-definizzjoni ta' prodotti biex taċċerta liema apparat huwa inkluż jew eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mad-definizzjoni ta' prodott skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 197

**Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) l-interazzjoni bejn dan ir-Regolament, il-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur u liġi rilevanti oħra tal-Unjoni, sabiex tiġi vvalutata kwalunkwe dispożizzjoni, regolamentazzjoni żejda jew lakuna leġiżlattiva konfliġġenti possibbli;

Emenda 198

**Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-impatt tal-obbligi previsti fil-Kapitolu VI, l-Artikolu 27 u l-Artikolu 29 fuq il-kost tas-servizzi tal-cloud computing fl-Unjoni, bil-ħsieb ta' eliminazzjoni gradwali sħiħa tat-tariffi għall-qlib;

Emenda 199

**Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) l-effiċjenza u l-heffu tal-infurzar;

Emenda 200

**Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għandu japplika minn [**12-il** xahar wara d-
data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-
Regolament].

Għandu japplika minn [**24** xahar wara d-
data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-
Regolament].

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha (L-Att dwar id-Data)		
Referenzi	COM(2022)0068 – C9-0051/2022 – 2022/0047(COD)		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 23.3.2022		
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 23.3.2022		
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	7.7.2022		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Adam Bielan 11.5.2022		
Eżami fil-kumitat	26.10.2022	29.11.2022	8.12.2022
Data tal-adozzjoni	24.1.2023		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	33 7 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Biljana Borzan, Dita Charanzová, Deirdre Clune, David Cormand, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Svenja Hahn, Arba Kokalari, Marcel Kolaja, Kateřina Konečná, Andrey Kovatchev, Jean-Lin Lacapelle, Morten Løkkegaard, Adriana Maldonado López, Antonius Manders, Beata Mazurek, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, Miroslav Radačovský, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann, Marco Zullo		
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Maria da Graça Carvalho, Malte Gallée, Tsvetelina Penkova, Kosma Złotowski		
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Adam Jarubas, Camilla Laureti, Bogdan Rzońca, Loránt Vincze		

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

33	+
ECR	Adam Bielan, Beata Mazurek, Bogdan Rzońca, Kosma Złotowski
ID	Jean-Lin Lacapelle
NI	Miroslav Radačovský
PPE	Pablo Arias Echeverría, Maria da Graça Carvalho, Deirdre Clune, Adam Jarubas, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Loránt Vincze, Marion Walsmann
Renew	Andrus Ansip, Dita Charanzová, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Morten Løkkegaard, Róża Thun und Hohenstein, Marco Zullo
S&D	Alex Agius Saliba, Biljana Borzan, Maria Grapini, Camilla Laureti, Adriana Maldonado López, Leszek Miller, Tsvetelina Penkova, Christel Schaldemose

7	-
The Left	Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	David Cormand, Malte Gallée, Alexandra Geese, Marcel Kolaja, Kim Van Sparrentak

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni